

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 109

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

28 ta' April 2011

Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Ir-Regolament Nru 14 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza, is-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX ..... 1
- ★ Ir-Regolament Nru 34 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni ta' riskji tan-nar. .... 55

Prezz: EUR 4

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/ECE biss għandhom effett legali skont il-liġi pubblika internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkontrollati fil-verzjoni l-aktar reċenti tad-dokument ta' status tan-NU/ECE TRANS/WP.29/343, li huwa disponibbli fuq:

<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html>

**Ir-Regolament Nru 14 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza, is-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX**

Li tinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 1 għas-serje 07 ta' emendi – Id-data tad-dħul fis-seħħ: Id-19 ta' Awwissu 2010

WERREJ

REGOLAMENT

1. L-ambitu
2. Id-definizzjonijiet
3. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. L-approvazzjoni
5. L-ispeċifikazzjonijiet
6. It-testijiet
7. L-ispezzjoni matul u wara testijiet statiċi għall-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza
8. Il-modifiki għal u l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura
9. Il-konformità tal-produzzjoni
10. Il-pieni għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
11. L-istruzzjonijiet operattivi
12. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
13. L-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet ta' approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi
14. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji

L-ANNESI

Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni (jew l-estensjoni, jew ir-rifjut, jew l-irtirar, jew produzzjoni mwaqqfa għalkollox) ta' tip ta' vettura rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u s-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX u l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, skont ir-Regolament Nru 14.

Anness 2 – L-arranġamenti tal-marka ta' approvazzjoni

- Anness 3 – Il-post fejn jinsabu l-ankraġġi effettivi taċ-ċinturin
- Anness 4 – Il-proċedura biex ikun iddeterminat il-punt 'H' u l-angolu effettiv tat-torso għall-pożizzjonijiet bilqiegħda fil-vetturi bil-mutur
- Appendiċi 1 – Deskrizzjoni tal-magna tridimensjonali tal-punt 'H'
- Appendiċi 2 – Is-sistema tridimensjonali ta' referenza
- Appendiċi 3 – Id-data ta' referenza li tikkonċernra l-pożizzjonijiet bilqiegħda
- Anness 5 – L-apparat ta' trazzjoni
- Anness 6 – In-numru minimu ta' punti ta' ankraġġ u l-post fejn jinsabu l-ankraġġi ta' isfel
- Appendiċi – Il-post fejn jinsabu l-ankraġġi ta' isfel – ir-rekwiżiti angolari biss
- Anness 7 – It-test dinamiku bħala alternattiva għat-test statiku tas-saħħa tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza
- Anness 8 – L-ispeċifikazzjonijiet tal-manikin
- Anness 9 – Is-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX
1. L-AMBITU  
Dan ir-Regolament japplika għal:
    - (a) Vetturi tal-kategoriji M u N <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-ankraġġi għaċ-ċinturini tas-sikurezza maħsuba għall-okkupanti adulti ta' sits li jħarsu 'l quddiem jew lura.
    - (b) Vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub> fir-rigward tas-sistemi tal-ankraġġ ISOFIX tagħhom u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX tagħhom, maħsuba għas-sigurtà tat-tfal. Kategoriji oħra ta' vetturi mgħammra b'ankraġġi ISOFIX għandhom ukoll jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
  2. ID-DEFINIZZJONIJIET  
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,
    - 2.1. 'Approvazzjoni ta' vettura' tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura mgħammra b'ankraġġi għal tipi partikolari ta' ċinturini tas-sikurezza;
    - 2.2. 'Tip ta' vettura' tfisser kategorija ta' vetturi b'magna, li mhumiex differenti f'tali aspetti essenzjali bħalma huma d-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali tal-komponenti tal-istruttura tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit li magħhom huma marbuta l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza u s-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, u, jekk is-saħħa tal-ankraġġi tiġi ttestjata skont it-test dinamiku, il-karatteristiċi ta' kwalunkwe komponent tas-sistema tat-trażżin, speċjalment il-funzjoni tat-tagħmir li jllimita t-tagħbija (load limiter function), li jkollha influwenza fuq il-forzi li japplikaw fuq l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza.
    - 2.3. 'Ankraġġi taċ-ċinturin' tfisser il-partijiet tal-istruttura tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit jew ta' kwalunkwe parti oħra tal-vettura li magħhom għandhom jitwählhli sew l-assemblaġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza;
    - 2.4. 'Ankraġġi effettivi ta' ċinturin' tfisser il-punt li ntuża sabiex ikun iddeterminat, b'mod konvenzjonali, kif ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4, l-angolu ta' kull parti taċ-ċinturin tas-sikurezza f'relazzjoni għal min jilbsu, jiġifieri l-punt li miegħu jeħtieġ li titwählhli ċinga sabiex tkun

<sup>(1)</sup> Kif iddefiniti fl-Anness 7 mar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-vetturi (R.E.3), id-dokument TRANS/WP29/78/Rev.1/Emend.2, kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4.

ipprovduta l-istess konfigurazzjoni bħall-konfigurazzjoni intenzjonata taċ-ċinturin meta milbus, u li jista' jew ma jistax ikun l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin jiddependi mill-konfigurazzjoni tal-bċejjeċ tat-twaħħil taċ-ċinturin tas-sikurezza fejn jitwaħħal mal-ankraġġ taċ-ċinturin.

- 2.4.1. Pereżempju, fil-każ
  - 2.4.1.1. fejn fuq l-istruttura tal-vettura jew fuq l-istruttura tas-sit tintuża gwida taċ-ċinga, il-punt nofsani tal-gwida fil-post fejn iċ-ċinga tħalli l-gwida fuq in-naħa ta' min jilbes iċ-ċinturin, għandu jitqies bħala l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin; u,
  - 2.4.1.2. fejn iċ-ċinturin jgħaddi direttament minn min jilbsu għal apparat li jiġbed lura mwaħħal mal-istruttura tal-vettura jew mal-istruttura tas-sit mingħajr gwida taċ-ċinga li tintervjeni, l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin għandu jitqies bħala li huwa l-intersezzjoni tal-assi tar-rukkell fejn tintrefa' ċ-ċinga bil-pjan jgħaddi mil-linja ċentrali taċ-ċinga fuq ir-rukkell;
- 2.5. 'Qiegħ' tfisser il-parti ta' isfel tal-qafas tal-vettura li tgħaqqad il-ħitan tal-ġenb tal-vettura. F'dan il-kuntest, jinkludi l-pjanċi tal-qafas, il-ħadidiet b'toqob u skanalaturi (swages) u possibbilment rinforzi oħra, anki jekk ikunu taħt il-qiegħ, bħal elementi lonġitudinali u trażversali;
- 2.6. 'Sit' tfisser struttura li tista' tkun integrali jew le mal-istruttura tal-vettura, kompluta bit-tapizzerija, maħsuba biex fuqha toqgħod bilqiegħda persuna adulta waħda. It-terminu jkopri kemm sit individwali kif ukoll parti minn sit f'forma ta' bank maħsub biex fuqu toqgħod bilqiegħda persuna waħda;
  - 2.6.1. 'Sit tal-passiġġier ta' quddiem' tfisser kwalunkwe sit fejn il-'punt H ta' quddiemnett' tas-sit ikkonċernat jinsab fi jew quddiem il-pjan vertikali trażversali mill-punt R tas-sewwieq;
- 2.7. 'Grupp ta' sits' tfisser jew tip ta' sit f'forma ta' bank jew sits li huma separati imma ħdejn xulxin (jiġifieri bl-ankraġġi ta' quddiem nett ta' sit wieħed allinjat ma' jew 'il quddiem mill-ankraġġi ta' wara nett u allinjat ma' jew wara l-ankraġġi ta' quddiem nett ta' sit ieħor) u jakkomoda persuna adulta bilqiegħda waħda jew aktar;
- 2.8. 'Sit f'forma ta' bank' tfisser struttura kompluta bit-tapizzerija, maħsuba biex fuqha toqgħod aktar minn persuna adulta waħda;
- 2.9. 'Tip ta' sit' tfisser kategorija ta' sits li ma jvarjawx f'tali aspetti essenzjali bħal:
  - 2.9.1. il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali tal-istruttura tas-sit,
  - 2.9.2. it-tipi u d-dimensjonijiet tas-sistemi ta' aġġustament u tas-sistemi li jsakkru kollha,
  - 2.9.3. it-tip u d-dimensjonijiet tal-ankraġġi taċ-ċinturin fuq is-sit, tal-ankraġġ tas-sit, u tal-partijiet affettwati tal-istruttura tal-vettura;
- 2.10. 'Ankraġġ tas-sit' tfisser is-sistema, inklużi l-partijiet affettwati tal-istruttura tal-vettura, li permezz tagħha l-assemblaġġ tas-sit jitwaħħal mal-istruttura tal-vettura;
- 2.11. 'Sistema ta' aġġustament' tfisser l-apparat li bih is-sit jew il-partijiet tiegħu jistgħu jiġu aġġustati għal pożizzjoni addattata għall-morfoloġija tal-okkupant li jkun bilqiegħda; b'mod partikolari, dan l-apparat jista' jippermetti:
  - 2.11.1. spostament lonġitudinali;
  - 2.11.2. spostament vertikali;
  - 2.11.3. spostament angolari.
- 2.12. 'Sistema ta' spostament' tfisser apparat li jippermetti li s-sit jew waħda mill-partijiet tiegħu jiġi spostat jew imdawwar mingħajr pożizzjoni intermedja fissa, sabiex ikun hemm aċċess faċli għall-ispazju wara s-sit ikkonċernat.
- 2.13. 'Sistema li tissakkar' tfisser kwalunkwe apparat li jiżgura li s-sit u l-partijiet tiegħu jinżammu fi kwalunkwe pożizzjoni ta' użu u jinkludi apparati li jsakkru kemm id-dahaħ tas-sit b'mod relattiv għas-sit kif ukoll is-sit b'mod relattiv għall-vettura.

- 2.14. 'Żona ta' referenza' tfisser l-ispazju bejn żewġ pjani vertikali lonġitudinali, 400 mm 'il bogħod minn xulxin u simetriċi fejn għandu x'jaqsam il-punt H, u definiti bir-rotazzjoni mill-veritkali għall-orizzontali tal-apparat tal-forma tar-ras, kif ġie deskritt fl-Anness 1 għar-Regolament Nru 21. L-apparat għandu jiġi ppożizzjonat kif ġie deskritt f'dak l-Anness għar-Regolament Nru 21 u ssettjat għat-tul massimu ta' 840 mm.
- 2.15. 'Il-funzjoni tat-tagħmir li jillimita t-tagħbija fuq it-toraċi' tfisser kwalunkwe parti taċ-ċinturin tas-sikurezza u/jew tas-sit u/jew tal-vettura maħsuba biex tillimita l-livell tal-forzi ta' trażżin li japplikaw fuq it-toraċi tal-okkupant f'każ ta' kollizzjoni.
- 2.16. 'ISOFIX' hija sistema għall-kollegament ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ma' vetturi li jkollha żewġ ankraġġi tal-vetturi riġidi, żewġ żjidiet riġidi li jikkorrispondu fuq is-sistema tat-trażżin għat-tfal u mezz li jillimita r-rotazzjoni tal-pitch tas-sistema tat-trażżin għat-tfal.
- 2.17. 'Pożizzjoni ISOFIX' tfisser sistema li tippermetti li jiġu installati:
- (a) jew sistema universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares 'il quddiem kif ġiet iddefinita fir-Regolament Nru 44,
  - (b) jew sistema semi-universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares 'il quddiem kif ġiet iddefinita fir-Regolament Nru 44,
  - (c) jew sistema semi-universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares lura kif ġiet iddefinita fir-Regolament Nru 44,
  - (d) jew sistema semi-universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li tħares lejn il-ġenb kif ġiet iddefinita fir-Regolament Nru 44,
  - (e) jew sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għal vettura speċifika kif ġiet iddefinita fir-Regolament Nru 44.
- 2.18. 'Ankraġġ baxx ISOFIX' tfisser żbarra orizzontali riġida u tonda b'dijametru ta' 6 mm, li testendi mill-istruttura tal-vettura jew tas-sit sabiex taċċetta u trażżan sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX b'żidiet ISOFIX.
- 2.19. 'Sistema ta' ankraġġi ISOFIX' tfisser sistema magħmula minn żewġ ankraġġi baxxi ISOFIX li hija mfassla sabiex tqabblad sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX ma' apparat ta' kontra r-rotazzjoni.
- 2.20. 'Żieda ISOFIX' tfisser waħda miż-żewġ kollegamenti, li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 44, li testendi mill-istruttura tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX, u li tkun kompatibbli mal-ankraġġ baxx ISOFIX.
- 2.21. 'Sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX' tfisser sistema tat-trażżin għat-tfal, li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 44, li trid titqabblad ma' sistema ta' ankraġġi ISOFIX.
- 2.22. 'Apparat għall-applikazzjoni ta' forza statika (SFAD – static force application device)' tfisser tagħmir fiss tat-test li jingaġġja s-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX tal-vettura u li jintuża biex ikunu vverifikati s-saħħa tagħhom u l-ħila tal-istruttura tas-sit jew tal-vettura biex, ftest statiku, tkun limitata r-rotazzjoni. It-tagħmir fiss tat-test jiġi deskritt fil-Figuri 1 u 2 tal-Anness 9.
- 2.23. 'Apparat ta' kontra r-rotazzjoni'
- (a) Apparat ta' kontra r-rotazzjoni għal sistema universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jikkonsisti mill-irbit ta' fuq ISOFIX.
  - (b) Apparat ta' kontra r-rotazzjoni għal sistema semi-universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX jikkonsisti jew minn irbit ta' fuq, mid-daxxbord tal-vettura jew minn riġel ta' appoġġ maħsub biex jillimita r-rotazzjoni tat-trażżin matul impatt frontali.
  - (c) Għas-sistemi universali u semi-universali tat-trażżin għat-tfal ISOFIX is-sit tal-vettura nnifsu mhux apparat ta' kontra r-rotazzjoni.

- 2.24. 'Ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX' tfisser karatteristika, pereżempju żbarra, li tinsab f'żona definita, maħsuba biex taċċetta kollegatur taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX u biex tittrasferixxi l-forza tat-trażżin tagħha lill-istruttura tal-vettura.
- 2.25. 'Kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX' tfisser apparat maħsub biex jitwahaħhal ma' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX.
- 2.26. 'Ganċ tal-irbit ta' fuq ISOFIX' tfisser kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX li tipikament jintuża sabiex ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX titwahaħhal ma' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kif ġie definit fil-Figura 3 tal-Anness 9 għal dan ir-Regolament.
- 2.27. 'Ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX' tfisser ċinga bl-istrixxi (jew ekwivalenti) li testendi mill-quċċata ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX sal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, u li tkun mgħammra b'apparat ta' aġġustament, b'apparat li jnaqqas it-tensjoni, u b'kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX.
- 2.28. 'Apparat ta' gwida' huwa maħsub biex jgħin lill-persuna li tinstalla s-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX billi jiggwida fiżikament iż-żjidiet ISOFIX fuq it-trażżin għat-tfal ISOFIX fallinjament korrett mal-ankraġġi baxxi ISOFIX sabiex jitħaffef l-ingaġġ.
- 2.29. 'Tagħmir fiss tal-immmarkar ISOFIX' tfisser xi ħaġa li tinforma lil min jixtieq jinstalla sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX bil-pożizzjonijiet ISOFIX fil-vettura u bil-pożizzjoni ta' kull ISOFIX li tikkorrispondi għas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX.
- 2.30. 'Tagħmir fiss għat-trażżin tat-tfal' tfisser tagħmir fiss skont waħda mis-seba' klassijiet tad-daqs ISOFIX li ġew iddefiniti fil-paragrafu 4 tal-Appendiċi 2 tal-Anness 17 għar-Regolament Nru 16 u partikolarment li d-dimensjonijiet tiegħu jingħataw fil-Figura 1 sal-Figura 7 fil-paragrafu 4 li ssemma hawn fuq. Dak it-tagħmir fiss tat-trażżin għat-tfal (CRF) fir-Regolament Nru 16 jintuża sabiex ikun ikkontrollat liema huma l-klassijiet tad-daqs tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li jistgħu jiġu akkomodati fil-pożizzjonijiet ISOFIX tal-vettura. Barra minn hekk, wieħed mis-CRF, dak li jissejjaħ ISO/F2 (B) li jiġi deskritt fil-Figura 2 tal-paragrafu 4 li ssemma hawn fuq, f'dan ir-Regolament jintuża sabiex ikunu kkontrollati l-post u l-possibbiltà ta' aċċess għal kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX.
3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin, is-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u l-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu li ġie akkreditat b'mod xieraq.
- 3.2. Għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li jissemmew hawn taħt, fi tliet kopji, u mill-partikolaritajiet li ġejjin:
- 3.2.1. tpinġijiet tal-istruttura ġenerali tal-vettura fuq skala xierqa, li juru l-pożizzjonijiet tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tal-ankraġġi effettivi taċ-ċinturin (fejn ikun xieraq), tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, u tpinġijiet dettaljati tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, jekk ikun hemm, tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, u tal-punti li huma marbuta magħhom;
- 3.2.2. speċifikazzjoni tal-materjali li ntużaw li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm;
- 3.2.3. deskrizzjoni teknika tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm;
- 3.2.4. fil-każ tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, imwahaħhla mal-istruttura tas-sit:
- 3.2.4.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura rigward id-disinn tas-sits, tal-ankraġġi tas-sit u tas-sistemi ta' aġġustament u li jsakkru tagħhom;

- 3.2.4.2. tpingjiet, fuq skala xierqa, u b'biżżejjed dettall, tas-sits, tal-ankraġġ tagħhom fuq il-vettura, u tas-sistemi ta' aġġustament u li jsakkru tagħhom.
- 3.2.5. evidenza li ċ-ċinturin tas-sikurezza jew is-sistema tat-trażżin li ntuża fit-test ta' approvazzjoni tal-ankraġġi jikkonforma mar-Regolament Nru 16, fil-każ fejn il-manifattur tal-karozza jagħżel it-test dinamiku tas-saħħa alternattiv.
- 3.3. Jekk jagħżel hekk il-manifattur, quddiem is-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni għandha titressaq vettura li tirrappreżenta t-tip ta' vettura li għandu jkun approvat jew għandhom jitressqu l-partijiet tal-vettura meqjusa essenzjali għat-test tal-ankraġġi taċ-ċinturin, għat-test tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u għat-test tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, mis-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni.
4. L-APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.
- 4.2. Għandu jkun assenjat numru ta' approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ numri tiegħu (bħalissa 07, li jikkorrispondu għas-serje 07 ta' emendi) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi ewlenija l-aktar reċenti li saru għar-Regolament fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura kif ġie definit fil-paragrafu 2.2 ta' aktar 'il fuq.
- 4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew tar-rifjut jew tal-irtirar tal-approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.
- 4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandha titwahaħhal, b'mod li tidher mill-ewwel u f'post faċilment aċċessibbli li ġie speċifikat fil-formola ta' approvazzjoni, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti minn:
- 4.4.1. ċirku madwar l-ittra 'E' segwit minn numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni<sup>(2)</sup>;
- 4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1;
- 4.4.3. l-ittra 'e', fuq il-lemin tan-numru ta' dan ir-Regolament fil-każ ta' approvazzjoni ta-tip skont it-test dinamiku tal-Anness 7.
- 4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi ma' dan il-Ftehim, fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 m'hemmx għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan, in-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skont tagħhom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonna vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka ta' approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara mingħajr problemi u m'għandiex tkun tista' titħassar.
- 4.7. Il-marka ta' approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-panċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

(<sup>2</sup>) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja u l-Montenegro, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (battal), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (battal), 31 għall-Bosnija u Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (battal), 34 għall-Bulgarja, 35 (battal), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (battal), 39 għall-Azerbajġan, 40 għall-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (battal), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu KEE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (battal), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika ta' Isfel, 48 għan-New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malażja u 53 għat-Tajlandja. In-numri sussegwenti għandhom jiġu assenjati lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li fih jirratifikaw jew jaderixxu għall-Ftehim li Jikkonċerna l-Adozzjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwahaħħlu u/jew Jintużaw fuq il-Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.



- 4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka ta' approvazzjoni.
5. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET
- 5.1. Id-definizzjonijiet (ara l-Anness 3)
- 5.1.1. Il-punt H huwa punt ta' referenza kif inhu definit fil-paragrafu 2.3 tal-Anness 4 għal dan ir-Regolament, li jrid jiġi determinat skont il-proċedura stabbilita f'dak l-anness.
- 5.1.1.1. Il-punt H' huwa punt ta' referenza li jikkorrispondi għall-punt H kif inhu definit fil-paragrafu 5.1.1 li għandu jiġi determinat għal kull pożizzjoni normali li fiha jintuża s-sit.
- 5.1.1.2. Il-punt R huwa l-punt ta' referenza meta bilqiegħda kif inhu definit fil-paragrafu 2.4. tal-Anness 4 għal dan ir-Regolament.
- 5.1.2. Is-sistema ta' referenza tridimensjonali għet iddefiniti fl-Appendiċi 2 tal-Anness 4 għal dan ir-Regolament.
- 5.1.3. Il-punti L1 u L2 huma l-ankraġġi effettivi ta' isfel taċ-ċinturin.
- 5.1.4. Il-Punt C huwa punt li jinsab 450 mm 'il fuq minn Punt R b'mod vertikali. Madankollu, jekk id-distanza S kif inhi definita fil-paragrafu 5.1.6 mhix inqas minn 280 mm u jekk il-manifattur jagħżel il-formula alternattiva  $BR = 260 \text{ mm} + 0,8 S$  li għet speċifikata fil-paragrafu 5.4.3.3, id-distanza vertikali bejn C u R għandha tkun ta' 500 mm.
- 5.1.5. L-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  huma rispettivament l-angoli bejn pjan orizzontali u pjani perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u li jgħaddu mill-punt H1 u mill-punti L<sub>1</sub> u L<sub>2</sub>.
- 5.1.6. S hija d-distanza f'millimetri tal-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin minn pjan ta' referenza P parallel għall-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura, iddefinit kif ġej:
- 5.1.6.1. jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija definita sew mill-forma tas-sit, il-pjan P għandu jkun il-pjan medjan ta' dan is-sit.
- 5.1.6.2. fin-nuqqas ta' pożizzjoni definita sew:
- 5.1.6.2.1. il-pjan P għas-sit tas-sewwieq huwa pjan vertikali parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura li jgħaddi miċ-ċentru tal-istering fil-pjan tat-tarf tal-istering meta l-istering, jekk ikun aġġustabbli, ikun fil-pożizzjoni ċentrali tiegħu.
- 5.1.6.2.2. il-pjan P għall-passiġġier ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra għandu jkun simetrik ma' dak tas-sewwieq
- 5.1.6.2.3. Il-pjan P għall-pożizzjoni bilqiegħda ta' wara fuq in-naħa ta' barra għandha tkun dik speċifikata mill-manifattur sakemm jiġu rrispettati l-limiti li ġejjin għad-distanza A bejn il-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura u l-pjan P:
- A hija daqs jew akbar minn 200 mm jekk is-sit f'forma ta' bank ġie ddisinjat biex jakkomoda żewġ passiġġieri biss,
- A hija daqs jew akbar minn 300 mm jekk is-sit f'forma ta' bank ġie ddisinjat biex jakkomoda aktar minn żewġ passiġġieri.
- 5.2. L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali
- 5.2.1. L-ankraġġi għaċ-ċinturini tas-sikurezza għandhom ikunu ddisinjati, magħmula u mqiegħda b'tali mod li:
- 5.2.1.1. jkun jista' jiġi installat ċinturin tas-sikurezza addattat. L-ankraġġi taċ-ċinturin tal-pożizzjonijiet ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra għandhom ikunu addattati għal ċinturini tas-sikurezza li jinkorporaw apparat li jiġbed lura u taljola, fejn b'mod partikolari jitqiesu l-karatteristiċi tas-saħħa tal-ankraġġi taċ-ċinturin, ħlief jekk il-manifattur iforni l-vettura mgħammra b'tipi oħra ta' ċinturini tas-sikurezza b'apparati li jiġbdu lura inkorporati. Jekk l-ankraġġi jkunu addattati biss għal tipi partikolari ta' ċinturini tas-sikurezza, dawn it-tipi għandhom ikunu ddikjarati fuq il-formola li tissemma fil-paragrafu 4.3 ta' aktar 'il fuq;

- 5.2.1.2. jitnaqqas għal minimu r-riskju li ċ-ċinturin jiżloq meta jintlibes b'mod korrett;
- 5.2.1.3. jitnaqqas għal minimu r-riskju li ssir ħsara liċ-ċinga minħabba kuntatt ma' partijiet riġidi bil-ponta tal-istrutturi tal-vettura jew tas-sit;
- 5.2.1.4. il-vettura, fużu normali, tkun tista' tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;
- 5.2.1.5. għal ankraġġi li jassumu pożizzjonijiet differenti sabiex il-persuni jkunu jistgħu jidħlu fil-vettura u li jrażżnu lill-okkupanti, għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-ankraġġi fil-pożizzjoni effettiva ta' trażżin.
- 5.2.2. Kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX u kwalunkwe ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, li ġew installati jew li hemm il-ħsieb li jiġu installat, għas-sistemi ta' trażżin għat-tfal ISOFIX għandhom ikunu ddisinjati, magħmula u mqiegħda b'tali mod li:
- 5.2.2.1. Kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX u kwalunkwe ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandha tippermetti li l-vettura, fużu normali, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- Kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX u kwalunkwe ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX li jistgħu jiġu miżjuda ma' kwalunkwe vettura għandhom ukoll jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, ankraġġi bħal dawn għandhom jiġu deskritti fid-dokument ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip.
- 5.2.2.2. Ir-reżistenza ta' sistema ta' ankraġġi ISOFIX u dik ta' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX huma ddisinjati għal kwalunkwe sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX tal-grupp ta' massa 0; 0+; 1 kif ġew iddefiniti fir-Regolament Nru 44.
- 5.2.3. Id-disinn u l-ippożizzjonar tas-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX:
- 5.2.3.1. Kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX għandha tkun żbarra(i) riġida(i) orizzontali trażversali b'dijametru ta' 6 mm ± 0,1 mm li tkopri(jkopru) żewġ żoni b'tul minimu effettiv ta' 25 mm li jinsabu fuq l-istess assi kif ġie definit fil-Figura tal-Anness 9.
- 5.2.3.2. Kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX li ġiet installata fuq pożizzjoni bilqiegħda ta' vettura għandha tinsab mhux inqas minn 120 mm wara l-punt tad-disinn H kif ġie determinat fl-Anness 4 għal dan ir-Regolament, imkejjel orizzontalment u saċ-ċentru tal-iżbarra.
- 5.2.3.3. Għal kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX li ġiet installata fil-vettura, għandha tiġi vverifikata l-possibbiltà li jitwählal it-tagħmir fiss tat-trażżin għat-tfal ISOFIX 'ISO/F2' (B) li ġie deskritt fir-Regolament Nru 16 (fil-Figura 2 tal-Appendiċi 2 tal-Anness 17).
- 5.2.3.4. Is-superfiċje tal-qiegħ tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B) kif ġie definit fir-Regolament Nru 16 (fil-Figura 2 tal-Appendiċi 2 tal-Anness 17), għandu jkollha angoli ta' attitudni fil-limiti li ġejjin, bl-angoli mkejla b'mod relattiv għall-pjani ta' referenza tal-vettura kif ġie definit fl-Appendiċi 2 tal-Anness 4 għal dan ir-Regolament:
- (a) Pitch: 15° ± 10°,
- (b) Roll: 0° ± 5°,
- (c) Yaw: 0° ± 10°
- 5.2.3.5. Is-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX għandhom ikunu fil-pożizzjoni tagħhom b'mod permanenti jew għandhom ikunu jistgħu jintrefgħu. F'każ ta' ankraġġi li jistgħu jintrefgħu, ir-rekwiżiti relatati mas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX għandhom jiġu sodisfatti fil-pożizzjoni li tintuża.
- 5.2.3.6. Kull żbarra ta' ankraġġ baxx ISOFIX (meta tintuża) jew kull apparat ta' gwida li jiġi installat b'mod permanenti għandu jkun viżibbli, mingħajr il-kompressjoni tal-kuxxin tas-sit jew tad-dahar tas-sit, meta l-iżbarra jew l-apparat ta' gwida jitqies, fi pjan vertikali lonġitudinali li jgħaddi miċ-ċentru tal-iżbarra jew tal-apparat ta' gwida, tul linja li tiffurma angolu 'l fuq ta' 30 grad ma' pjan orizzontali.

Bħala alternattiva għar-reqwizit ta' hawn fuq, il-vettura għandha tkun immarkata b'mod permanenti biswit kull żbarra jew apparat ta' gwida. Dan l-immarkar għandu jikkonsisti f'wieħed minn dawn li ġejjin, skont kif jagħżel il-manifattur.

5.2.3.6.1. Bħala minimu, is-simbolu tal-Figura 12 tal-Anness 9 li jikkonsisti minn ċirku b'dijametru mill-inqas ta' 13 mm u li fih piktogramma, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-piktogramma għandha tikkuntrasta mal-isfond taċ-ċirku;
- (b) il-piktogramma għandha titqiegħed qrib ta' kull żbarra tas-sistema;

5.2.3.6.2. Il-kelma 'ISOFIX' b'ittri kbar għolja mill-inqas 6 mm.

5.2.4. Id-disinn u l-ippożizzjonar tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX:

Fuq it-talba tal-manifattur tal-karozza, alternattivament jistgħu jintużaw il-metodi li ġew deskritti fil-paragrafi 5.2.4.1 u 5.2.4.2.

Il-metodu li ġie deskritt fil-paragrafu 5.2.4.1 jista' jintuża biss jekk il-pożizzjoni ISOFIX tinsab fuq sit tal-vettura.

5.2.4.1. Bla ħsara għall-paragrafi 5.2.4.3 u 5.2.4.4, il-parti ta' kull ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX li hija ddisinjata biex tintrabat ma' kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandha tinsab mhux aktar 'il bogħod minn 2 000 mm mill-punt ta' referenza tal-ispalla u fi ħdan iż-żonammarkata bil-griż, kif jintwera fil-Figuri 6 sa 10 tal-Anness 9, tal-pożizzjoni bilqiegħda maħsuba li għaliha għiet installata, bir-referenza ta' mudell li ġie deskritt fis-SAE J 826 (Lulju 1995) u muri fil-Figura 5 tal-Anness 9, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

5.2.4.1.1. Il-punt 'H' tal-mudell jinsab fil-punt 'H' uniku tad-disinn tal-pożizzjoni għalkollox 'l isfel u għalkollox lura tas-sit, ħliet li l-mudell jinsab laterlament fin-nofs bejn iż-żewġ ankraġġi ta' isfel ISOFIX;

5.2.4.1.2. Il-linja tat-torso tal-mudell tinsab fl-istess angolu għall-pjan trażversali vertikali bħad-dahar tas-sit fil-pożizzjoni l-aktar wieqfa tiegħu, u

5.2.4.1.3. Il-mudell jiġi ppożizzjonat fil-pjan vertikali lonġitudinali li fih il-punt H tal-mudell.

5.2.4.2. Iż-żona tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX tista' tinstab alternattivament bl-għajjnuna tat-Tagħmir Fiss 'ISO/F2' (B), kif ġie definit fir-Regolament Nru 16 (fil-Figura 2 tal-Appendiċi 2 tal-Anness 17), f'pożizzjoni ISOFIX mgħammra b' ankraġġi baxxi ISOFIX kif jintwera fil-Figura 11 tal-Anness 9.

Il-pożizzjoni bilqiegħda għandha tkun il-pożizzjoni l-aktar fuq lura u l-aktar 'l isfel bid-dahar tas-sit fil-pożizzjoni nominali tiegħu, jew kif jiġi rakkomandat mill-manifattur tal-vettura.

Mill-ġenb, l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandu jkun wara l-wiċċ ta' wara tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B).

L-intersezzjoni bejn il-wiċċ ta' wara tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B) u l-linja orizzontali (ir-referenza 3 fil-Figura 11 tal-Anness 9) li fiha l-aħħar punt riġidu ta' ebusija akbar minn 50 Shore A fil-quċċata tad-dahar tas-sit tiddefinixxi l-punt ta' referenza 4 (il-Figura 11 tal-Anness 9) fil-linja ċentrali tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B). F'dan il-punt ta' referenza, angolu massimu 45° 'il fuq mill-linja orizzontali jiddefinixxi l-limitu massimu taż-żona tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq.

Minn fuq, fil-punt ta' referenza 4 (il-Figura 11 tal-Anness 9), angolu massimu ta' 90° li jestendi lura u lejn il-ġenb, u minn wara, angolu massimu ta' 40° jiddefinixxi 2 volumi li jillimitaw iż-żona ta' ankraġġ għall-irbit ta' fuq ISOFIX.

L-orijini taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX (5) tinsab fl-intersezzjoni tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B) ma' pjan li jinsab 550 mm 'il bogħod fuq il-wiċċ orizzontali tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B) (1) fuq il-linja ċentrali tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B) (6).

Barra minn hekk, l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandu jkun ta' aktar minn 200 mm imma mhux aktar minn 2 000 mm mill-orijini taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX fuq il-wiċċ ta' wara tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B), imkejla tul iċ-ċinga meta tingħbed tul id-dahar tas-sit sal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX.

- 5.2.4.3. Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX f'vettura li hija ddisinjata biex tintrabat mal-kollegatur tal-irbit ta' fuq ISOFIX tista' tinstab barra miż-żoni mmarkati bil-griż li jissemmew fil-paragrafi 5.2.4.1 jew 5.2.4.2 jekk post f'żona ma jkunx xieraq u jekk il-vettura tkun mgħammra b'apparat tar-rotot li,
- 5.2.4.3.1. jiżgura li l-funzjonijiet taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX bħallikieku l-parti tal-ankraġġ ddisinjata biex tintrabat mal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kienu jinsabu fiż-żona mmarkata bil-griż; u,
- 5.2.4.3.2. huwa mill-inqas 65 mm wara l-linja tat-torso, f'każ ta' apparat tar-rotot mhux riġidu tat-tip bl-istrixxi jew apparat tar-rotot li jista' jintuża, jew mill-inqas 100 mm wara l-linja tat-torso, f'każ ta' apparat tar-rotot riġidu u ffissat; u,
- 5.2.4.3.3. meta ttestjat wara li ġie installat bħal ma hu maħsub li jintuża, l-apparat ikun b'saħħtu biżżejjed biex, bl-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jiflaħ għat-tagħbija li tisemma fil-paragrafu 6.6 ta' dan ir-Regolament.
- 5.2.4.4. Ankraġġ tal-irbit jista' jiddaħħal fid-dahar tas-sit, sakemm ma jkunx fiż-żona tat-trembil taċ-ċinga fil-quċċata tad-dahar tas-sit tal-vettura.
- 5.2.4.5. L-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandu jkollu dimensjonijiet li jippermettu li jitwaħħal ganċ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kif ġie speċifikat fil-Figura 3.

Għandu jkun pprovdut spazju madwar kull ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX sabiex wieħed ikun jista' jaqfel miegħu u jħoll minnu. Għal kull ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX mgħotti, l-għata għandha tkun identifikata pereżempju b'wieħed mis-simboli jew b'kopja bil-ġnub maqlubin ta' wieħed mis-simboli stabbiliti fil-Figura 13 tal-Anness 9; l-għata għandha tkun tista' titneħħa mingħajr ma jintużaw għodod.

- 5.3. In-numru minimu ta' ankraġġi taċ-ċinturin u ankraġġi ISOFIX li għandu jkun ipprovdut
- 5.3.1. Kwalunkwe vettura fil-kategoriji M u N (minbarra dawk il-vetturi tal-kategoriji  $M_2$  jew  $M_3$  li jappartjenu l-Klassijiet I jew A <sup>(3)</sup>) għandha tkun mgħammra b'ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza li jikkonformaw mar-reqwiziti ta' dan ir-Regolament.
- 5.3.1.1. L-ankraġġi ta' sistema ta' ċinturin biex jikkontrolla ċ-ċaqliq approvat bħala ċinturin tat-tip S (b'apparat(i) li jiġbed(jiġbdu) lura jew mingħajru(hom)), skont ir-Regolament Nru 16 għandhom jikkonformaw mar-reqwiziti tar-Regolament Nru 14, imma l-ankraġġ jew l-ankraġġi addizzjonali pprovduti biex titwaħħal ċinga ta' bejn il-koxox (assemblaġġ) jiġi eżentat mir-reqwiziti tas-saħħa u tal-post ta' dan ir-Regolament.
- 5.3.2. In-numru minimu ta' ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza għal kull pożizzjoni bilqiegħda diretta 'l quddiem jew lura għandu jkun dak speċifikat fl-Anness 6.
- 5.3.3. Madankollu, għall-pożizzjonijiet bilqiegħda fuq in-naħa ta' barra, ħlief ta' quddiem, ta' vetturi tal-kategorija N1, murija fl-Anness 6 u mmarkati bis-simbolu Ø, huma permessi żewġ ankraġġi ta' isfel, fejn ikun hemm passaġġ bejn sit u l-eqreb ħajt tal-ġenb tal-vettura maħsub biex jippermetti l-aċċess tal-passiġġieri lejn partijiet oħra tal-vettura.
- Spazju bejn sit u l-ħajt tal-ġenb jitqies bħala passaġġ jekk id-distanza bejn dak il-ħajt tal-ġenb, bil-bibien kollha magħluqa, u bi pjan vertikali lonġitudinali li jgħaddi mil-linja ċentrali tas-sit ikkonċernat, imkejjel fil-pożizzjoni tal-punt R u b'mod perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, ikun akbar minn 500 mm.
- 5.3.4. Għall-pożizzjonijiet bilqiegħda ċentrali ta' quddiem murija fl-Anness 6 u mmarkati bis-simbolu \*, żewġ ankraġġi ta' isfel għandhom jitqiesu bħala adegwati fejn il-windskrin jinsab barra miż-żona ta' referenza li għet iddefinita fl-Anness 1 għar-Regolament Nru 21; jekk jinsab fiż-żona ta' referenza, ikunu meħtieġa tliet ankraġġi.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 1.

Rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin, il-windskrin jitqies bħala parti miż-żona ta' referenza meta jkun jista' jidħol f'kuntatt statiku mal-apparat tat-test skont il-metodu li ġie deskritt fl-Anness 1 għar-Regolament Nru 21.

- 5.3.5. F'kull pożizzjoni bilqiegħda mmarkata fl-Anness 6 bis-simbolu  $\frac{1}{4}$ , għandhom ikunu pprovduti tliet ankraġġi. Jistgħu jkunu pprovduti żewġ ankraġġi jekk tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- 5.3.5.1. hemm sit jew partijiet oħra tal-vettura li jikkonformaw mal-paragrafu 3.5 tal-Appendiċi 1 għar-Regolament Nru 80 direttament quddiem, jew
- 5.3.5.2. l-ebda parti mill-vettura ma tinsab fiż-żona ta' referenza, jew ma tista' tkun fiż-żona ta' referenza meta l-vettura tkun qed tiċċaqlaq, jew
- 5.3.5.3. partijiet mill-vettura fiż-żona ta' referenza msemmija jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' assorbiment tal-enerġija stabbiliti fl-Appendiċi 6 għar-Regolament Nru 80.
- 5.3.6. Mhu meħtieġ l-ebda ankraġġ taċ-ċinturin għas-sits li jingħalqu kollha, jew għas-sits maħsuba biss biex jintużaw meta l-vettura tkun wieqfa kif ukoll għas-sits kollha ta' kwalunkwe vettura li ma jkunux koperti mill-paragrafi 5.3.1 sa 5.3.4 Madankollu, jekk il-vettura tkun mgħammra b'ankraġġi għal sits bħal dawn, dawn l-ankraġġi jridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Kull ankraġġ maħsub esklużivament għal użu relatat ma' ċinturin għal persuna b'diżabbiltà, jew kwalukwe sistema ta' trażżin oħra skont ir-Regolament Nru 107, serje 02 tal-emendi, fl-Anness 8, m'hemmx bżonn ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- 5.3.7. Fil-każ tal-pjan ta' fuq ta' vettura b'żewġ pjanijiet, ir-rekwiżiti għall-pożizzjoni bilqiegħda ċentrali ta' quddiem għandha tapplika wkoll fil-pożizzjonijiet bilqiegħda ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra.
- 5.3.8. In-numru minimu tal-pożizzjonijiet ISOFIX li għandhom ikunu pprovduti.
- 5.3.8.1. Kwalunkwe vettura tal-kategorija M<sub>1</sub>, għandha tkun mgħammra b'mill-inqas żewġ pożizzjonijiet ISOFIX, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- Mill-inqas tnejn mill-pożizzjonijiet ISOFIX għandhom ikunu mgħammra kemm b'sistema ta' ankraġġi ISOFIX kif ukoll b'ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX.
- It-tip u n-numru ta' taġmir fiss ISOFIX, li ġie ddefinit fir-Regolament Nru 16, li jista' jiġi installat f'kull pożizzjoni ISOFIX jiġu definiti fir-Regolament Nru 16.
- 5.3.8.2. Minkejja l-paragrafu 5.3.8.1, jekk vettura tkun mgħammra biss b'ringiela waħda ta' sits, mhi meħtieġa l-ebda pożizzjoni ISOFIX.
- 5.3.8.3. Minkejja l-paragrafu 5.3.8.1, mill-inqas waħda miż-żewġ sistemi tal-pożizzjonijiet ISOFIX għandha tiġi installata fit-tieni ringiela tas-sits.
- 5.3.8.4. Jekk sistema ta' ankraġġi ISOFIX tiġi installata f'pożizzjoni bilqiegħda ta' quddiem imħarsa minn airbag frontali, għandu jitwaħħal apparat ta' deattivazzjoni għal dan l-airbag.
- 5.3.8.5. Minkejja l-paragrafu 5.3.8.1, f'każ ta' sistema(i) tat-trażżin għat-tfal 'inkorporat(i)', in-numru ta' pożizzjonijiet ISOFIX li għandhom ikunu pprovduti għandu jkun mill-inqas tnejn mingħajr in-numru tas-sistema(i) tat-trażżin għat-tfal 'inkorporat(i)' integrati tal-gruppi ta' massa 0, jew 0+, jew 1.
- 5.3.8.6. Minkejja d-dispożizzjoni tal-paragrafu 5.3.8.1, vetturi konvertibbli kif iddefiniti fil-paragrafu 8.1 tal-Anness 7 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) <sup>(4)</sup> b'aktar minn ringiela waħda ta' sits għandhom jiġu mgħammra b'mill-inqas żewġ ankraġġi baxxi ISOFIX. F'każ fejn fuq vetturi bħal dawn jiġi pprovdut ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, dan għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet addattati ta' dan ir-Regolament.
- 5.3.9. Fil-każ ta' sits li jistgħu jiddawru jew jitqiegħdu f'orjentazzjonijiet oħra, biex jintużaw meta l-vettura tkun wieqfa, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.1 għandhom japplikaw biss għal dawk l-orjentazzjonijiet maħsuba għall-użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fi triq, skont dan ir-Regolament. Fid-dokument ta' informazzjoni għandha tkun inkluża nota li tgħid dan.

(4) Id-dokument TRANS/WP29/78/Rev.1/Emend.2, kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4.

- 5.4. Il-post fejn jinsabu l-ankraġġi taċ-ċinturin (ara l-Figura 1 tal-Anness 3.)
- 5.4.1. Ġenerali
- 5.4.1.1. L-ankraġġi taċ-ċinturin għal kwalunkwe ċinturin jistgħu jinsabu jew għalkollox fl-istruttura tal-vettura jew fl-istruttura tas-sit jew fi kwalunkwe parti oħra tal-vettura jew mifruxa bejn dawn il-postijiet.
- 5.4.1.2. Kwalunkwe ankraġġ taċ-ċinturin jista' jintuża biex jitwählhu t-truf ta' żewġ ċinturini tas-sikurezza biswit xulxin, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-test.
- 5.4.2. Il-post fejn jinsab l-ankraġġ effettiv ta' isfel taċ-ċinturin
- 5.4.2.1. Is-sits ta' quddiem, il-kategorija tal-vetturi  $M_1$
- Fvetturi bil-mutur tal-kategorija  $M_1$ , l-angolu  $\alpha_1$  (mhux fuq in-naħa tal-bokk) għandu jkun fil-medda ta' bejn it-30 u t-80 grad u l-angolu  $\alpha_2$  (in-naħa tal-bokk) għandu jkun fil-medda ta' bejn il-45 u t-80 grad. Iż-żewġ rekwiżiti angolari għandhom ikunu validi għall-pożizzjonijiet normali kollha tal-ivvjaġġar tas-sits ta' quddiem. Fejn mill-inqas wieħed mill-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  ikun kostanti (eż. ankraġġ imwaħħal mas-sit) fil-pożizzjonijiet normali kollha tal-użu, il-valur tiegħu għandu jkun ta'  $60 \pm 10^\circ$ . Fil-każ ta' sits aġġustabbli b'apparat li jaġġusta kif ġie deskritt fil-paragrafu 2.12 b'angolu tad-dahar tas-sit ta' inqas minn  $20^\circ$  (ara l-Figura 1 tal-Anness 3), l-angolu  $\alpha_1$  jista' jkun taħt il-valur minimu ( $30^\circ$ ) li ġie stipulat hawn fuq, sakemm ma jkunx inqas minn  $20^\circ$  fi kwalunkwe pożizzjoni normali tal-użu.
- 5.4.2.2. Is-sits ta' wara, il-kategorija tal-vetturi  $M_1$
- Fvetturi bil-mutur tal-kategorija  $M_1$ , għas-sits ta' wara kollha, l-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  għandhom ikunu fil-medda ta' bejn it-30 u t-80 grad. Jekk is-sits ta' wara jkunu aġġustabbli, l-angoli ta' hawn fuq għandhom ikunu validi għall-pożizzjonijiet normali kollha tal-ivvjaġġar.
- 5.4.2.3. Is-sits ta' quddiem, il-kategoriji tal-vetturi li mhumiex l- $M_1$
- Fvetturi bil-muturi tal-kategoriji li mhumiex l- $M_1$ , għall-pożizzjonijiet normali kollha tal-ivvjaġġar tas-sits ta' quddiem, l-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  iridu jkunu bejn it-30 u t-80 grad. Fejn fil-każ tas-sits ta' quddiem ta' vetturi li jkollhom massa massima tal-vettura li ma taqbiżx it-3,5 tunnelli metriċi, mill-inqas wieħed mill-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  irid ikun kostanti fil-pożizzjonijiet normali kollha tal-użu, bil-valur tiegħu għandu jkun ta'  $60 \pm 10^\circ$  (eż. ankraġġ imwaħħal mas-sit).
- 5.4.2.4. Is-sits ta' wara u s-sits speċjali ta' quddiem jew ta' wara, il-kategoriji tal-vetturi li mhumiex l- $M_1$
- Fvetturi ta' kategoriji li mhumiex l- $M_1$ , fil-każ ta':
- (a) sits f'forma ta' bank,
- (b) sits aġġustabbli (quddiem u wara) b'apparat li jaġġusta kif ġie deskritt fil-paragrafu 2.12 b'angolu tad-dahar tas-sit iċken minn  $20^\circ$  (ara l-Figura 1 tal-Anness 3), u
- (c) sits oħra ta' wara
- l-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  jistgħu jkunu bejn  $20^\circ$  u  $80^\circ$  fi kwalunkwe pożizzjoni normali tal-użu. Fejn fil-każ tas-sits ta' quddiem ta' vetturi li jkollhom massa massima tal-vettura li ma taqbiżx it-3,5 tunnelli metriċi, mill-inqas wieħed mill-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  irid ikun kostanti fil-pożizzjonijiet normali kollha tal-użu, bil-valur tiegħu għandu jkun ta'  $60 \pm 10^\circ$  (eż. ankraġġ imwaħħal mas-sit).
- Fil-każ tas-sits, għajr għas-sits ta' quddiem, ta' vetturi fil-kategoriji  $M_2$  u  $M_3$ , l-angoli  $\alpha_1$  u  $\alpha_2$  għandhom ikunu bejn il-45 u d-90 grad għall-pożizzjonijiet normali kollha tal-użu.

- 5.4.2.5. Id-distanza bejn iż-żewġ pjani vertikali paralleli għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u b'kull wieħed minnhom jgħaddi minn ankraġġ differenti miż-żewġ ankraġġi effettivi ta' isfel taċ-ċinturin L1 u L2 tal-istess ċinturin tas-sikurezza m'għandiex tkun inqas minn 350 mm. Fil-każ ta' kwalunkwe pożizzjoni bilqiegħda ċentrali fir-ringieli ta' wara tas-sits tal-vetturi tal-kategoriji M1 u N1, id-distanza li tisemma hawn fuq m'għandiex tkun inqas minn 240 mm, sakemm ma jkunx possibbli li s-sit ċentrali ta' wara jinbidel ma' kwalunkwe wieħed mis-sits l-oħra tal-vettura. Il-pjan medjan lonġitudinali tas-sit għandu jgħaddi bejn il-punti L1 u L2 u għandu jkun mill-inqas 120 mm minn dawn il-punti.
- 5.4.3. Il-post fejn jinsabu l-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin (ara l-Anness 3)
- 5.4.3.1. Jekk tintuża gwida taċ-ċinga jew apparat simili li taffettwa l-post fejn jinsab l-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin, dan il-post għandu jkun iddeterminat b'mod konvenzjonali billi titqies il-pożizzjoni tal-ankraġġ meta l-linja lonġitudinali ċentrali taċ-ċinga tgħaddi minn punt J1 li ġie ddefinit suċċessivament mill-punt R mit-tliet segmenti li ġejjin:
- RZ: segment tal-linja tat-torso imkejjejl f'direzzjoni 'l fuq minn R u twil 530 mm;
- ZX: segment perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura, imkejjejl mill-punt Z fid-direzzjoni tal-ankraġġ u twil 120 mm;
- XJ<sub>1</sub>: segment perpendikulari għall-pjan iddefinit mis-segmenti RZ u ZX, imkejjejl f'direzzjoni 'l quddiem mill-punt X u twil 60 mm.
- Il-punt J<sub>2</sub> jiġi determinat permezz ta' simmetrija mal-punt J<sub>1</sub> madwar il-pjan lonġitudinali vertikali li jgħaddi mil-linja tat-torso tal-manikin, deskritta fil-paragrafu 5.1.2, ippożizzjonat fis-sit ikkonċernat.
- Fejn tintuża konfigurazzjoni b'żewġ bibien sabiex ikun ipprovdut aċċess kemm għas-sits ta' quddiem kif ukoll għal dawk ta' wara u l-ankraġġ ta' fuq jitwahħhal mal-pilastru 'B', is-sistema trid tkun iddisinjata sabiex ma ttellifx l-aċċess għal jew il-ħruġ mill-vettura.
- 5.4.3.2. L-ankraġġi effettivi ta' fuq għandu jkun taħt il-pjan FN, li jgħaddi b'mod perpendikulari għall-pjan lonġitudinali medjan tas-sit u li jagħmel angolu ta' 65° mal-linja tat-torso. L-angolu jista' jitnaqqas għal 60° fil-każ tas-sits ta' wara. Il-pjan FN għandu jitqiegħed b'tali mod li jaqsam il-linja tat-torso f'punt D, b'tali mod li  $DR = 315 \text{ mm} + 1,8 S$ . Madankollu, meta  $S \leq 200 \text{ mm}$ , mela  $DR = 675 \text{ mm}$ .
- 5.4.3.3. L-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin għandu jkun wara pjan FK li jgħaddi b'mod perpendikulari għall-pjan lonġitudinali medjan tas-sit u li jaqsam il-linja tat-torso f'angolu ta' 120° f'punt B b'tali mod li  $BR = 260 \text{ mm} + S$ . Fejn  $S \geq 280 \text{ mm}$ , il-manifattur jista' juża  $BR = 260 \text{ mm} + 0,8 S$  għad-diskrezzjoni tiegħu.
- 5.4.3.4. Il-valur ta' S m'għandux ikun inqas minn 140 mm.
- 5.4.3.5. L-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin għandu jkun jinsab fuq wara ta' pjan vertikali perpendikulari għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura u li jgħaddi mill-punt R kif jintwera fl-Anness 3.
- 5.4.3.6. L-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin għandu jinsab 'il fuq minn pjan orizzontali li jgħaddi mill-punt C iddefinit fil-paragrafu 5.1.4.
- 5.4.3.7. Minbarra l-ankraġġ ta' fuq li ġie speċifikat fil-paragrafu 5.4.3.1 jistgħu jkunu pprovduti ankraġġi effettivi ta' fuq oħra jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfatta:
- 5.4.3.7.1. L-ankraġġi addizzjonali jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafi 5.4.3.1 sa 5.4.3.6.
- 5.4.3.7.2. L-ankraġġi addizzjonali jistgħu jintużaw mingħajr l-għajnuna ta' għodod, jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafi 5.4.3.5 u 5.4.3.6 u jinsabu f'waħda miż-żoni li ġew iddeterminati biċ-ċaqliq 80 mm 'il fuq jew 'l isfel f'direzzjoni vertikali taż-żona murija fil-Figura 1 tal-Anness 3 għal dan ir-Regolament.

- 5.4.3.7.3. L-ankraġġ(i) huwa/huma maħsub/a għal ċinturin biex jikkontrolla ċ-ċaqliq, jikkonforma/w mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.4.3.6 jekk jinsab/u wara l-linja trażversali li tgħaddi mil-linja ta' referenza u jinsab/u:
- 5.4.3.7.3.1. Fil-każ ta' ankraġġ wieħed, fiż-żona komuni għal żewġ diħedrali definiti mil-linji vertikali li jgħaddu mill-punti  $J_1$  u  $J_2$  kif ġew iddefiniti fil-paragrafu 5.4.3.1 u li s-sezzjonijiet orizzontali tagħhom jintwrew fil-Figura 2 tal-Anness 3 għal dan ir-Regolament;
- 5.4.3.7.3.2. Fil-każ ta' żewġ ankraġġi, fi ħdan liema wieħed mid-diħedrali li ġew iddefiniti aktar 'il fuq ikun xieraq, sakemm kull ankraġġ ma jkunx iktar minn 50 mm 'il bogħod mill-pożizzjoni riflessa, imqiegħda simetrikament tal-ankraġġ l-ieħor madwar il-pjan P, kif ġie ddefinit fil-paragrafu 5.1.6, tas-sit ikkonċernat.
- 5.5. Id-dimensjonijiet tat-toqob tal-ankraġġ bil-wiċċ imfellel
- 5.5.1. Ankraġġ għandu jkollu toqba bil-wiċċ imfellel ta' 7/16 pulzier (20 UNF 2B).
- 5.5.2. Jekk il-vettura tkun mgħammra mill-manifattur b'ċinturini tas-sikurezza li jkunu mwaħħla mal-ankraġġi kollha preskritti għas-sit ikkonċernat, dawn l-ankraġġi m'hemmx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.5.1, sakemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-rekwiżit stabbiliti fil-paragrafu 5.5.1 m'għandux japplika għal ankraġġi addizzjonali li jissodisfaw r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 5.4.3.7.3.
- 5.5.3. Għandu jkun possibbli li ċ-ċinturin tas-sikurezza jitneħħa mingħajr ma ssir ħsara lill-ankraġġ.
6. IT-TESTIJIET
- 6.1. It-testijiet ġenerali għall-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sit
- 6.1.1. Bla ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6.2, u fuq it-talba tal-manifattur;
- 6.1.1.1. it-testijiet jistgħu jitwettqu jew fuq struttura ta' vettura jew fuq vettura kompluta minn kollox;
- 6.1.1.2. It-testijiet jistgħu jkunu limitati għall-ankraġġi li huma relatati ma' sit wieħed biss jew ma' grupp ta' sits, sakemm:
- (a) l-ankraġġi kkonċernati jkollhom l-istess karatteristiċi strutturali bħall-ankraġġi li huma relatati mas-sits jew mal-gruppi ta' sits l-oħra; u
- (b) fejn ankraġġi bħal dawn jitwaħħlu totalment jew parzjalment fuq is-sit jew fuq il-grupp ta' sits, il-karatteristiċi strutturali tas-sit jew tal-grupp ta' sits jkunu l-istess bħal daww għas-sits jew għall-grupp ta' sits l-oħra.
- 6.1.1.3. it-twieqi u l-bibien jistgħu jitwaħħlu jew le u jkunu magħluqa jew le;
- 6.1.1.4. jista' jitwaħħal kwalunkwe tagħmir ipprovdut normalment u li huwa probabbli li jikkontribwixxi għar-riġidità tal-istruttura tal-vettura.
- 6.1.2. Is-sits għandhom jitwaħħlu u jitqiegħdu fil-pożizzjoni għas-sewqan jew għall-użu magħżula mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni sabiex jingħataw l-aktar kundizzjonijiet avversi rigward is-saħħa tas-sistema. Il-pożizzjoni tas-sits għandha tkun iddikjarata fir-rapport. Id-dahar tas-sit, jekk l-inklinazzjoni tiegħu tkun aġġustabbli, jista' jissakkar kif ġie speċifikat mill-manifattur jew, fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni bħal din, f'pożizzjoni li tikkorrispondi għal angolu effettiv tad-dahar tas-sit mill-aktar qrib possibbli għal 25° għall-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$  u għal 15° għall-vetturi tal-kategoriji l-oħra kollha.
- 6.2. L-irfid tal-vettura għat-testijiet tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sit u għat-testijiet tal-ankraġġi ISOFIX
- 6.2.1. Il-metodu li jintuża biex il-vettura tintrifed matul it-test m'għandux ikun tali li jsahha l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sit jew l-ankraġġi ISOFIX u ż-żona ta' ankraġġ tagħhom jew li jnaqqas id-deformazzjoni normali tal-istruttura.



- 6.2.2. Apparati ta' rfid għandu jkollha sodisfaċenti jekk ma jipproduċi l-ebda effett fuq żona li testendi tul il-wisa' kollha tal-istruttura u jekk il-vettura jew l-istruttura tkun imblukkata jew iffissata fuq quddiem f'distanza ta' mhux inqas minn 500 mm mill-ankraġġ li għandu jiġi ttestjat u tinżamm jew tkun iffissata fuq wara mhux inqas minn 300 mm minn dak l-ankraġġ.
- 6.2.3. Huwa rakkomandat li l-istruttura għandha tistrieħ fuq appoġġi rranġati bejn wieħed u ieħor f'linja mal-assi tar-roti jew, jekk dak ma jkunx possibbli, f'linja mal-punti ta' twaħħil tas-suspensxin.
- 6.2.4. Jekk jintuża metodu ta' rfid li mhux dak preskritt fil-paragrafi 6.2.1 sa 6.2.3 ta' dan ir-Regolament, trid tingħata evidenza li huwa ekwivalenti.
- 6.3. Ir-rekwiżiti ġenerali tat-test għall-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sit
- 6.3.1. L-ankraġġi kollha taċ-ċinturin tal-istess grupp ta' sits għandhom jiġu ttestjati fl-istess ħin. Madankollu, jekk ikun hemm riskju li tagħbija mhux simetrika tas-sits u/jew tal-ankraġġi tista' twassal għal ħsarat, jista' jitwettag test addizzjonali b'tagħbija mhux simetrika.
- 6.3.2. Il-forza tal-ġbid għandha tiġi applikata f'direzzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni bilqiegħda f'angolu ta'  $10^\circ \pm 5^\circ$  'il fuq mill-orizzontali fi pjan parallel għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.
- Għandha tiġi applikata tagħbija minn qabel ta' 10 fil-mija b'tolleranza ta'  $\pm 30$  fil-mija tat-tagħbija fil-mira; it-tagħbija għandha tiġi miżjuda għal 100 fil-mija tat-tagħbija rilevanti fil-mira.
- 6.3.3. L-applikazzjoni sħiħa tat-tagħbija għandha tintlaħaq kemm jista' jkun malajr, u f'ħin massimu ta' applikazzjoni ta' tagħbija ta' 60 sekonda.
- Madankollu, il-manifattur jista' jitlob li l-applikazzjoni tat-tagħbija tintlaħaq f'4 sekondi.
- L-ankraġġi taċ-ċinturin iridu jifilħu t-tagħbija speċifikata għal mhux inqas minn 0,2 sekonda.
- 6.3.4. L-apparati ta' ġbid li għandhom jintużaw fit-testijiet li ġew deskritti fil-paragrafu 6.4. ta' aktar 'l isfel jintwerew fl-Anness 5. L-apparati murija fil-Figura 1 tal-Anness 5 jitqiegħdu fuq il-kuxxin tas-sit umbagħad, meta jkun possibbli, jiġu mbuttati lura fid-dahar tas-sit filwaqt li ċ-ċinga taċ-ċinturin tiġi ssikkata madwaru. L-apparat muri fil-Figura 2 tal-Anness 5 jitqiegħed fil-pożizzjoni tiegħu, biċ-ċinga taċ-ċinturin tkun imwahrha fuq l-apparat u ssikkata. Waqt din l-operazzjoni m'għandha tiġi introdotta l-ebda tagħbija minn qabel fl-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza lil hinn mill-minimu meħtieġ għall-ippożizzjonar korrett tal-apparat tat-test.
- L-apparat ta' ġbid ta' jew 254 mm jew 406 mm li jintuża f'kull pożizzjoni bilqiegħda għandu jkun tali li l-wisa' tiegħu jkun kemm jista' jkun qrib tad-distanza bejn l-ankraġġi ta' isfel.
- Il-pożizzjoni tal-apparat ta' ġbid għandu jevita kwalunkwe influwenza reċiproka matul it-test tal-ġbid li taffettwa b'mod avvers it-tagħbija u d-distribuzzjoni tat-tagħbiji.
- 6.3.5. L-ankraġġi taċ-ċinturin għas-sits li għallhom jiġu pprovduti ankraġġi ta' fuq taċ-ċinturin għandhom jiġu ttestjati fil-kundizzjonijiet li ġejjin:
- 6.3.5.1. Is-sits ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra:
- L-ankraġġi taċ-ċinturin għandhom jitressqu għat-test preskritt fil-paragrafu 6.4.1. fejn it-tagħbiji jiġu trażmessi lillhom permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija ta' ċinturin bi tliet ankraġġi mgħammar b'apparat li jiġbed lura li jkollu taljola jew gwida taċ-ċinga fl-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin. Barra minn hekk, jekk in-numru ta' ankraġġi jkun akbar minn dak preskritt fil-paragrafu 5.3, dawn l-ankraġġi għandhom jiġu soġġetti għat-test li ġie speċifikat fil-paragrafu 6.4.5, fejn it-tagħbiji għandhom jiġu trażmessi lill-ankraġġi permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija tat-tip ta' ċinturin tas-sikurezza maħsub biex ikun marbut magħhom.

- 6.3.5.1.1. Fil-każ fejn l-apparat li jiġbed lura ma jkunx imwahaħhal mal-ankraġġ ta' isfel taċ-ċinturin fuq in-naħa ta' barra meħtieġ jew fil-każ fejn l-apparat li jiġbed lura jkun imwahaħhal mal-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin, l-ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin ukoll għandhom jitressqu għat-test preskritt fil-paragrafu 6.4.3.
- 6.3.5.1.2. Jekk il-manifattur jitlob dan, fil-każ li ssemma hawn fuq, it-testijiet preskritti fil-paragrafi 6.4.1 u 6.4.3 jistgħu jitwettqu fuq żewġ strutturi differenti.
- 6.3.5.2. Is-sits ta' wara fuq in-naħa ta' barra u s-sits ċentrali kollha:
- L-ankraġġi taċ-ċinturin għandhom ikunu soġġetti għat-test preskritt fil-paragrafu 6.4.2 fejn it-tagħbiji jiġu trażmessi lilhom permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija ta' ċinturin tas-sikurezza bi tliet ankraġġi mingħajr apparat li jiġbed lura, u għat-test preskritt fil-paragrafu 6.4.3, fejn it-tagħbiji jiġu trażmessi liż-żewġ ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija ta' ċinturin ta' fuq il-ħoġor. Jekk il-manifattur jitlob dan, iż-żewġ testijiet jistgħu jitwettqu fuq żewġ strutturi differenti.
- 6.3.5.3. Meta manifattur iforni l-vettura tiegħu b'ċinturini tas-sikurezza, l-ankraġġi korrispondenti taċ-ċinturin, fuq it-talba tal-manifattur, jistgħu jitressqu biss għal test fejn it-tagħbiji jiġu trażmessi lilhom permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija tat-tip ta' ċinturini li għandhom jitwahaħlu ma' dawn l-ankraġġi.
- 6.3.6. Jekk għas-sits fuq in-naħa ta' barra u għas-sits ċentrali ma jkun ipprovdut l-ebda ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin, l-ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin għandhom jitressqu għat-test preskritt fil-paragrafu 6.4.3, fejn it-tagħbiji jiġu trażmessi lil dawn l-ankraġġi permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija ta' ċinturin ta' fuq il-ħoġor.
- 6.3.7. Jekk il-vettura hija ddisinjata biex taċċetta apparati oħra li ma jħallux li ċ-ċineg jitwahaħlu direttament mal-ankraġġi taċ-ċinturin mingħajr dawwara li jintervjenu eċċ., jew li teħtieġ ankraġġi taċ-ċinturin supplimentari għal dawk li jissemmew fil-paragrafu 5.3, iċ-ċinturin tas-sikurezza jew arranġament ta' wajers, ta' dwawar, eċċ, li jirrappreżenta l-apparat taċ-ċinturin tas-sikurezza, għandu jitwahaħhal b'apparat bħal dan mal-ankraġġi taċ-ċinturin fil-vettura u l-ankraġġi taċ-ċinturin għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet li ġew preskritti fil-paragrafu 6.4, kif inhu xieraq.
- 6.3.8. Jista' jintuża metodu tat-test li mhux dak preskritt fil-paragrafu 6.3, imma trid tingħata evidenza li huwa ekwivalenti.
- 6.4. Ir-rekwiżiti partikolari tat-test għall-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sit
- 6.4.1. It-test f'konfigurazzjoni ta' ċinturin bi tliet ankraġġi li jinkorpora apparat li jiġbed lura li jkollu taljola jew gwida taċ-ċinga fl-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin
- 6.4.1.1. Taljola jew gwida speċjali għall-wajer jew ċinga addattata biex tkun trażmessa t-tagħbija mill-apparat ta' trazzjoni, jew it-taljola jew il-gwida taċ-ċinga fornuta mill-manifattur għandha titwahaħhal mal-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin.
- 6.4.1.2. Għandha tiġi applikata tagħbija tat-test ta'  $1\ 350\ \text{daN} \pm 20\ \text{daN}$  ma' apparat ta' ġbid (ara l-Figura 2 tal-Anness 5) imwahaħhal mal-ankraġġi taċ-ċinturin tal-istess ċinturin, permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija taċ-ċinga ta' fuq tat-torso ta' ċinturin tas-sikurezza bħal dan. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji għajr  $M_1$  u  $N_1$ , it-tagħbija tat-test għandha tkun ta'  $675 \pm 20\ \text{daN}$ , ħlief għall-vetturi tal-kategoriji  $M_3$  and  $N_3$  fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta'  $450 \pm 20\ \text{daN}$ .
- 6.4.1.3. Fl-istess ħin, għandha tiġi applikata forza ta' trazzjoni ta'  $1\ 350\ \text{daN} \pm 20\ \text{daN}$  fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 1 tal-Anness 5) imwahaħhal maż-żewġ ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji li mhumiex  $M_1$  u  $N_1$ , it-tagħbija tat-test għandha tkun ta'  $675 \pm 20\ \text{daN}$ , ħlief għall-vetturi tal-kategoriji  $M_3$  and  $N_3$  fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta'  $450 \pm 20\ \text{daN}$ .
- 6.4.2. It-test f'konfigurazzjoni ta' ċinturin bi tliet ankraġġi mingħajr apparat li jiġbed lura jew b'apparat li jiġbed lura fl-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin

- 6.4.2.1. Għandha tiġi applikata tagħbija tat-test ta' 1 350 daN  $\pm$  20 daN fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 2 tal-Anness 5) imwaħħal mal-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin u mal-ankraġġ ta' isfel oppost taċ-ċinturin tal-istess ċinturin billi jintuża, jekk ikun fornut mill-manifattur, apparat li jiġbed lura imwaħħal fuq l-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji li mhumiex l-M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 675  $\pm$  20 daN, ħlief għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub> and N<sub>3</sub> fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 450  $\pm$  20 daN.
- 6.4.2.2. Fl-istess ħin, għandha tiġi applikata forza ta' ġbid ta' 1 350 daN  $\pm$  20 daN fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 1 tal-Anness 5) imwaħħal mal-ankraġġ ta' isfel taċ-ċinturin. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji li mhumiex l-M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 675  $\pm$  20 daN, ħlief għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub> and N<sub>3</sub> fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 450  $\pm$  20 daN.
- 6.4.3. It-test f'konfigurazzjoni ta' ċinturin ta' fuq il-ħoġor
- Għandha tiġi applikata tagħbija tat-test ta' 2 225 daN  $\pm$  20 daN fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 1 tal-Anness 5) imwaħħal maż-żewġ ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji li mhumiex l-M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 1 110  $\pm$  20 daN, ħlief għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub> and N<sub>3</sub> fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 740  $\pm$  20 daN.
- 6.4.4. It-test għall-ankraġġi taċ-ċinturin li jinsabu għalkollox fl-istruttura tas-sit jew mifruxa bejn l-istruttura tal-vettura u l-istruttura tas-sit
- 6.4.4.1. Għandu jitwettaq, kif inhu xieraq, it-test li ġie speċifikat fil-paragrafi 6.4.1., 6.4.2. u 6.4.3. ta' aktar 'il fuq, fejn fl-istess ħin għal kull sit jew għal kull grupp ta' sits tiġi applikata forza kif ġie ddikjarat aktar 'il isfel.
- 6.4.4.2. It-tagħbiji li ġew indikati fil-paragrafi 6.4.1., 6.4.2. u 6.4.3 ta' aktar 'il fuq għandhom jiġu kkomplimentati minn forza daqs 20 darba l-massa tas-sit komplut. It-tagħbija tal-inerzja għandha tiġi applikata fuq is-sit jew fuq il-partijiet rilevanti tas-sit li tikkorrispondi għall-effett fiżiku tal-massa tas-sit ikkonċernat għall-ankraġġi tas-sit. Id-determinazzjoni tat-tagħbija applikata jew tat-tagħbiji applikati addizzjonali u d-distribuzzjoni tat-tagħbiji għandhom isiru mill-manifattur u jkunu approvati mis-Servizz Tekniku.
- Fil-każ ta' vetturi fil-kategoriji M<sub>2</sub> u N<sub>2</sub>, din il-forza trid tkun daqs 10 darbiet il-massa tas-sit komplut; għall-kategoriji M<sub>3</sub> u N<sub>3</sub> għandha tkun daqs 6,6 darbiet il-massa tas-sit komplut.
- 6.4.5. It-test f'konfigurazzjoni ta' ċinturin ta' tip speċjali
- 6.4.5.1. Għandha tiġi applikata tagħbija tat-test ta' 1 350  $\pm$  20 daN fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 2 tal-Anness 5) imwaħħal mal-ankraġġi ta' ċinturin ta' ċinturin tas-sikurezza bħal dan permezz ta' apparat li jirriproduċi l-ġeometrija taċ-ċinga jew taċ-ċineg ta' fuq tat-torso.
- 6.4.5.2. Fl-istess ħin, għandha tiġi applikata forza ta' ġbid ta' 1 350  $\pm$  20 daN fuq apparat ta' ġbid (ara l-Figura 2 tal-Anness 5) imwaħħal maż-żewġ ankraġġi ta' isfel taċ-ċinturin.
- 6.4.5.3. Fil-każ ta' vetturi ta' kategoriji li mhumiex l-M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, din it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 675  $\pm$  20 daN, ħlief għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub> u N<sub>3</sub> fejn it-tagħbija tat-test għandha tkun ta' 450  $\pm$  20 daN.
- 6.4.6. It-test fil-każ tas-sits li jħarsu lura
- 6.4.6.1. Il-punti ta' ankraġġi għandhom jiġu ttestjati skont il-forzi preskritti fil-paragrafi 6.4.1, 6.4.2 jew 6.4.3, kif inhu xieraq. F'kull każ, it-tagħbija tat-test għandha tikkorrispondi għat-tagħbija preskritta għall-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub> jew N<sub>3</sub>.
- 6.4.6.2. It-tagħbija tat-test għandha tkun diretta 'l quddiem b'relazzjoni għall-pożizzjoni bilqiegħda kkonċernata, li tikkorrispondi għall-proċedura preskritta fil-paragrafu 6.3.
- 6.5. Fil-każ ta' grupp ta' sits kif ġie deskritt fil-paragrafu 1 tal-Anness 7, jista' jitwettaq it-test dinamiku tal-Anness 7, skont kif jagħżel il-manifattur tal-karozza, bħala alternattiva għat-test statiku preskritti fil-paragrafi 6.3 u 6.4.

- 6.6. Ir-reqwiziti tat-test statiku.
- 6.6.1. Is-saħħa tas-sistemi ta' ankraġġ ISOFIX għandhom jiġu ttestjati billi jiġu applikati l-forzi, kif ġie preskritt fil-paragrafu 6.6.4.3, fuq l-apparat għall-applikazzjoni ta' forza statika (SFAD) biż-żjiediet ISOFIX ingaġġjati sew.
- F'każ ta' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX għandu jitwettaq test addizzjonali kif ġie preskritt fil-paragrafu 6.6.4.4.
- Il-pożizzjonijiet ISOFIX kollha tal-istess ringiela ta' sits, li jistgħu jintużaw fl-istess ħin, għandhom jiġu ttestjati fl-istess ħin.
- 6.6.2. It-test jista' jitwettaq jew fuq vettura kompluta minn kolloxx jew fuq partijiet biżżejjed tal-vettura sabiex ikunu rappreżentattivi tas-saħħa u tar-riġidità tal-istruttura tal-vettura.
- It-twieqi u l-bibien jistgħu jkunu mwaħħla jew le u magħluqa jew le.
- Jista' jitwaħħal kwalunkwe tagħmir normalment ipprovdut u li huwa probabbli li jikkontribwixxi għall-istruttura tal-vettura.
- It-test jista' jkun ristrett għall-pożizzjoni ISOFIX li tkun relatata ma' sit wieħed biss jew ma' grupp ta' sits wieħed biss sakemm:
- (a) Il-pożizzjoni ISOFIX ikkonċernata jkollha l-istess karatteristiċi strutturali bħal-pożizzjoni ISOFIX li tkun relatata mas-sits jew mal-gruppi ta' sits l-oħra u,
- (b) Fejn pożizzjonijiet ISOFIX bħal dawn ikunu mgħammra totalment jew parzjalment fuq is-sit jew fuq il-grupp ta' sits, il-karatteristiċi strutturali tas-sit jew tal-grupp ta' sits ikunu l-istess bħal daww għas-sits jew għall-gruppi ta' sits l-oħra.
- 6.6.3. Jekk is-sits u t-trażżin għar-ras ikunu aġġustabbli, għandhom ikunu ttestjati fil-pożizzjoni li għet iddefinita mis-servizz tekniku fil-medda limitata preskritta mill-manifattur tal-karozza kif inhu pprovdut fl-Appendiċi 3 tal-Anness 17 għar-Regolament Nru 16.
- 6.6.4. Il-forzi, id-direzzjonijiet u l-limiti ta' eskursjoni.
- 6.6.4.1. Għandha tiġi applikata forza ta'  $135 \text{ N} \pm 15 \text{ N}$  fuq iċ-ċentru tat-traversa ta' isfel ta' quddiem l-SFAD sabiex tkun aġġustata l-pożizzjoni quddiem-wara tal-estensjoni lura tal-SFAD sabiex tینهha kwalunkwe parti laxka jew tensjoni bejn l-SFAD u l-appoġġ tiegħu.
- 6.6.4.2. Il-forzi għandhom jiġu applikati fuq l-apparat għall-applikazzjoni ta' forza statika (SFAD) f'direzzjoni quddiem u oblikwa skont it-Tabella 1.

Tabella 1

**Id-direzzjonijiet tal-forzi tat-test**

'il quddiem	$0^\circ \pm 5^\circ$	$8 \text{ kN} \pm 0,25 \text{ kN}$
Oblikwa	$75^\circ \pm 5^\circ$ (fuq iż-żewġ naħat tal-linja dritta 'il quddiem, jew jekk hemm naħa tal-aġġar każ, jew jekk iż-żewġ naħat huma simetriċi, naħa waħda biss)	$5 \text{ kN} \pm 0,25 \text{ kN}$

Jekk il-manifattur jitlob dan, kull wieħed minn dawn it-testijiet jista' jitwettaq fuq strutturi differenti.

Il-forzi fid-direzzjoni 'l quddiem għandhom jiġu applikati b'angolu ta' applikazzjoni tal-forza inizjali ta'  $10 \pm 5^\circ$  'il fuq mil-linja orizzontali. Il-forzi oblikwi għandhom jiġu applikati orizzontalment  $0^\circ \pm 5^\circ$ . Għandha tiġi applikata forza ta' qabel it-tagħbija ta'  $500 \text{ N} \pm 25 \text{ N}$  fil-punt X preskritt tat-tagħbija li ġie indikat fil-Figura 2 tal-Anness 9. L-applikazzjoni sħiħa tat-tagħbija għandha tintlaħaq kemm jista' jkun malajr, u f'ħin massimu ta' applikazzjoni ta' tagħbija ta' 30 sekonda. Madankollu, il-manifattur jista' jitlob li l-applikazzjoni tat-tagħbija tintlaħaq f'2 sekondi. Il-forza għandha tinżamm għal perjodu minimu ta' 0,2 s.

Il-kejl kollu għandu jsir skont l-ISO 6487 b'CFC ta' 60 Hz jew bi kwalunkwe metodu ekwivalenti.

## 6.6.4.3. It-testijiet tas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX biss:

## 6.6.4.3.1. It-test tal-forza f'direzzjoni 'l quddiem:

L-eskurzjoni orizzontali lonġitudinali (wara tagħbija li tqiegħdet qabel) tal-punt X tas-SFAD matul l-applikazzjoni tal-forza ta'  $8 \text{ kN} \pm 0,25 \text{ kN}$  għandha tkun limitata għal 125 mm u deformazzjoni permanenti, inkluż ftuq jew ksur parzjali ta' kwalunkwe ankraġġ baxx ISOFIX jew taż-żona tal-madwar m'għandiex tikkostitwixxi falliment jekk il-forza meħtieġa tkun sostnuta għall-ħin speċifikat.

## 6.6.4.3.2. It-test tal-forza f'direzzjoni oblikwa:

L-eskursjoni fid-direzzjoni tal-forza (wara tagħbija li tqiegħdet minn qabel) tal-punt X tas-SFAD matul l-applikazzjoni tal-forza ta'  $5 \text{ kN} \pm 0,25 \text{ kN}$  għandha tkun limitata għal 125 mm u deformazzjoni permanenti inkluż ftuq jew ksur parzjali ta' kwalunkwe ankraġġ baxx ISOFIX jew taż-żona tal-madwar m'għandiex tikkostitwixxi falliment jekk il-forza meħtieġa tkun sostnuta għall-ħin speċifikat.

## 6.6.4.4. It-test tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX:

Trid tiġi applikata tagħbija minn qabel tat-tensjoni ta'  $50 \text{ N} \pm 5 \text{ N}$  bejn is-SFAD u l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq. L-eskursjoni orizzontali (wara tagħbija li tqiegħdet minn qabel) tal-punt X matul l-applikazzjoni tal-forza ta'  $8 \text{ kN} \pm 0,25 \text{ kN}$  għandha tkun limitata għal 125 mm u deformazzjoni permanenti, inkluż ftuq jew ksur parzjali ta' kwalunkwe ankraġġ baxx ISOFIX u tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jew taż-żona tal-madwar m'għandiex tikkostitwixxi falliment jekk il-forza meħtieġa tkun sostnuta għall-ħin speċifikat.

Tabella 2

**Il-limiti tal-eskursjonijiet**

Id-direzzjoni tal-forza	L-eskursjoni massima tal-punt X tas-SFAD
'il quddiem	125 mm lonġitudinali
Oblikwa	125 mm fid-direzzjoni tal-forza

## 6.6.5. Forzi addizzjonali.

## 6.6.5.1. Il-forzi tal-inerzja tas-sit.

Għall-pożizzjoni ta' installazzjoni fejn it-tagħbija tiġi trasferita fl-assemblaġġ tas-sit tal-vettura, u mhux direttament fl-istruttura tas-sit, għandu jitwettaq test sabiex ikun żgurat li s-saħħa tal-ankraġġi tas-sit tal-vettura mal-istruttura tal-vettura tkun biżżejjed. F'dan it-test, forza daqs 20 darba l-massa tal-partijiet rilevanti tal-assemblaġġ tas-sit għandha tkun applikata orizzontalment u lonġitudinalment f'direzzjoni 'l quddiem lis-sit jew lill-parti rilevanti tal-assemblaġġ tas-sit li tikkorrispondi għall-effett fiżiku tal-massa tas-sit ikkonċernat għall-ankraġġi tas-sit. Id-determinazzjoni tat-tagħbija applikata jew tat-tagħbijiet applikati addizzjonali u d-distribuzzjoni tat-tagħbijiet għandhom isiru mill-manifattur u jkunu approvati mis-Servizz Tekniku.

Fuq it-talba tal-manifattur, it-tagħbija addizzjonali tista' tiġi applikata fil-punt X tas-SFAD matul it-testijiet statiċi li ġew deskritti aktar 'il fuq.

Jekk l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq jkun integrat mas-sit tal-vettura, dan it-test għandu jitwettaq biċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX.

M'għandu jkun hemm lebda ksur u jridu jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' eskursjoni mogħtija fit-tabella 2.

NOTA: Dan it-test m'għandux għalfejn jitwettaq f'każ li kwalunkwe ankraġġ tas-sistema taċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vettura jkun integrat mal-istruttura tas-sit tal-vettura, u s-sit tal-vettura jkun diġà ġie ttestjat u approvat bħala li jissodisfa t-testijiet tat-tagħbija tal-ankraġġ meħtieġa minn dan ir-Regolament għal trażżin għal passiġġier adult.

7. L-ISPEZZJOIN MATUL U WARA T-TESTIJET STATIĊI GĦALL-ANKRAĠĠI TAĊ-ĊINTURIN TAS-SIKUREZZA
- 7.1. L-ankraġġi kollha għandhom ikunu kapaċi jifilħu t-test preskritt fil-paragrafi 6.3 u 6.4 Id-deformazzjoni permanenti, inkluż fuq jew ksur parzjali ta' kwalunkwe ankraġġ jew taż-żona tal-madwar, m'għandiex tikkostitwixxi falliment jekk il-forza meħtieġa tkun sostnuta għall-ħin speċifikat. Matul it-test, għandhom jiġu rrispettati l-ispazji minimi għall-ankraġġi effettivi ta' isfel taċ-ċinturin li ġew speċifikati fil-paragrafu 5.4.2.5 u r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.4.3.6 għall-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin.
  - 7.1.1. Għall-vetturi tal-kategorija M1 ta' massa totali permissibbli li ma taqbiżx it-2,5 tunnelli metriċi, l-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin tas-sikurezza, jekk ikun imwahaħhal mal-istruttura tas-sit, m'għandux jiġi spostat 'il quddiem minn pjan trażversali li jgħaddi mill-punti R u C tas-sit ikkonċernat (ara l-Figura 1 tal-Anness 3 għal dan ir-Regolament).

Għall-vetturi li mhumiex dawk li ssemew aktar 'il fuq, matul it-test l-ankraġġi effettivi ta' fuq taċ-ċinturin tas-sikurezza m'għandux jiġi spostat 'il quddiem ta' pjan trażversali inklinat 10° f'direzzjoni 'l quddiem u li jgħaddi mill-punt R tas-sit.

L-ispostament massimu tal-punt tal-ankraġġi effettivi ta' fuq għandu jitkejjel matul it-test.

Jekk l-ispostament tal-punt tal-ankraġġi effettivi ta' fuq jaqbeż il-limitu li ssemma aktar 'il fuq, il-manifattur għandu juri, għas-sodisfazzjon tas-servizz tekniku, li m'hemm l-ebda periklu għall-okkupant. Pereżempju, il-proċedura tat-test tista' titwettaq skont ir-Regolament Nru 94 jew jista' jitwettaq test fuq slitta b'polz korrispondenti sabiex jintwera li hemm spazju biżżejjed għas-sopravivenza.
  - 7.2. Fvetturi fejn jintużaw apparati bħal dawn, l-apparati ta' spostament u li jsakkru li jippermettu li l-okkupanti tas-sits kollha jħallu l-vettura xorta jridu jkunu jistgħu jitħaddmu bl-id wara li tkun tneħħiet il-forza ta' għid.
  - 7.3. Wara l-ittestjar, kwalunkwe ħsara lill-ankraġġi u lill-istrutturi li jappoġġjaw it-tagħbija matul it-testijiet għandha tkun innotata.
  - 7.4. B'deroga, l-ankraġġi ta' fuq imwahaħhla ma' sit wieħed jew aktar tal-vetturi tal-kategorija M3 u dawk tal-kategorija M2 b'massa massima li taqbeż it-3,5 tunnelli metriċi, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 80, m'hemmx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafu 7.1 li jikkonċernaw il-konformità mal-paragrafu 5.4.3.6.
8. IL-MODIFIKI GĦAL U L-ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA
- 8.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura għandha tkun innotifikata lid-dipartiment amministrattiv li approva t-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad jista' jew:
  - 8.1.1. iqis li l-modifiki li saru mhux probabbli li se jkollhom effettiv negattiv sew u li jkun xi jkun il-każ il-vettura xorta tikkonforma mar-rekwiżiti; jew
  - 8.1.2. jeħtieġ rapport ieħor tat-test mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.
- 8.2. Il-konferma jew ir-rifjut ta' approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-alterazzjonijiet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fil-paragrafu 4.3 ta' aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

- 8.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni ta' approvazzjoni għandha tassenja numru ta' serje għal estensjoni bħal din u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.
9. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk li ġew stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Ftehim (E/EC/324-E/EC/TRANS/505/Rev.2), bir-reqwiziti li ġejjin:
- 9.1. Kull vettura li jkollha fuqha marka ta' approvazzjoni kif ġie preskritt skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip ta' vettura approvat rigward id-dettalji li jaffettwaw il-karatteristiċi tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u tas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX u tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX.
- 9.2. Sabiex tkun ivverifikata l-konformità kif ġie preskritt fil-paragrafu 9.1. ta' aktar 'il fuq, numru biżżejjed ta' vetturi prodotti f'serje, li jkollhom fuqhom il-marka ta' approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament, għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli każwali.
- 9.3. Bħala regola ġenerali, kif intqal aktar 'il fuq, il-kontrolli għandhom ikunu limitati għat-teħid tal-qisien. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, il-vetturi għandhom ikunu soġġetti għal uħud mit-testijiet li ġew deskritti fil-paragrafu 6. ta' aktar 'il fuq, li ntgħażlu mis-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni.
10. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ FIL-PRODUZZJONI
- 10.1. L-approvazzjoni mogħtija rigward tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-reqwizit stabbilit fil-paragrafu 9.1. ta' aktar 'il fuq jew jekk l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza tagħha jew is-sistema ta' ankraġġi ISOFIX u l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX ma jirnexxilhomx jgħaddu mill-kontrolli preskritti fil-paragrafu 9 ta' aktar 'il fuq.
- 10.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha minnufih tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.
11. L-ISTRUZZJONIJIET OPERATTIVI
- L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jeħtieġu li l-manifatturi tal-vetturi reġistrati minnhom jiddikjaraw b'mod ċar fl-istruzzjonijiet għat-tħaddim tal-vettura
- 11.1. fejn jinsabu l-ankraġġi; u
- 11.2. għal liema tipi ta' ċinturini huma maħsuba l-ankraġġi (ara l-punt 5 tal-Anness 1).
12. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX
- Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għalkollox milli jimmanifattura tip ta' ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza jew tip ta' sistema ta' ankraġġi ISOFIX u ta' ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX li ġie approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958, li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.
13. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJET TA' APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew estensjoni jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

14. ID-DISPOŻIZZJONJIET TRANŻITORJI
- 14.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 06 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjonijiet KEE skont dan ir-Regolament kif ġie emendat mis-sejre 06 ta' emendi.
- 14.2. Minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 06 ta' emendi għal dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet tat-tip KEE biss jekk ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament, kif emendat mis-serje 06 ta' emendi, jiġu ssodisfati.
- 14.3. Minn 7 snin wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 06 ta' emendi għal dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-approvazzjonijiet li ma ngħatawx skont is-serje 06 ta' emendi għal dan ir-Regolament. Madankollu, l-approvazzjonijiet eżistenti tal-kategoriji tal-vetturi li mhumiex affettwati mis-serje 06 ta' emendi għal dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettawhom.
- 14.4. Għal vetturi li mhumiex affettwati mill-paragrafu 7.1.1 ta' aktar 'il fuq, l-approvazzjonijiet mogħtija skont is-serje 04 ta' emendi għal dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi.
- 14.5. Għal vetturi li mhumiex affettwati mis-Suppliment 4 għas-serje 05 ta' emendi għal dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi l-approvazzjonijiet eżistenti, jekk ingħataw skont is-serje 05 ta' emendi, sas-Suppliment 3 għaliha.
- 14.6. Mid-data uffiċjali tas-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjonijiet ECE skont dan ir-Regolament kif ġie modifikat mis-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi.
- 14.7. Għal vetturi li mhumiex affettwati mis-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi għal dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi l-approvazzjonijiet eżistenti, jekk ingħataw skont is-serje 05 ta' emendi, sas-Suppliment 3 għaliha.
- 14.8. Sa mill-20 ta' Frar 2005 għall-vetturi tal-kategorija M1, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet ECE biss jekk ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament, kif emendat mis-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi, jiġu ssodisfatti.
- 14.9. Sa mill-20 ta' Frar 2007 għall-vetturi tal-kategorija M1, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu approvazzjonijiet li ma ngħatawx skont is-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 14.10. Sa mis-16 ta' Lulju 2006 għall-vetturi tal-kategorija N, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjoni biss jekk it-tip ta' vettura jissodisfa r-reqwiziti ta' dan ir-Regolament, kif emendat mis-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi.
- 14.11. Sa mis-16 ta' Lulju 2008 għall-vetturi tal-kategorija N, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu approvazzjonijiet li ma ngħatawx skont is-Suppliment 5 għas-serje 05 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 14.12. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 07 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjonijiet tat-tip KEE skont dan ir-Regolament kif ġie emendat mis-sejre 07 ta' emendi.
- 14.13. Minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 07 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet tat-tip KEE biss jekk ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament, kif emendat mis-serje 07 ta' emendi, jiġu ssodisfati.
- 14.14. Minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 07 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-approvazzjonijiet li ma ngħatawx skont is-serje 07 ta' emendi għal dan ir-Regolament.



- 14.15. Minkejja l-paragrafi 14.13 u 14.14, l-approvazzjonijiet tal-kategoriji tal-vetturi għas-serje preċedenti ta' emendi fir-Regolament li mhumiex affettwati mis-serje 07 ta' emendi għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettawhom.
- 14.16. Sakemm ma jkunx hemm rekwiżiti li jikkonċernaw it-twaħħil obbligatorju tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza għas-sits li jingħalqu fir-rekwiżiti nazzjonali tagħhom fiż-żmien tal-adeżjoni ma' dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jkomplu jippermettu li ma jsirx dan it-twaħħil għall-finijiet tal-approvazzjoni nazzjonali u f'dan il-każ dawn il-kategoriji ta' xarabankijiet ma tistax tinħarġilhom approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament.
-

ANNEX 1

**KOMUNIKAZZJONI**

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....  
 .....  
 .....

- li tikkonċerna: <sup>(2)</sup> APPROVAZZJONI MOGĦTIJA  
 APPROVAZZJONI ESTIŻA  
 APPROVAZZJONI RIFJUTATA  
 APPROVAZZJONI RTIRATA  
 PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

ta' tip ta' vettura rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u s-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, skont ir-Regolament Nru 14

Nru tal-approvazzjoni ..... Nru ta' estensjoni .....

1. L-isem kummerċjali jew il-marka reġistrata tal-vettura bil-mutur .....
2. It-tip ta' vettura .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....
4. Jekk ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur .....
5. It-tismija tat-tip ta' ċinturini u tal-apparati li jiġbdu lura awtorizzati biex jitwaxxlu mal-ankraġġ li bihom hija mġhamra l-vettura:

		Ankraġġ fuq (*)	
		l-istruttura tal-vettura	l-istruttura tas-sit
Quddiem	Sit fuq il-lemin { ankraġġi ta' isfel upper anchorage	{ fuq barra fuq ġewwa	
	Sit tan-nofs { ankraġġi ta' isfel ankraġġi ta' fuq	{ lemin xellug	
	Sit fuq il-lemin { ankraġġi ta' isfel ankraġġi ta' fuq	{ fuq barra fuq ġewwa	
Wara	Sit fuq il-lemin { ankraġġi ta' isfel ankraġġi ta' fuq	{ fuq barra fuq ġewwa	
	Sit tan-nofs { ankraġġi ta' isfel ankraġġi ta' fuq	{ lemin left	
	Sit fuq il-lemin { ankraġġi ta' isfel ankraġġi ta' fuq	{ fuq barra inboard	

(\*) Daħħal fil-pożizzjoni effettiva l-ittra(i) li ġejja(ġejjin):  
 "A" għal ċinturin bi tliet ankraġġi,  
 "B" għal ċinturini fuq il-ħoġor,  
 "S" għal ċinturini ta' tip speċjali; f'dan il-każ it-tip għandu jiġi ddiġjarat taħt "Rimarki",  
 "Ar", "Br" jew "Sr" għal ċinturini b'apparati li jiġbdu lura,  
 "Ae", "Be" jew "Se" għal ċinturini b'apparati ta' assorbiment tal-enerġija,  
 "Are", "Bre" jew "Sre" għal ċinturini b'apparati li jiġbdu lura u b'apparati ta' assorbiment tal-enerġija b'mill-inqas ankraġġ wieħed.

Rimarki: .....

6. Deskrizzjoni tas-sits <sup>(3)</sup>: .....
7. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' aġġustament, ta' spostament u li jsakkru jew tas-sit jew tal-partijiet tiegħu: <sup>(3)</sup> .....
8. Deskrizzjoni tal-ankraġġ tas-sit: <sup>(3)</sup> .....
9. Deskrizzjoni ta' tip partikolari ta' ċinturin tas-sikurezza meħtieġ fil-każ ta' ankraġġ li jinsab fl-istruttura tas-sit jew li jinkorpora apparat li jxerred l-enerġija: .....
10. Vettura mressqa għall-approvazzjoni fi: .....
11. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni: .....
12. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
13. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
14. Approvazzjoni mogħtija/estiża/rifjutata/irtirata <sup>(2)</sup>: .....
15. Il-pożizzjoni tal-marka ta' approvazzjoni fuq il-vettura: .....
16. Post: .....
17. Data: .....
18. Firma: .....
19. Id-dokumenti li ġejjin, iffajljati mas-servizz amministrattiv li ta l-approvazzjoni u disponibbli meta jintalbu huma annessi ma' din il-komunikazzjoni:
  - tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, tal-ankraġġi tal-irbit ta' fuq, jekk ikun hemm, u tal-istruttura tas-sit;
  - ritratti tal-ankraġġi taċ-ċinturin, tas-sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, tal-irbit ta' fuq, jekk ikun hemm, u tal-istruttura tal-vettura;
  - tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet tas-sits, tal-ankraġġ tagħhom fuq il-vettura, tas-sistemi ta' aġġustament u ta' spostament tas-sits u tal-partijiet tagħhom, u tal-apparati li jsakkru tagħhom; <sup>(3)</sup>
  - ritratti tas-sits, tal-ankraġġ tagħhom, tas-sistemi ta' aġġustament u ta' spostament tas-sits u tal-partijiet tagħhom, u tal-apparati li jsakkru tagħhom. <sup>(3)</sup>

---

<sup>(1)</sup> In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni fir-Regolament).

<sup>(2)</sup> Aqta' barra dak li ma japplikax.


<sup>(3)</sup> Biss jekk l-ankraġġ huwa mwaħħal fuq is-sit jew jekk is-sit jappoġġja ċ-ċinga taċ-ċinturin.

## ANNEX 2

## L-ARRANĠAMENTI TAL-MARKA TA' APPROVAZZJONI

## MUDELL A

(ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwahrha ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, rigward l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza, kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4), skont ir-Regolament Nru 14, bin-Nru 072439. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru ta' approvazzjoni jindikaw li r-Regolament Nru 14 kien diġà jinkludi s-serje 07 ta' emendi meta nġatat l-approvazzjoni.

## MUDELL B

(ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min.

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwahrha ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat kien approvat fl-Olanda (E 4) skont ir-Regolament Nri 14 u 24. (\*) (Fil-każ tar-Regolament tal-aħħar, il-koeffiċjent ta' assorbiment li ġie korrett huwa 1,30 m<sup>-1</sup>). In-numri ta' approvazzjoni jindikaw li fid-dati meta nġataw dawn l-approvazzjonijiet, ir-Regolament Nru 14 kien jinkludi s-serje 07 ta' emendi u r-Regolament Nru 24 kien fis-sejre 03 ta' emendi għalih.

(\*) It-tieni numru qed jingħata sempliċement bhala eżempju.


ANNEX 3

IL-POST FEJN JINSABU L-ANKRAĠĠI EFFETTIVI TA' ĊINTURIN

Figura 1

Iż-żoni fejn jinsabu l-ankraġġi effettivi ta' ċinturin


(It-tpinġija turi eżempju wieħed, fejn l-ankraġġ ta' fuq huwa mwaħħal mal-panil tal-ġenb tal-qafas tal-vettura)



(1) minimu 240 mm għall-pożizzjonijiet bilqiegħda ċentrali fuq wara tal-kategoriji M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> tal-vetturi

Figura 2

L-ankraġġi effettivi ta' fuq li jikkonformaw mal-paragrafu 5.4.3.7.3 tar-Regolament



## ANNEX 4

**IL-PROCĊEDURA BIEX IKUN IDDETERMINAT IL-PUNT "H" U L-ANGOLU EFFETTIV TAT-TORSO GĦALL-POŻIZZJONIJIET BILQIEGĦDA FIL-VETTURI BIL-MUTUR**

## 1. L-ISKOP

Il-proċedura li ġiet deskritta f'dan l-anness tintuża sabiex ikun stabbilit fejn jinsab il-punt "H" u l-angolu effettiv tat-torso għal pożizzjoni bilqiegħda waħda jew għal diversi pożizzjonijiet bilqiegħda f'vettura bil-mutur u sabiex tkun ivverifikata r-relazzjoni tad-data mkejla mal-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn mogħtija mill-manifattur tal-vettura (<sup>1</sup>).

## 2. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-anness:

- 2.1. "Data ta' referenza" tfisser karatteristika waħda jew iktar mill-karatteristiċi li għejjin marbuta ma' pożizzjoni bilqiegħda:
- 2.1.1. il-punt "H" u l-punt "R" u r-relazzjoni tagħhom,
- 2.1.2. l-angolu effettiv tat-torso u l-angolu tad-disinn tat-torso u r-relazzjoni tagħhom.
- 2.2. "Magna tridimensjonali tal-punt 'H'" (magna 3-D H) tfisser l-apparat li ntuża għad-determinazzjoni tal-punti "H" u tal-angoli effettivi tat-torso. Dan l-apparat huwa deskritt fl-Appendiċi 1 ta' dan l-anness;
- 2.3. "Il-punt 'H'" tfisser iċ-ċentru tal-pern tat-torso u tal-koxxa tal-magna 3-D H installata fis-sit tal-vettura skont il-paragrafu 4 ta' aktar 'l isfel. Il-punt "H" jinsab fiċ-ċentru tal-linja ċentrali tal-apparat li tinsab bejn il-buttni tal-żiġta tal-punt "H" fuq kull naħa tal-magna 3-D H. Il-punt "H" jikkorrispondi teoretikament mal-punt "R" (għat-tolleranzi ara l-paragrafu 3.2.2 ta' aktar 'l isfel); Ladarba jkun iddeterminat skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 4, il-punt "H" jitqies bħala fiss f'relazzjoni għall-istruttura tal-kuxxin tas-sit u li jiċċaqlaq magħha meta s-sit ikun aġġustat;
- 2.4. "Il-punt 'R'" jew "il-punt ta' referenza bilqiegħda" ifisser punt ta' disinn li għe ddefinit mill-manifattur tal-vettura għal kull pożizzjoni bilqiegħda u stabbilit fir-rigward tas-sistema tridimensjonali ta' referenza;
- 2.5. "Il-linja tat-torso" tfisser il-linja ċentrali tas-sonda tal-magna 3-D H bis-sonda tkun fil-pożizzjoni għalkollox lura;
- 2.6. "Angolu effettiv tat-torso" tfisser l-angolu mkejjel bejn linja vertikali minn għol-punt "H" u l-linja tat-torso billi jintuża l-angolu tad-dahar tal-kwadrant fuq il-magna 3-D H. L-angolu effettiv tat-torso jikkorrispondi teoretikament għal-angolu tad-disinn tat-torso (għat-tolleranzi ara l-paragrafu 3.2.2 ta' aktar 'l isfel);
- 2.7. "L-angolu tad-disinn tat-torso" tfisser il-qies ta' angolu bejn linja vertikali minn għol-punt "R" u l-linja tat-torso f'pożizzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tad-disinn tad-dahar tas-sit li għet stabbilita mill-manifattur tal-vettura;
- 2.8. "Il-pjan ċentrali tal-okkupant" (C/LO) tfisser il-pjan medjan tal-magna 3-D H ippożizzjonat f'kull waħda mill-pożizzjonijiet maħsuba bilqiegħda; hija rappreżentata bil-koordinat tal-punt "H" fuq l-assi "Y". Għal sits individwali, il-pjan ċentrali tas-sit jikkoinċidi mal-pjan ċentrali tal-okkupant. Għal sits oħra, il-pjan ċentrali tal-okkupant jkun speċifikat mill-manifattur;
- 2.9. "Is-sistema tridimensjonali ta' referenza" tfisser sistema skont kif għet deskritta fl-Appendiċi 2 ta' dan l-anness;
- 2.10. "Il-marki ta' riferiment" huma punti fiżiċi (toqob, superfiċji, marki jew marki li juru qtugħ) fil-qafas tal-vettura skont kif iddefinit mill-manifattur;
- 2.11. "Il-pożizzjoni ta' kejl tal-vettura" tfisser il-pożizzjoni tal-vettura skont kif iddefinita mill-koordinati tal-marki ta' riferiment fis-sistema tridimensjonali ta' referenza.

(<sup>1</sup>) Fi kwalunkwe pożizzjoni bilqiegħda li mhix is-sits ta' quddiem fejn il-punt "H" ma jistax jiġi ddeterminat billi tintuża l-magna tridimensjonali tal-punt "H" jew il-proċeduri, fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, il-punt "R" indikat mill-manifattur jista' jitqies bħala referenza.

3. REKWIŻITI
- 3.1. Preżentazzjoni tad-data
- Għal kull pożizzjoni bilqiegħda fejn tkun meħtieġa data ta' referenza sabiex tintwera konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament preżenti, għandha tkun ippreżentata id-data li ġejja kollha jew għażla xierqa minnha fil-forma indikata fl-Appendiċi 3 għal dan l-Anness:
- 3.1.1. il-koordinati tal-punt "R" relattivament għas-sistema tridimensjonali ta' referenza;
- 3.1.2. l-angolu tad-disinn tat-torso;
- 3.1.3. l-indikazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikun aġġustat is-sit (jekk ikun aġġustabbli) għall-pożizzjoni tal-kejl li għet stabbilita fil-paragrafu 4.3 ta' aktar 'l isfel.
- 3.2. Ir-relazzjoni bejn id-data mkejla u l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn
- 3.2.1. Il-koordinati tal-punt "H" u l-valur tal-angolu effettiv tat-torso miksuba permezz tal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4 ta' aktar 'l isfel għandhom jitqabblu, rispettivament, mal-koordinati tal-punt "R" u mal-valur tal-angolu tad-disinn tat-torso li ġew indikati mill-manifattur tal-vettura.
- 3.2.2. Il-pożizzjonijiet relattivi tal-punt "R" u tal-punt "H" u r-relazzjoni bejn l-angolu tad-disinn tat-torso u l-angolu effettiv tat-torso għandhom jitqiesu sodisfaċenti għall-pożizzjoni bilqiegħda konċernata jekk il-punt "H", kif ġie definit skont il-koordinati tiegħu, ikun fi kwadru b'ġenb għoli 50 mm bi ġnub orizzontali u vertikali li d-dijagonali tiegħu jaqtgħu lil xulxin fil-punt "R", u jekk l-angolu effettiv tat-torso jkun f'5° mill-angolu tad-disinn tat-torso.
- 3.2.3. Jekk dawn il-kondizzjonijiet ikunu ssodisfatti, il-punt "R" u l-angolu tad-disinn tat-torso, għandhom jintużaw biex juru konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- 3.2.4. Jekk il-punt "H" jew l-angolu effettiv tat-torso ma jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.2.2 ta' aktar 'il fuq, il-punt "H" u l-angolu effettiv tat-torso għandhom jiġu ddeterminati darbtejn oħra (tliet darbiet b'kollox). Jekk ir-riżultati ta' tnejn minn dawn it-tliet operazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3.2.3 ta' aktar 'il fuq.
- 3.2.5. Jekk ir-riżultat ta' mill-inqas tnejn mit-tliet operazzjonijiet li ġew deskritti fil-paragrafu 3.2.4 ta' hawn fuq ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.2.2 ta' aktar 'il fuq, jew jekk il-verifika ma tkunx tista' ssir minħabba li l-manifattur tal-vettura jkun naqas milli jipprovd i l-informazzjoni rigward il-pożizzjoni tal-punt "R" jew dik rigward l-angolu tad-disinn tat-torso, għandu jintuża ċ-ċentru tat-tliet punti mkejla jew il-medja tat-tliet angoli mkejla u dan għandu jitqies bħala applikabbli fil-każi kollha fejn f'dan ir-Regolament jissemma l-punt "R" jew l-angolu tad-disinn tat-torso.
4. IL-PROĊEDURA GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-PUNT "H" U TAL-ANGOLU EFFETTIV TAT-TORSO
- 4.1. Il-vettura għandha tkun ikkundizzjonata minn qabel għad-diskrezzjoni tal-manifattur, f'temperatura ta'  $20 \pm 10$  °C sabiex ikun żgurat li l-materjal tas-sit jilħaq it-temperatura tal-kamra. Jekk is-sit li jkun se jiġi kkontrollat qatt ma jkun poġġa xiħadd fuqu, persuna jew apparat ta' bejn is-70 u t-80 kg għandu jpoġġi fuqu għal darbtejn għal minuta sabiex jintlewew il-kuxxin u d-dahar. Fuq it-talba tal-manifattur, l-assemblaġġi kollha tas-sit għandhom jibqgħu mhux mgħobbija għal perjodu minimu ta' 30 minuta qabel l-installazzjoni tal-magna 3-D H.
- 4.2. Il-vettura għandha tkun fil-pożizzjoni ta' kejl li għet iddefinita fil-paragrafu 2.11 ta' aktar 'il fuq.
- 4.3. Is-sit, jekk ikun aġġustabbli, l-ewwel għandu jkun aġġustat għall-pożizzjoni normali tas-sewqan jew tal-irkib l-iktar lura, kif ġie indikat mill-manifattur tal-vettura, waqt li jitqies biss l-aġġustament lonġitudinali tas-sit, fejn tiġi eskluża r-rata ta' moviment tas-sit li ntuża għal finijiet oħra li ma jkunux ta' pożizzjonijiet normali ta' sewqan jew ta' rkib. Meta jkunu jeżistu modi oħra ta' aġġustament tas-sit (vertikali, angolari, tad-dahar tas-sit, eċċ) dawn se jkunu aġġustati għall-pożizzjoni li għet speċifikata mill-manifattur tal-vettura. Għal sits bis-sospensjoni, il-pożizzjoni vertikali għandha tkun iffissata b'mod riġidu b'mod li tikkorrispondi għal pożizzjoni normali ta' sewqan kif ġie speċifikat mill-manifattur.
- 4.4. Iż-żona tal-pożizzjoni bilqiegħda li tkun f'kuntatt mal-magna 3-D H għandha tkun miksjija bi drapp tal-qoton tal-musulina, ta' daqs biżżejjed u b'tessut addattat, deskritt bħala drapp tat-tajjar sempliċi li jkollu 18,9 ħajt għal kull  $\text{cm}^2$  u li jkun jiżen  $0,228 \text{ kg/m}^2$  jew li jkun drapp innitjat jew mhux minsuġ b'karatteristiċi ekwivalenti. Jekk it-test isir fuq sit barra mill-vettura, l-art li fuqha jitqiegħed is-sit għandu jkollha l-istess karatteristiċi essenzjali <sup>(1)</sup> bħall-qiegħ tal-vettura li fiha jkun hemm il-ħsieb li jintuża s-sit.

(1) L-angolu ta' inklinazzjoni, id-differenza fl-għoli ma' mmontar ta' sit, it-tessut tas-superfċje, eċċ.



- 4.5. Qiegħed is-sit u l-assemblaġġ ta' dahar il-magna 3-D H b'tali mod li l-pjan ċentrali tal-okkupant (C/LO) jaħbat mal-pjan ċentrali tal-magna 3-D H. Fuq it-talba tal-manifattur, il-magna 3-D H tista' tiġi mċaqilqa 'il ġewwa rigward is-C/LO jekk il-magna 3-D H tkun tinsab tant 'il barra li t-tarf tas-sit mhux se jippermetti l-illivellar tal-magna 3-D H.
- 4.6. Waħħal l-assemblaġġ tas-sieq u tan-naħa ta' isfel tar-riġel mal-assemblaġġ tal-pjanċa tas-sit, jew individwalment jew billi tuża l-assemblaġġ tat-T-bar u tan-naħa ta' isfel tar-riġel. Il-linja li tgħaddi mill-buttni tal-viżta tal-punt "H" għandha tkun parallela għall-art u perpendikulari għall-pjan ċentrali lonġitudinali tas-sit.
- 4.7. Aġġusta l-pożizzjonijiet tas-sieq u tar-riġel tal-magna 3-D H kif ġej:
- 4.7.1. Pożizzjoni bilqiegħda maħsuba: is-sewwieq u passiġġier ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra
- 4.7.1.1. Kemm l-assemblaġġ tas-sieq kif ukoll dak tar-riġel għandhom ikunu mċaqilqa 'l quddiem b'tali mod li s-saqajn jieħdu pożizzjonijiet naturali mal-art, bejn il-pedali operattivi, jekk ikun meħtieġ. Fejn ikun possibbli s-sieq xellugija għandha tkun bejn wieħed u ieħor l-istess distanza fuq ix-xellug tal-pjan ċentrali tal-magna 3-D H bħalma s-sieq leminija tkun fuq il-lemin. L-invell li jivverifika l-orjentazzjoni trażversali tal-magna 3-D H jingiebb fil-pożizzjoni orizzontali permezz ta' aġġustament mill-ġdid tal-pjanċa tas-sit jekk ikun meħtieġ, jew billi l-assemblaġġ tas-sieq u tar-riġel jiġu aġġustati lura. Il-linja li tgħaddi mill-buttni tal-viżta tal-punt "H" għandha tinżamm perpendikulari għall-pjan ċentrali lonġitudinali tas-sit.
- 4.7.1.2. Jekk ir-riġel xellugi ma jkunx jista' jinżamm parallel għar-riġel lemini u s-sieq xellugija ma tkunx tista' tiġi appoġġjata mill-istruttura, ċaqmaq is-sieq xellugija sakemm tkun appoġġjata. L-allinjament tal-buttni tal-viżta għandu jinżamm.
- 4.7.2. Pożizzjoni bilqiegħda maħsuba: ta' wara fuq in-naħa ta' barra
- Għas-sits ta' wara jew għas-sits awżiljarji, is-saqajn jinsabu kif ġie speċifikat mill-manifattur. Jekk is-saqajn imbagħad iserrħu fuq partijiet mill-qieġ, li jkunu fl-ivelli differenti, l-ewwel sieq li tiġi f'kuntatt mas-sit ta' quddiem għandha sservi bħala referenza u s-sieq l-oħra għandha tkun irranġata b'tali mod li l-invell li jipprovi l-orjentazzjoni trażversali tas-sit tal-apparat jindika l-orizzontali.
- 4.7.3. Pożizzjonijiet bilqiegħda maħsuba oħra:
- Għandha tkun segwita l-proċedura ġenerali li kienet indikata fil-paragrafu 4.7.1 ta' aktar 'il fuq, għajr li s-saqajn għandhom jitqiegħdu skont kif ġie speċifikat mill-manifattur tal-vettura.
- 4.8. Applika l-piżijiet tan-naħa ta' isfel tar-riġel u tal-koxxa u l-livella l-magna 3-D H.
- 4.9. Mejjel il-pjanċa ta' wara 'il quddiem mal-waqfa ta' quddiem u iġbed il-magna 3-D H 'il bogħod mid-dahar tas-sit billi tuża t-T-bar. Ippożizzjona mill-ġdid il-magna 3-D H fuq is-sit permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:
- 4.9.1. Jekk il-magna 3-D H jkollha t-tendenza li tiżżerżaq lura, uża l-proċedura li ġejja. Ħalli l-magna 3-D H tiżżerżaq lura sakemm ma jkunx hemm aktar meħtieġ piż orizzontali 'l quddiem ta' trażżin fuq it-T-bar, jiġifieri sakemm il-pjanċa tas-sit tiġi f'kuntatt mad-dahar tas-sit. Jekk kemm b'zonn, ippożizzjona mill-ġdid in-naħa ta' isfel tar-riġel.
- 4.9.2. Jekk il-magna 3-D H ma jkollhiex it-tendenza li tiżżerżaq lura, uża l-proċedura li ġejja. Żerżaq il-magna 3-D H lura billi tapplika piż orizzontali lura fuq it-T-bar sakemm il-pjanċa tas-sit tiġi f'kuntatt mad-dahar tas-sit (ara figura 2 tal-Appendiċi 1 ta' dan l-anness).
- 4.10. Applika piż ta'  $100 \pm 10$  N fuq l-assemblaġġ tad-dahar u tal-pjanċa tal-magna 3-D H fl-intersezzjoni tal-kwadrant tal-angolu tal-ġenbejn u tal-kisi tat-T-bar. Id-direzzjoni tal-applikazzjoni tal-piż għandha tinżamm tul linja li tgħaddi qrib l-intersezzjoni ta' hawn fuq sa punt li jkun eżattament fuq il-kisi tal-iżbarra tal-koxxa (ara figura 2 tal-Appendiċi 1 ta' dan l-anness). Imbagħad b'attenzjoni qiegħed mill-ġdid il-pjanċa ta' wara fuq id-dahar tas-sit. Matul il-bqija tal-proċedura oqgħod attent ħalli l-magna 3-D H ma tiżzerżaqx 'il quddiem.
- 4.11. Installa l-piżijiet tan-natka leminija u dik xellugija u mbagħad, b'mod alternattiv, it-tmien piżijiet tat-torso. Żomm il-livell tal-magna 3-D H.
- 4.12. Mejjel il-pjanċa ta' wara 'il quddiem biex tnaqqas it-tensjoni minn fuq id-dahar tas-sit. Bandal il-magna 3-D H minn naħa għall-oħra f'ark ta'  $10^\circ$  ( $5^\circ$  fuq kull naħa tal-pjan ċentrali vertikali) għal tliet ċikli sħaħ biex tnaqqas kwalunkwe frizzjoni li tkun inġemgħet bejn il-magna 3-D H u s-sit.

Waqt l-azzjoni tat-tbandil, it-*T-bar* tal-magna 3-D H jista' jkollha t-tendenza li tiddevja mill-allinjament orizzontali u vertikali speċifikat. It-*T-bar* għalhekk għandha tkun imrażżna billi tiġi applikata tagħbija laterali addattata waqt il-movimenti tat-tbandil. Wieħed għandu joqgħod attent waqt li tinżamm it-*T-bar* u waqt li tkun qed tiġi mbandla l-magna 3-D H sabiex ikun żgurat li l-ebda tagħbija esterna ma tiġi applikata b'mod involontarju f'direzzjoni vertikali jew 'il quddiem u lura.

Is-saqajn tal-magna 3-D H m'għandhomx ikunu mrażżna jew miżmuma waqt dan il-pass. Jekk is-saqajn jibdlu l-pożizzjoni, għandhom temporanjament jitħallew f'dik il-pożizzjoni.

B'attenzjoni qiegħed lura l-pjanċa ta' wara fuq id-dahar tas-sit u kkontrolla li ż-żewġ invelli jkunu fil-pożizzjoni żero. Jekk ikun sar kwalunkwe ċaqliq tas-saqajn waqt l-operazzjoni tat-tbandil tal-magna 3-D H, dawn għandhom ikunu pożizzjonati mill-ġdid kif ġej:

B'mod alternattiv, għolli kull sieq mill-qiegħ tal-vettura bl-ammont minimu meħtieġ sakemm ma jkunx hemm iktar moviment tas-saqajn. Waqt li tkun qed tgħolli, is-saqajn għandhom ikunu ħielsa li jduru; u m'għandha tiġi applikata l-ebda tagħbija 'l quddiem jew fil-ġenb. Meta kull sieq titqiegħed lura fil-pożizzjoni ta' isfel, l-għarqub għandu jkun f'kuntatt mal-istruttura maħsuba għal dan.

Ikkontrolla li l-invell laterali jkun fil-pożizzjoni żero; jekk ikun meħtieġ, applika tagħbija laterali fil-quċċata tal-pjanċa ta' wara li tkun biżżejjed biex il-pjanċa tas-sit tal-magna 3-D H fuq is-sit tiġi llivellata.

- 4.13. Waqt li żżomm it-*T-bar* biex tevita li l-magna 3-D H tiżżerżaq 'il quddiem fuq il-kuxxin tas-sit, ipproċedi kif ġej:
- (a) imbagħad b'attenzjoni qiegħed mill-ġdid il-pjanċa ta' wara fuq id-dahar tas-sit;
  - (b) b'mod alternattiv applika u erħi tagħbija orizzontali lura, li ma taqbiżx il-25 N, lejn l-iżbarra tal-angolu ta' wara f'għoli li bejn wieħed u ieħor ikun fiċ-ċentru tal-pizizzjiet tat-torso sakemm il-kwadrant tal-angolu tal-ġenbejn jindika li ntlaħqet pożizzjoni stabbli wara r-rilaxx tat-tagħbija. Oqgħod attent sabiex tkun żgur li fuq il-magna 3-D H ma ġiet applikata l-ebda tagħbija esterna 'l isfel jew lejn il-ġenb. Jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' aġġustament għal livell ieħor tal-magna 3-D H, dawwar il-pjanċa ta' wara 'l quddiem, illivella mill-ġdid, u rrepeti l-proċedura mill-paragrafu 4.12.
- 4.14. Kejjel dawn li ġejjin kollha:
- 4.14.1. Ill-koordinati tal-punt "H" jitkejlu fir-rigward tas-sistema tridimensjonali ta' referenza.
  - 4.14.2. L-angolu effettiv tat-torso jinkiseb mill-kwadrant tal-angolu tad-dahar tal-magna 3-D H meta s-sonda tkun f'pożizzjoni għalkollox lura.
  - 4.15. Jekk tkun mixtieqa ripetizzjoni tal-installazzjoni tal-magna 3-D H, l-assemblaġġ tas-sit għandu jitħalla mhux mgħobbi għal perjodu minimu ta' 30 minuta qabel ir-ripetizzjoni. Il-magna 3-D H m'għandhiex titħalla mgħob-bija fuq l-assemblaġġ tas-sit iktar mill-ħin meħtieġ biex jitwettag it-test.
  - 4.16. Jekk is-sits fl-istess ringiela jistgħu jitqiesu bħala simili (sit f'forma ta' bank, sits identiċi, eċċ) għandu jkun iddeterminat biss punt "H" wieħed u "angolu effettiv tat-torso" wieħed għal kull ringiela ta' sits, bil-magna 3-D H deskritta fl-Appendiċi 1 ta' dan l-anness titqiegħed f'post meqjus bħala rappreżentattiv għar-ringiela. Dan il-post għandu jkun:
    - 4.16.1. fil-każ tar-ringiela ta' quddiem, is-sit tas-sewwieq;
    - 4.16.2. fil-każ tar-ringiela jew tar-ringieli ta' wara, sit fuq in-naħa ta' barra.

## Appendiċi 1

## DESKRIZZJONI TAL-MAGNA TRIDIMENSJONALI TAL-PUNT 'H' (\*)

(il-magna 3-D H)

## 1. Il-pjanċi tad-dahar u tas-sit


Il-pjanċi tad-dahar u tas-sit huma magħmulin minn plastik u minn metall imsaħħaħ; huma jissimulaw it-torso u l-koxxa umana u huma mekkanikament impernjati fil-punt 'H'. Kwadrant ikun marbut sew mas-sonda impernjata fil-punt 'H' sabiex ikun imkejjel l-angolu effettiv tat-torso. Żbarra aġġustabbli tal-koxxa, marbuta mal-pjanċa tas-sit, tistabbilixxi l-linja ċentrali tal-koxxa u sservi bħala linja bażi għall-kwadrant tal-angolu tal-ġenbejn.

## 2. L-elementi tal-ġisem u tar-riġel

Is-segmenti tal-parti ta' isfel tar-riġel huma kollegati mal-assemblaġġ tal-pjanċa tas-sit fit-T-bar li tgħaqqad l-irkoppetjien, li hija estensjoni laterali tal-iżbarra aġġustabbli tal-koxxa. Il-kwadranti huma inkorporati fis-segmenti tal-parti ta' isfel tar-riġel sabiex jitkejjlu l-angoli tal-irkoppetjien. L-assemblaġġi taż-żarbun u tas-sieq huma kalibrati sabiex jitkejjel l-angolu tas-sieq. Żewġ invelli jorjentaw l-apparat fl-ispazju disponibbli. Il-piżijiet tal-element tal-ġisem jitqiegħdu fiċ-ċentri ta' gravità korrispondenti sabiex jipprovdu penetrazzjoni fis-sit ekwivalenti għal raġel ta' 76 kg. Għandu jkun ikkontrollat li l-ġogi kollha tal-magna 3-D H għandhom jiċċaqilqu b'mod ħieles mingħajr ma jiltaqgħu ma' frizzjoni apprezzabbli.

Figura 1


## It-tismija tal-elementi tal-magna 3-D H



(\*) Għal dettalji dwar il-bini ta' magna 3-D H irreferi għas-Soċjetà tal-Inġiniera tal-Karozzi (SAE - Society of Automobile Engineers), 400 Commonwealth Drive, Warrendale, Pennsylvania 15096, l-Istati Uniti tal-Amerka. Il-magna tikkorrispondi għal dik deskritta fl-Istandard ISO 6549:1980.

Figura 2

Id-dimensjonijiet tal-elementi tal-magna 3-D H u d-distribuzzjoni tat-tagħbija




## Appendiċi 2

**IS-SISTEMA TRIDIMENSJONALI TA' REFERENZA**

1. Is-sistema tridimensjonali ta' referenza hija definita minn tliet pjani ortogonali stabbiliti mill-manifattur tal-vettura (ara l-figura) (\*)
2. Il-pożizzjoni tal-kejl tal-vettura tiġi stabbilita billi l-vettura tkun ippożizzjonata fuq is-superfċje ta' appoġġ b'tali mod li l-koordinati tal-marki ta' riferiment jikkorrispondu għall-valuri indikati mill-manifattur.
3. Il-koordinati tal-punt 'R' u tal-punt 'H' jiġu stabbiliti f'relazzjoni għall-marki ta' riferiment li ġew iddefiniti mill-manifattur tal-vettura.

Figura

**Is-sistema tridimensjonali ta' referenza**

(\*) Is-sistema ta' referenza tikkorrispondi għall-Istandard ISO 4130:1978.

## Appendiċi 3

**ID-DATA TA' REFERENZA LI TIKKONĊERNA L-POŻIZZJONIJET BILQIEGĦDA**

## 1. L-ikkodifikar tad-data ta' referenza

Id-data ta' referenza hija elenkata b'mod konsekuttiv għal kull pożizzjoni bilqiegħda. Il-pożizzjonijiet bilqiegħda huma identifikati b'kodiċi ta' żewġ ċifri. L-ewwel ċifra hija numru Għarbi u tindika r-ringiela tas-sits, li tingħadd minn quddiem għal wara tal-vettura. It-tieni ċifra hija ittra kapitali li tindika fejn tinsab il-pożizzjoni bilqiegħda f'ringiela, kif tidher fid-direzzjoni ta' moviment 'il quddiem tal-vettura; għandhom jintużaw l-ittri li ġejjin:

L = xellug

C = ċentru

R = lemin

## 2. Deskrizzjoni tal-pożizzjoni ta' kejl tal-vettura

## 2.1. Il-koordinati tal-marki ta' riferiment

X .....

Y .....

Z .....

## 3. Il-lista tad-data ta' referenza

## 3.1. Il-pożizzjoni bilqiegħda: .....

## 3.1.1. Il-koordinati tal-punt 'R'

X .....

Y .....

Z .....

## 3.1.2. L-angolu tad-disinn tat-torso: .....

## 3.1.3. L-ispeċifikazzjonijiet għall-aġġustament tas-sit (\*)

orizzontali: .....

vertikali: .....

angolari: .....

l-angolu tat-torso: .....

Nota: Elenka d-data ta' referenza għal aktar pożizzjonijiet bilqiegħda taħt 3.2, 3.3, eċċ.

(\*) Aqta' barra dak li ma japplikax.

ANNEX 5

L-APPARAT TA' ĠBID

Figura 1





Figura 1a



NOTI

1. Blokkja Miksija b'Lastku tal-Fowm miksi b'Kanvas ta' Densità Medja ta' 25
2. Dimensjonijiet kollha huma f'millimetri (mm)

Toqba b'dijamentru u ta' 19






Figura 2



Id-dimensjonijiet kollha huma f'millimetri

Biex titwaħħal iċ-ċinga, l-apparat ta' għid taċ-ċinturin ta' fuq l-ispalla jista' jkun modifikat billi jiżu miżjuda żewġ itruf u/jew xi boltijiet sabiex ikun evitat li waqt it-test tal-għid taqa' iċ-ċinga.

Figura 3



Id-dimensjonijiet kollha huma f'millimetri



## ANNEX 6

## IN-NUMRU MINIMU TA' PUNTI TA' ANKRAĠĠ U FEJN JINSABU L-ANKRAĠĠI TA' ISFEL

Vettura kategorija	Pożizzjonijiet bilqiegħda li jħarsu 'l quddiem				Li jħarsu lura
	Fuq barra		Ċentru		
	Quddiem	Oħra	Quddiem	Oħra	
M <sub>1</sub>	3	3	3	3	2
M <sub>2</sub> ≤ 3,5 tunnellati	3	3	3	3	2
M <sub>3</sub> u M <sub>2</sub> > 3,5 tunnellati	3 ⊕	3 jew 2 ¶	3 jew 2 ¶	3 jew 2 ¶	2
N <sub>1</sub>	3	3 jew 2 ∅	3 jew 2 *	2	2
N <sub>2</sub> u N <sub>3</sub>	3	2	3 jew 2 *	2	2

It-tifsira tas-simboli:

- 2: żewġ ankraġġi ta' isfel, li jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin tas-sikurezza tat-tip B, jew ta' ċinturini tas-sikurezza tat-tipi Br, Br3, Br4 m jew Br4Nm, fejn meħtieġ mill-Appendiċi 1 tal-Anness 13 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3).
- 3: żewġ ankraġġi ta' isfel u ankraġġ wieħed ta' fuq li jippermettu l-installazzjoni ta' ċinturin tas-sikurezza bi tliet ankraġġi tat-tip A, jew ta' ċinturini tas-sikurezza tat-tipi Ar, Ar4Nm, fejn ikun meħtieġ mill-Appendiċi 1 tal-Anness 13 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3).
- ∅: tirreferi għall-paragrafu 5.3.3 (Ikunu permessi żewġ ankraġġi jekk sit ikun fuq in-naħa ta' ġewwa ta' passaġġ)
- \*: tirreferi għall-paragrafu 5.3.4 (Ikunu permessi żewġ ankraġġi jekk il-windskrin ikun barra miż-żona ta' referenza)
- ¶: tirreferi għall-paragrafu 5.3.5 (Ikunu permessi żewġ ankraġġi jekk ma jkun hemm xejn fiż-żona ta' referenza)
- ⊕: tirreferi għall-paragrafu 5.3.7 (Id-dispożizzjonijiet speċjali għall-pjan ta' fuq ta' vettura)

## Appendiċi

## IL-POST FEJN JINSABU L-ANKRAĠĠI TA' ISFEL – IR-REKWIŻITI ANGOLARI BISS

Sit		M <sub>1</sub>	Għajr l-M <sub>1</sub>
Quddiem (*)	fuq in-naħa tal-bokkła ( $\alpha_2$ )	45° - 80°	30° - 80°
	għajr għan-naħa tal-bokkła ( $\alpha_1$ )	30° - 80°	30° - 80°
	angolu kostanti	50° - 70°	50° - 70°
	il-bank - in-naħa tal-bokkła ( $\alpha_2$ )	45° - 80°	20° - 80°
	il-bank - għajr għan-naħa tal-bokkła ( $\alpha_1$ )	30° - 80°	20° - 80°
	sit aġġustabbli bl-angolu tad-dahar tas-sit < 20°	45°-80° ( $\alpha_2$ ) (*) 20°-80° ( $\alpha_1$ ) (*)	20°-80°
Wara #		30°-80°	20°-80° $\Psi$
Li jingħalaq	Mhu meħtieġ l-ebda ankraġġ taċ-ċinturin. Jekk jitwaħħal ankraġġ: ara r-rekwiżiti angolari għal Quddiem u għal Wara.		

Noti:

#: fuq barra u fiċ-ċentru.

(\*) jekk l-angolu ma jkunx kostanti ara l-paragrafu 5.4.2.1.

 $\Psi$ : 45° - 90° fil-każ tas-sits fil-vetturi tal-kategorija M<sub>2</sub> u M<sub>3</sub>.

## ANNEX 7

**IT-TEST DINAMIKU BĦALA ALTERNATTIVA GĦAT-TEST STATIKU TAS-SAĦĦA TAL-ANKRAĠĠI TAĊ-ĊINTURIN TAS-SIKUREZZA**

## 1. L-AMBITU

Dan l-Anness jiddeskrivi test dinamiku fuq slitta li jista' jitwettaq bħala alternattiva għat-test statiku tas-saħħa tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza li ġie preskritt fil-paragrafi 6.3 u 6.4 ta' dan ir-Regolament.

Din l-alternattiva tista' tapplika fuq it-talba tal-manifattur tal-karozza fil-każ ta' grupp ta' sits fejn il-pożizzjonijiet bilqiegħda kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sikurezza bi 3 ankraġġi li magħhom ikunu assoċjati l-funzjonijiet ta' tagħmir li jillimita t-tagħbija fuq it-toraċi u meta, barra minn hekk, il-grupp ta' sits jinkludi pożizzjoni bilqiegħda fejn l-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin tas-sikurezza jkun jinsab fuq l-istruttura tas-sit.

## 2. IL-PRESKRIZZJONIJET

- 2.1. Fit-test dinamiku preskritt fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, m'għandu jkun hemm l-ebda ftuq tal-ebda ankraġġ jew fiż-żona tal-madwar. Madankollu, jiġi permess ftuq iprogrammat meħtieġ għall-funzjonament tal-apparat li jillimita t-tagħbija.

Għandhom ikunu rrispettati l-ispażji minimi għall-ankraġġi effettivi ta' isfel li ġew speċifikati fil-paragrafu 5.4.2.5 ta' dan ir-Regolament, u r-rekwiżiti għall-ankraġġi effettivi ta' fuq li ġew speċifikati fil-paragrafu 5.4.3.6 ta' dan ir-Regolament u, fejn ikun applikabbli, kompluti mill-paragrafu 2.1.1 li ġej.

- 2.1.1. Għall-vetturi tal-kategorija  $M_1$  ta' massa totali permissibbli li ma taqbiż it-2,5 tunnelli metriċi, l-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin tas-sikurezza, jekk ikun imwaħħal mal-istruttura tas-sit, m'għandux jiġi spostat 'il quddiem minn pjan trażversali li jgħaddi mill-punti R u C tas-sit ikkonċernat (ara l-Figura 1 tal-Anness 3 għal dan ir-Regolament).

Għal vetturi li mhumiex dawk li ssemew aktar 'il fuq, l-ankraġġ ta' fuq taċ-ċinturin tas-sikurezza m'għandux jiġi spostat 'il quddiem minn pjan trażversali inklinat  $10^\circ$  f'direzzjoni 'l quddiem u li jgħaddi mill-punt R tas-sit.

- 2.2. Fvetturi fejn jintużaw apparati bħal dawn, l-apparati ta' spostament u li jsakkru li jippermettu li l-okkupanti tas-sits kollha jħallu l-vettura wara t-test xorta jridu jkunu jistgħu jitħaddmu bl-id.

- 2.3. Il-manwal ta' sid il-vettura għandu jinkludi indikazzjonijiet li kull ċinturin tas-sikurezza għandu jiġi ssostitwit biss minn ċinturin tas-sikurezza approvat għall-pożizzjonijiet bilqiegħda meqjusa fil-vettura, u b'mod partikolari għandu jidentifika dawk il-pożizzjonijiet bilqiegħda li jistgħu jiġu mgħammra b'ċinturin tas-sikurezza xieraq mgħammar b'apparat li jillimita t-tagħbija.

## 3. IL-KUNDIZZJONIJET TAT-TEST DINAMIKU

## 3.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali

Għat-test li ġie deskritt f'dan l-Anness japplikaw il-kundizzjonijiet ġenerali li ġew deskritti fil-paragrafu 6.1 ta' dan ir-Regolament.

## 3.2. L-installazzjoni u l-preparazzjoni

## 3.2.1. L-islitta

L-islitta trid tkun mibnija b'tali mod li wara t-test ma tidher l-ebda deformazzjoni apparenti. Trid tkun iggwidata b'tali mod li, waqt il-fażi tal-impatt, id-devjazzjoni ma taqbiż il- $5^\circ$  fil-pjan vertikali u  $2^\circ$  fil-pjan orizzontali.

## 3.2.2. L-irfid tal-istruttura tal-vettura

Il-parti tal-istruttura tal-vettura meqjusa bħala essenzjali għar-riġidità tal-vettura rigward l-ankraġġi tas-sit u l-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza għandha tkun mirfuda fuq l-islitta, skont id-dispożizzjonijiet li ġew deskritti fil-paragrafu 6.2 ta' dan ir-Regolament.

## 3.2.3. Is-sistemi ta' trażżin

- 3.2.3.1. Is-sistemi ta' trażżin (is-sits kompluti, l-assemblaġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u l-apparat li jillimitaw it-tagħbija) għandhom ikunu mmontati fuq l-istruttura tal-vettura skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-produzzjoni f'serje tal-vetturi.

L-ambjent tal-vettura li jħares lejn is-sit ittestjat (id-daxxbord, is-sit, eċċ., jiddependi mis-sit ittestjat) jista' jkun immontat fuq l-islitta tat-test. Jekk kien hemm airbag frontali, irid jiġi deattivat.


- 3.2.3.2. Fuq it-talba tal-manifattur tal-karozza u bi ftehim mas-servizz tekniku inkarigat mit-testijiet, uħud mill-komponenti tas-sistemi ta' trażżin għajr għas-sits kompluti, għall-assemblaġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u għall-apparati li jllimitaw it-tagħbija, ma jistgħux jiġu mmontati fuq l-islitta tat-test jew jistgħu jiġu ssostitwiti minn komponenti li jkollhom ebusija ekwivalenti jew iċken u li d-dimensjonijiet tagħhom jkunu inklużi fid-dimensjonijiet tat-tagħmir intern tal-vettura, sakemm il-konfigurazzjoni ttesjtata tkun mill-inqas sfavorevoli bħall-konfigurazzjoni ta' serje rigward il-forzi li japplikaw fuq l-ankraġġi tas-sit u taċ-ċinturin tas-sikurezza.
- 3.2.3.3. Is-sits għandhom jiġu aġġustati kif inhu meħtieġ fil-paragrafu 6.1.2 ta' dan ir-Regolament, fil-pożizzjoni għall-użu magħżula mis-servizz tekniku inkarigat mit-testijiet bħala dik li tagħti l-kundizzjonijiet l-aktar avversi rigward is-saħħa tal-ankraġġi u li tkun kompatibbli mal-installazzjoni tal-manikini fil-vettura.
- 3.2.4. Il-manikini
- Fuq kull sit għandu jiġi ppożizzjonat manikin li d-dimensjonijiet u l-massa tiegħu ġew iddefiniti fl-Anness 8 u li jkun miżmum miċ-ċinturin tas-sikurezza pprovdut fil-vettura.
- Mhi meħtieġa l-ebda strumentazzjoni tal-manikini.
- 3.3. It-test
- 3.3.1. L-islitta għandha tkun imbuttata b'tali mod li, matul it-test, il-varjazzjoni fil-veloċità tagħha tkun ta' 50 km/siegħa. Id-deċelerazzjoni tal-islitta għandha tkun fil-kuritur speċifikat fl-Anness 8 għar-Regolament Nru 16.
- 3.3.2. Jekk ikun applikabbli, l-attivazzjoni ta' apparati addizzjonali ta' trażżin (apparati ta' tagħbija applikata minn qabel, eċċ., ħliet l-airbags) tiġi kkawżata skont l-indikazzjonijiet tal-manifattur tal-karozza.
- 3.3.3. Għandu jiġi kkontrollat li l-ispostament tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza ma jeċċedix il-limiti li ġew speċifikati fil-paragrafi 2.1 u 2.1.1 ta' dan l-Anness.
-

## ANNEX 8

## L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-MANIKIN (\*)

Il-massa	97,5 ± 5 kg
L-għoli meta bilqiegħda wieqaf	965 mm
Il-wisa' tal-ġenbejn (bilqiegħda)	415 mm
Iċ-ċirkonferenza tal-ġenbejn (bilqiegħda)	1 200 mm
Iċ-ċirkonferenza tal-qadd (bilqiegħda)	1 080 mm
Il-fond tas-sider	265 mm
Iċ-ċirkonferenza tas-sider	1 130 mm
L-għoli tal-ispalla	680 mm
It-tolleranza fuq id-dimensjonijiet kollha tat-tul	± 5 fil-mija

Rimarka: skeċċ li jispjega d-dimensjonijiet jintwera fil-figura ta' hawn taħt.



(\*) L-apparati li ġew deskritti fir-Regola tad-Disinn Awstraljana (ADR — Australian Design Rule) 4/03 u fl-Istandard Federali tas-Sigurtà tal-Vetturi bil-Mutur (FMVSS — Federal Motor Vehicle Safety Standard) Nru. 208 jitqiesu bħala ekwivalenti.

## ANNEX 9

## IS-SISTEMI TA' ANKRAĠĠI ISOFIX U L-ANKRAĠĠI TAL-IRBIT TA' FUQ ISOFIX

Figura 1

L-apparat għall-applikazzjoni ta' forza statika (SFAD), veduti isometriċi






Figura 2

## L-apparat għall-applikazzjoni ta' forza statika (SFAD), id-dimensjonijiet



Id-dimensjonijiet huma f'millimetri


Muflieh:

1. Il-punt ta' twaħħil tal-irbit ta' fuq
2. It-twaħħil impernjat għall-ittestjar tal-ebusija kif ġie deskritt aktar 'l isfel.

L-ebusija tal-SFAD: Meta mwaħħal ma' żbarra(i) ta' ankraġġ' riġida(i) bit-traversa ta' quddiem tal-SFAD appoġġjata minn żbarra riġida li tinżamm fiċ-ċentru minn pern lonġitudinali 25 mm taħt il-bażi tal-SFAD (sabiex il-bażi tal-SFAD tkun tista' tintlewa u tinbaram) il-moviment tal-punt X m'għandux ikun ikbar minn 2 mm fi kwalunkwe direzzjoni meta l-forzi jiġu applikati skont it-Tabella Nru 1 tal-paragrafu 6.6.4 ta' dan ir-Regolament. Kwalunkwe deformazzjoni tas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX għandha tiġi eskluża mill-kejl.

Figura 3

**Id-dimensjonijiet tal-irbit kollegatur (bil-ganċ) ta' fuq ISOFIX**



Ara d-Dettall A

**MUFTIEĦ:**

- Struttura tal-kisi (jekk preżenti)
- Żona li fiha l-profil tal-wiċċ komuni tal-ganċ taċ-ċinga tal-irbit għandu jkun kollu

Figura 4

**Id-distanza bejn iż-żewġ żoni ta' ankraġġ baxx**







Figura 5


## Il-mudell f'żewġ dimensjonijiet



Nota: Id-dimensjonijiet huma f'millimetri

Figura 6

## Fejn jinsab l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX – Mill-ġenb




1. L-angolu tad-dahar
  2. L-intersezzjoni tal-pjan ta' referenza tal-linja tat-torso u l-pjanċa tal-art
  3. Il-pjan ta' referenza tal-linja tat-torso
  4. Il-punt H
  5. Il-punt 'V'
  6. Il-punt 'R'
  7. Il-punt 'W'
  8. Il-pjan vertikali lonġitudinali
  9. It-tul tat-trembil taċ-ċinga mill-punt 'V': 250 mm
  10. It-tul tat-trembil taċ-ċinga mill-punt 'W': 200 mm
  11. Il-qatgħa trażversali tal-pjan 'M'
  12. Qatgħa trażversali tal-pjan 'R'
  13. Il-linja tirrappreżenta s-superfċje speċifika tal-pjanċa tal-qiegħ tal-vettura fiż-żona preskritta
- Nota 1:* Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq li hija maħsuba biex tintrabat mal-ganċ tal-irbit ta' fuq li għandu jinsab fiż-żona mmarkata bil-griż
- Nota 2:* Il-Punt 'R': Il-punt ta' referenza tal-ispalla
- Nota 3:* Il-Punt 'V': Il-punt ta' referenza V, 350 mm vertikament 'il fuq u 175 mm orizzontalment lura mill-punt H
- Nota 4:* Il-Punt 'W': Il-punt ta' referenza W, 50 mm vertikament taħt u 50 mm orizzontalment lura mill-punt R
- Nota 5:* Il-Pjan 'M': Il-pjan ta' referenza M, 1 000 mm orizzontalment lura mill-punt 'R'
- Nota 6:* Is-superfċji l-iktar 'il quddiem taż-żona huma ġġenerati bil-firxa taż-żewġ linji tat-trembil tul il-firxa estiża tagħhom fil-parti ta' quddiem taż-żona. Il-linji tat-trembil jirrappreżentaw it-tul minimu aġġustat taċ-ċingi tipiċi tal-irbit ta' fuq li jestendu minn fuq tas-CRS (il-punt W) jew minn punt iktar baxx fid-dahar tas-CRS (il-punt V).

Figura 7

## Fejn jinsab l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX – Iż-żona tat-trembil mill-ġenb u mkabbra

Id-dimensjonijiet huma f'millimetri



1. Il-punt 'V'
2. Il-punt 'R'
3. Il-punt 'W'
4. It-tul tat-trembil taċ-ċinga mill-punt 'V': 250 mm
5. Il-pjan vertikali lonġitudinali
6. It-tul tat-trembil taċ-ċinga mill-punt 'W': 200 mm
7. L-arki maħluqa mit-tulijiet tat-trembil
8. Il-punt H

*Nota 1:* Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq li hija maħsuba biex tintrabat mal-ganċ tal-irbit ta' fuq li għandu jinsab fiż-żona mmarkata bil-griż

*Nota 2:* Il-Punt 'R': Il-punt ta' referenza tal-ispalla

*Nota 3:* Il-Punt 'V': Il-punt ta' referenza V, 350 mm vertikament 'il fuq u 175 mm orizzontalment lura mill-punt H

*Nota 4:* Il-Punt 'W': Il-punt ta' referenza W, 50 mm vertikament taħt u 50 mm orizzontalment lura mill-punt 'R'


*Nota 5:* Il-Pjan 'M': Il-pjan ta' referenza M, 1 000 mm orizzontalment lura mill-punt 'R'

*Nota 6:* Is-superfiċi iktar 'il quddiem taż-żona huma ġġenerati bil-firxa taż-żewġ linji tat-trembil tul il-firxa estiża taġħhom 'il-parti ta' quddiem taż-żona. Il-linji tat-trembil jirrappreżentaw it-tul minimu aġġustat taċ-ċingi tipiċi tal-irbit ta' fuq li jestendu minn fuq tas-CRS (il-punt W). jew minn punt iktar baxx fuq dahar is-CRS (il-punt V).

Figura 8

Fejn jinsab l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, iż-żona ISOFIX – Mill-pjani  
(qatgħa trażversali tal-pjan R)

Id-dimensjonijiet huma f'millimetri



1. Il-pjan medjan
2. Il-punt 'V'
3. Il-punt 'R'
4. Il-punt 'W'
5. Il-pjan vertikali lonġitudinali

Nota 1: Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq li hija maħsuba biex tintrabat mal-ganċ tal-irbit ta' fuq li għandu jinsab fiż-żona mmarkata bil-griż


Nota 2: Il-Punt 'R': Il-punt ta' referenza tal-ispalla

Nota 3: Il-Punt 'V': Il-punt ta' referenza V, 350 mm vertikalmnt 'il fuq u 175 mm orizzontalmnt lura mill-punt H

Nota 4: Il-Punt 'W': Il-punt ta' referenza W, 50 mm vertikalmnt taħt u 50 mm orizzontalmnt lura mill-punt 'R'

Figura 9

Fejn jinsab l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, iż-żona ISOFIX – Minn quddiem



1. Il-punt 'V'
2. Il-punt 'W'
3. Il-punt 'R'
4. Il-pjan medjan
5. Tul il-pjan ta' referenza tat-torso miż-żona

Nota 1: Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq li hija maħsuba biex tintrabat mal-ganċ tal-irbit ta' fuq li għandu jinsab fiż-żona mmarkata bil-griż


Nota 2: Il-Punt 'R': Il-punt ta' referenza tal-ispalla

Nota 3: Il-Punt 'V': Il-punt ta' referenza V, 350 mm vertikalmnt 'il fuq u 175 mm orizzontalmnt lura mill-punt H

Nota 4: Il-Punt 'W': Il-punt ta' referenza W, 50 mm vertikalmnt taħt u 50 mm orizzontalmnt lura mill-punt 'R'

Figura 10

Fejn jinsab l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, iż-żona ISOFIX – Veduta skematika u tridimensjonali



1. Il-punt H
2. Il-punt 'V'
3. Il-punt 'W'
4. Il-punt 'R'
5. Pjan ta' 45
6. Qatgħa trażversali tal-pjan 'R'
7. Is-superfiċje tal-pjanċa tal-qiegħ
8. It-tarf ta' quddiem taż-żona


Nota 1: Il-parti tal-ankraġġ tal-irbit ta' fuq li hija maħsuba biex tintrabat mal-ganċ tal-irbit ta' fuq li għandu jinsab fiż-żona mmarkata bil-griż

Nota 2: Il-Punt 'R': Il-punt ta' referenza tal-ispalla

Figura 11

Metodu alternattiv biex issib l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq billi tuża t-tagħmir fiss "ISO/F2" (B), iż-żona isofix – mill-ġenb, minn fuq u minn wara

Id-dimensjonijiet huma f'millimetri



- 1 Il-wiċċ orizzontali tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B)
- 2 Il-wiċċ ta' wara tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B)
- 3 linja orizzontali tanġenzjali ma' fuq tad-dahar tas-sit (l-aħħar punt riġidu ta' ta' ebsuija akbar minn 50 Shore A) iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ankraġġ minimu
- 4 intersezzjoni bejn 2 u 3
- 5 il-punt ta' referenza tal-irbit
- 6 il-linja ċentrali tat-tagħmir fiss 'ISO/F2' (B)
- 7 ċinga tal-irbit ta' fuq
- 8 il-limiti taż-żona ta'

Figura 12

Is-simbolu ta' ankraġġ baxx ISOFIX minimu




Noti:

1. It-tpiņġija mhix fi skala xierqa.
2. Is-simbolu jista' jintwera b'hala rifless (bil-ġnub maqlubin).
3. Il-kulur tas-simbolu skont kif jaġhzel il-manifattur.

Figura 13

Is-simbolu li jintuża biex ikun identifikat fejn jinsab ankraġġ tal-irbit ta' fuq li jkun taħt għata



Noti:

1. Id-dimensjonijiet huma fmm
2. It-tpiġġja mhix fi skala xierqa.
3. Is-simbolu għandu jkun viżibbli b'mod ċar jew permezz ta' kuluri li jikkuntrastaw jew b'riljiev adegwat jekk immudellat jew ibbuzzat 'il barra.



It-testijiet oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali taħt il-liġi pubblika internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċekkijati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus UN/ECE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

**Ir-Regolament Nru 34 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni ta' riskji tan-nar.**

Li tinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 02 – Data tad-dħul fis-seħħ: 1-24 ta' Ottubru 2009

WERREJ

IR-REGOLAMENT

1. L-ambitu
2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni
3. L-approvazzjoni

PARTI I – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT TAGĦHOM

4. Id-Definizzjonijiet
5. Ir-rekwiżiti għat-tankijiet tal-karburant likwidu
6. It-testijiet tat-tankijiet tal-karburant likwidu

PARTI II – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-PREVENZJONI TAR-RISKJI TAN-NAR FIL-KAŻ TA' KOLLIŻJONI

7. Id-definizzjonijiet
8. Ir-rekwiżiti għall-installazzjoni tat-tankijiet tal-karburant likwidu
9. It-testijiet fuq il-vettura

PARTI III – L-APPROVAZZJONI TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT LIKWIDU BĦALA UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI

10. Id-definizzjonijiet
11. Ir-rekwiżiti għat-tankijiet tal-karburant likwidu

PARTI IV – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TAT-TANK/IJJET TAL-KARBURANT APPROVATI TAGĦHOM

12. Id-definizzjonijiet
13. Ir-rekwiżiti għall-installazzjoni tat-tank/ijiet tal-karburant likwidu
14. Il-modifiki tat-tip ta' vettura jew tank
15. Il-konformità tal-produzzjoni
16. Il-pieni għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
17. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji
18. L-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi

## ANNESI

Anness 1 – Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni definittivament imwaqqfa ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tank għall-karburant likwidu u dwar il-prevenzjoni tar-riskji tan-nar fil-każ ta' kollizzjoni mill-quddiem/-mill-ġenb/minn wara u għal tip ta' tank għal karburant likwidu skont ir-Regolament Nru 34

Anness 2 – L-arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 – Test tal-kollizzjoni minn quddiem kontra ostaklu

Anness 4 – Il-proċedura tat-test tal-kollizzjoni minn wara

Anness 5 – L-ittestjar tat-tankijiet tal-karburant magħmula minn materjal tal-plastik

Appendiċi 1 – It-test tar-reżistenza għan-nar

Appendiċi 2 – Id-dimensjonijiet u d-dejta teknika tal-briks li jirreżistu n-nar

1. L-AMBITU

Dan ir-Regolament japplika:

1.1. PARTI I: għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategoriji M, N u O <sup>(1)</sup> fir-rigward ta' tank/ijiet għall-karburant likwidu.

1.2. PARTI II: fuq talba tal-manifattur għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategoriji M, N u O approvati għall-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament mġhamra b'tank/ijiet tal-karburant likwidu fir-rigward ta' prevenzjoni tar-riskji tan-nar fil-każ ta' kollizzjoni mill-quddiem u/jew mill-ġenb u/jew minn wara.

1.3. PARTI III: għall-approvazzjoni tat-tanek għall-karburant likwidu bħala unitajiet tekniċi.

1.4. PART IV: għall-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni tat-tankijiet approvati għall-karburant likwidu.

2. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

2.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni b'konformità mal-Parti I u/jew il-Parti II ta' dan ir-Regolament.

2.1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura għal Parti I jew Parti II ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu kif xieraq.

2.1.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u minn dawn id-dettalji li ġejjin:

2.1.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 4.2 u/jew 7.2 Għandhom jiġu speċifikati n-numru u/jew is-simboli li jidentifikaw it-tip tal-magna u l-mudell tal-vettura;

2.1.2.2. tpinġija/tpinġijiet li turi/juru l-karatteristiċi tat-tank tal-karburant u li tispeċifika/jispeċifikaw il-materjal li huwa/huma magħmul/in minnu;

2.1.2.3. tpinġija tas-sistemi sħaħ tal-provviżjon tal-karburant, li turi l-post ta' kull komponent fil-vettura; u

2.1.2.4. għall-applikazzjoni skont il-Parti II ta' dan ir-Regolament, disinn tal-installazzjoni elettrika li turi l-post tagħha u kif inhi mwaħħla mal-vettura.

2.1.3. Dawn li ġejjin għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip:

2.1.3.1. Rappreżentant tal-vettura għat-tip ta' vettura li se tkun approvata jew il-partijiet tal-vettura li s-servizz tekniku jqis li huma neċessarji għat-testijiet tal-approvazzjoni;

2.1.3.2. Fil-każ ta' vettura mġhamra b'tank magħmul mill-materjal tal-plastik: seba' tankijiet addizzjonali, bl-aċċessorji tagħhom;

<sup>(1)</sup> Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emenda.2 kif l-aħħar emendat mill-Emenda.4).

- 2.1.3.3. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'tank magħmul minn materjal ieħor: żewġ tankijiet addizzjonali, bl-aċċessorji tagħhom.
- 2.2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni b'konformità mal-Parti III ta' dan ir-Regolament
  - 2.2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' tank għall-karburant likwidu b'konformità mal-Parti III ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tat-tank jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu kif xieraq.
  - 2.2.2. Għandu jkollha magħha d-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji kif ukoll id-dettalji li ġejjin:
    - 2.2.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' tank tal-karburant fir-rigward tal-elementi speċifikati fil-paragrafu 10.2; għandu jiġi speċifikat jekk l-applikazzjoni tapplikax għal tip ta' tank bl-aċċessorji tiegħu jew mingħajrhom u jekk tapplikax għall-użu ġenerali jew għal użu speċifiku ta' vettura. Fil-każ ta' approvazzjoni għal tip ta' tank mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandha tiġi inkluża identifikazzjoni ċara tal-aċċessorji użati għat-testijiet.
    - 2.2.2.2. Tpinġija/tpinġijiet li turi/juru l-karatteristiċi tat-tank tal-karburant u li tispeċifika/jispeċifikaw il-materjal li minnu jkun magħmul u, fil-każ ta' tank għal użu speċifiku ta' vettura, il-karatteristiċi tal-partijiet tal-vettura użati matul it-testijiet;
    - 2.2.3. Dawn li ġejjin għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip:
      - 2.2.3.1. Fil-każ ta' tank magħmul mill-materjal tal-plastik: seba' tankijiet, bl-aċċessorji tagħhom. Fil-każ ta' tank li għandu jiġi approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandhom jiġu ppreżentati seba' settijiet ta' aċċessorji ta' tip li normalment jitwawhal mal-vettura.
      - 2.2.3.2. Fil-każ ta' tank magħmul minn materjal ieħor: żewġ tankijiet, bl-aċċessorji tagħhom. Fil-każ ta' tank li għandu jiġi approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandhom jiġu ppreżentati żewġ settijiet ta' aċċessorji ta' tip li normalment jitwawhal mal-vettura.
      - 2.2.3.3. Fil-każ ta' tank magħmul mill-plastik għal użu speċifiku ta' vettura, għandhom jiġu ppreżentati l-partijiet tal-vettura kif indikat fil-paragrafu 5.3.2 tal-Anness 5.
- 2.3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni b'konformità mal-Parti IV ta' dan ir-Regolament
  - 2.3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura b'konformità mal-Parti IV ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu kif xieraq.
  - 2.3.2. Għandu jkollha magħha d-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji u l-partikularitajiet li ġejjin:
    - 2.3.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-elementi speċifikati fil-paragrafu 12.2. Għandhom jiġu speċifikati n-numri u/jew is-simboli li jidentifikaw it-tip tal-magna u l-mudell tal-vettura;
    - 2.3.2.2. Tpinġija tas-sistema sħiħa tal-proviżjon tal-karburant, li turi l-post ta' kull komponent fuq il-vettura;
    - 2.3.2.3. Listi tat-tipi kollha ta' tankijiet tal-karburant likwidu approvati b'konformità ma' Parti III ta' dan ir-Regolament u maħsuba għal twawhil fuq it-tip ta' vettura.
  - 2.3.3. Dawn li ġejjin għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip:
    - 2.3.3.1. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata;
    - 2.3.3.2. Jekk meħtieġa, żewġ tankijiet addizzjonali bl-aċċessorji tagħhom fil-każ ta' kull tip ta' tank tal-karburant approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu.

3. APPROVAZZJONI
- 3.1. Approvazzjoni b'konformità mal-Parti I u/jew il-Parti II ta' dan ir-Regolament.
- 3.1.1. Jekk il-vettura sottomessa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti I u/jew tal-Parti II hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta vettura.
- 3.1.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu għandhom jikkostitwixxu n-numru tas-serje l-aktar reċenti ta' emendi inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni. Parti Kuntraenti tista' madankollu tassenja l-istess numru tal-approvazzjoni lil bosta tipi ta' vettura kif definit fil-paragrafu 4.2 u/jew 7.2 jekk it-tipi jkunu varjanti tal-istess mudell bażiku bil-kundizzjoni li kull tip ikun ittestjat separatament u jinstab li jħares il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- 3.1.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura b'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 1 ma' dan ir-Regolament u permezz ta' tpingġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.1.2.2, 2.1.2.3 u 2.1.2.4 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux akbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.
- 3.1.4. F'post speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni għandha titwawhhal għal kull vettura li tkun konformi ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, b'mod li jidher ħafna u f'post li jkun aċċessibbli b'mod faċli, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti fi:
- 3.1.4.1. ċirku madwar l-ittra 'E' segwita bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni<sup>(2)</sup>;
- 3.1.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit b"RI", jekk il-vettura tkun approvata b'konformità mall-Part I tar-Regolament, jew b"RII" jekk il-vettura tkun approvata b'konformità mal-Partijiet I jew IV u mal-Parti II tar-Regolament, sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 3.4.1.
- 3.1.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat, skont wieħed jew aktar mir-Regolament l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu provduti fil-paragrafu 3.1.4.1 ma hemmx għalfejn ikun ripetut; f'dan il-każ in-numri addizzjonali, in-numri tal-approvazzjoni u s-simboli tar-Regolamenti kollha li taħtom tkun ingħata l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jinkitbu fil-kolonna vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 3.1.4.1.
- 3.1.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.
- 3.1.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew 'il fuq mid-data tal-vettura li jwawhhal il-manifattur.
- 3.1.8. L-Anness 2 ma' dan ir-Regolament jipprovduti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.
- 3.2. Approvazzjoni b'konformità mal-Parti III ta' dan ir-Regolament
- 3.2.1. Jekk it-tank imressaq għall-approvazzjoni b'konformità ma' dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti III hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' tank.

<sup>(2)</sup> 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvizżera, 15 (vojta), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vojta), 31 għall-Bosnja-Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vojta), 34 għall-Bulgarija, 35 (vojta), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vojta), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għal dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vojta), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vojta), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għal New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malasja, 53 għat-Tajlandja, 54 (vojta), 55 (vojta), 56 għall-Montenegro u 58 għat-Tuneżija. In-numri ta' wara għandhom ikunu assenjati lil pajjiżi oħrajn fl-ordni kronoloġija li fiha jirratifikaw jew jaderixxu għall-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għal Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu jitwawhlu u/jew jintużaw fuq il-Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonossiment Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri hekk mogħtija għandhom ikunu komunikiati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kuntraenti tal-Ftehim.

- 3.2.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu għandhom jikkostitwixxu n-numru tas-serje l-aktar reċenti ta' emendi inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni.
- 3.2.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' tank b'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 2 ma' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.2.2.1 u 2.2.2.2 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux akbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.
- 3.2.4. Ma' kull tank li jkun konformi mat-tip ta' tank approvat skont dan ir-Regolament għandu jkun hemm imwahnha, b'mod li tidher u f'post li jkun faċilment aċċessibbli u li jkun speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka internazzjonali tal-approvazzjoni li tkun tikkonsisti minn:
- 3.2.4.1. Ċirku madwar l-ittra 'E' segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni (?)
- 3.2.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament segwit minn 'RIF', ikun hemm 'U' jekk it-tank ikun approvat għal użu ġenerali jew 'S' jekk it-tank ikun approvat għal użu speċifiku ta' vettura, ikun hemm '+A' jekk it-tank ikun approvat bl-aċċessorji tiegħu jew '#A' jekk it-tank ikun approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, sing u n-numru tal-approvazzjoni lejn il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 3.2.4.1.
- 3.2.5. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar meta t-tank jiġi installat fil-vettura.
- 3.2.6. L-Anness 2 ma' dan ir-Regolament jipprovi eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.
- 3.3. Approvazzjoni b'konformità mal-Parti IV ta' dan ir-Regolament
- 3.3.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni b'konformità ma' dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti IV ta' hawn taħt, l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' vettura għandha tingħata.
- 3.3.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu għandhom jikkostitwixxu n-numru tas-serje l-aktar reċenti ta' emendi inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni. Parti Kontraenti tista' madankollu tassenja l-istess numru tal-approvazzjoni lil bosta tipi ta' vettura kif definit fil-paragrafu 12.2 jekk it-tipi jkunu varjanti tal-istess mudell bażiku bil-kundizzjoni li kull tip ikun ittestjat separatament u jinstab li jħares il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- 3.3.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura b'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 1 ma' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.3.2.1, 2.3.2.2 u 2.3.2.3 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux akbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.
- 3.3.4. F'post speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni għandha titwahnha għal kull vettura li tkun konformi ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, b'mod li jidher ħafna u f'post li jkun aċċessibbli b'mod faċli, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti fi:
- 3.3.4.1. Ċirku madwar l-ittra 'E' segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni; (?)
- 3.3.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit minn 'RIV', sing u min-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku provdut fil-paragrafu 3.3.4.1.
- 3.3.5. Jekk il-vettura tikkonoforma ma' tip ta' vettura approvat, skont wieħed jew aktar mir-Regolament l-oħra annessi għall-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu provdut fil-paragrafu 3.3.4.1 mhemmx għalfejn ikun ripetut; f'dan il-każ in-numri addizzjonali, in-numri tal-approvazzjoni u s-simboli tar-Regolamenti kollha li taħtom tkun ingħata l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jinkitbu fil-kolonna vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 3.3.4.1.

- 3.3.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.
- 3.3.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew 'il fuq mid-data tal-vettura li jwaħħal il-manifattur.
- 3.3.8. L-Anness 2 ma' dan ir-Regolament jipprovdni eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.

PARTI I – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT TAGĦHOM

4. ID-DEFINIZZJONIJET

Għall-iskopijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

- 4.1. 'approvazzjoni ta' vettura' tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tankijiet tal-karburant likwidu;
  - 4.2. 'tip ta' vettura' tfisser vetturi li mhumiex differenti f'aspetti essenzjali bħal:
    - 4.2.1. id-deskrizzjoni tat-tip tal-manifattur
    - 4.2.2. fil-vetturi tal-kategorija M1 <sup>(1)</sup> il-pożizzjoni tat-tank/ijiet fil-vettura bil-kundizzjoni li din ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;
  - 4.3. 'kompartment tal-passiġġier' tfisser l-ispazju għall-akkomodazzjoni tal-okkupant magħluq minn saqaf, art, ħitan tal-ġenb, bibien, glejżing ta' barra, paratija ta' quddiem, u l-pjanura tal-paratija tal-kompartment ta' wara jew il-pjanura tal-appoġġ tad-dahar tas-sedil ta' wara;
  - 4.4. 'tank' tfisser it-tank/ijiet iddisinjati biex jikkontjeni l-karburant likwidu, kif definit fil-paragrafu 4.6, użat primarjament għat-tmexxija tal-vettura bl-esklużjoni tal-aċċessorji tiegħu (pajp tal-mili, jekk dan ikun element separat, toqba tal-mili, għatu, l-istrument tal-kejl, konnessjonijiet mal-magna jew biex isir kumpens għall-prensa interjuri żejda, eċċ.);
  - 4.5. 'kapaċità tat-tank tal-karburant' tfisser il-kapaċità tat-tank tal-karburant kif speċifikata mill-manifattur; u
  - 4.6. 'karburant likwidu' tfisser karburant li huwa likwidu f'kundizzjonijiet normali ta' temperatura u pressa.
5. IR-REKWIŻITI GĦAT-TANKIJET TAL-KARBURANT LIKWIDU
- 5.1. It-tankijiet għandhom isiru b'mod li jirreżistu l-korrużjoni.
  - 5.2. It-tankijiet għandhom jissodisfaw, meta jkunu mgħammra bl-aċċessorji kollha, li normalment ikunu mwaħħla magħhom, it-testijiet taċ-ċarċir imwettqa skont il-paragrafu 6.1 bi pressa interna relattiva daqs id-doppju tas-sovrappressa tal-ħidma, iżda f'kull każ mhux inqas minn sovrappressa ta' 0,3 bar.  
It-tankijiet magħmula minn materjal tal-plastik jitqiesu li jissodisfaw dan ir-rekwiżit jekk ikunu għaddew mit-test deskritt fl-Anness 5, il-paragrafu 2.
  - 5.3. Kull pressa żejda jew kwalunkwe pressa li hija aktar mill-prensa tal-ħidma għandha tkun kumpensata awtomatikament minn tagħmir xieraq (toqob tal-arja, valvoli tas-sikurezza, eċċ.).
  - 5.4. It-toqob tal-arja għandhom ikunu disinjati b'tali mod li jipprevjenu kwalunkwe riskju tan-nar. B'mod partikolari, kwalunkwe karburant, li jista' jċarċar meta t-tank/ijiet ikun/u qed jimtela/-jimtlew ma għandux ikun jista' jaqa' fuq is-sistema tal-egżost. Għandu jiġi mmexxi lejn l-art.
  - 5.5. It-tank/ijiet ma għandux/għandhomx ikun/u pożizzjonat/i fi, jew jiforma/jiformaw, superfiċje (art, ħajt, paratija) tal-kompartment tal-passiġġier jew kompartment ieħor li jkun integrat miegħu/magħhom.
  - 5.6. Għandha tkun provduta taqsima biex tissepara l-kompartment tal-okkupant mit-tank/ijiet. It-taqsima jista' jkun fiha aperturi separati (eż., biex takkomoda l-fili) kemm-il darba dawn jiġu rranġati sabiex, matul il-kundizzjonijiet normali tal-użu, il-karburant ma jkunx jista' jimxi liberament mit-tank/ijiet lejn il-kompartment tal-okkupanti jew kompartment ieħor li jkun integrat miegħu.
  - 5.7. Kull tank għandu jiġi ffixxat sewwa u jitqiegħed b'mod li jassigura li kwalunkwe ċarċir ta' karburant mit-tank jew l-aċċessorju tiegħu jgħaddi lejn l-art u mhux lejn il-kompartment tal-okkupant waqt il-kundizzjonijiet normali tal-użu.

- 5.8. It-toqba għall-mili ma għandhiex tkun fil-kompartiment tal-okkupant, fil-kompartiment tal-bagalji jew fil-kompartiment tal-magna.
- 5.9. Il-karburant ma għandux jgħaddi mit-tapp tat-tank jew minn apparat provdut sabiex jikkompensa pressjoni eċċessiva waqt l-operazzjoni prevista tal-vettura. Fil-każ li l-vettura tinqaleb, jista' jkun tollerat it-taqir kemm-il darba dan ma jaqbiżx it-30 g/min; dan ir-rekwiżit għandu jkun verifikat fit-test preskritt fil-paragrafu 6.2.
- 5.9.1. L-għatu tal-mili tal-karburant għandu jitwahaħhal mal-pajp tal-mili.
- 5.9.1.1. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.9.1 jitqiesu bħala sodisfatti jekk jittieħdu passi għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet evaporattivi eċċessivi u għaċ-ċarċir tal-karburant kkawżat minn għatu tal-mili nieqes.
- Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' wieħed minn dawn li ġejjin:
- 5.9.1.1.1. għatu tal-mili tal-karburant li jinfetaħ u jingħalaq awtomatikament, li ma jistax jitneħħa,
- 5.9.1.1.2. karatteristiċi tad-disinn li jevitaw l-emissjonijiet evaporattivi eċċessivi u ċ-ċarċir tal-karburant fil-każ ta' għatu tal-mili nieqes,
- 5.9.1.1.3. kwalunkwe provvediment ieħor li għandu l-istess effett. Eżempji jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, għatu tal-mili bir-rabta, għatu tal-mili bil-katina jew wieħed li juża l-istess ħavetta biex jissakkar l-għatu tal-mili u biex tinxtegħel il-magna. F'dan il-każ iċ-ħavetta għandha tkun tista' titneħħa mill-għatu tal-mili biss meta jkun imsakkar. Iżda, l-użu ta' għatu tal-mili marbut jew ta' dak marbut bil-katina waħdu mhux biżżejjed għall-vetturi l-oħra li mhumiex tal-kategoriji M1 u N1.
- 5.9.2. is-siġill bejn l-għatu tal-mili u l-pajp tal-mili għandu jinżamm f'postu sew. Meta jingħalaq, l-għatu għandu jintrabat sew f'postu mas-siġill u l-pajp tal-mili.
- 5.10. It-tankijiet għandhom jiġu installati b'tali mod li jiġu protetti kontra l-konsegwenzi ta' kollizzjoni fuq quddiem jew wara tal-vettura; ma għandu jkun hemm l-ebda parti li tisporġi 'l barra, truf ippuntati, eċċ. ħdejn it-tank.
- 5.11. It-tank tal-karburant u l-partijiet tiegħu ta' aċċessorji għandhom ikunu disinjati u armati fil-vettura b'tali mod li jiġi evitat kwalukwe periklu li jieħu n-nar minħabba l-elettriku statiku. Jekk meħtieġ, jistgħu jiġu pprovduti miżura/i għad-dissipar tal-karika. Il-manifattur għandu juri lis-servizz tekniku l-miżura/i li tiggarantixxi/jiggarantixxu li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti.
- 5.12. It-tank/ijiet tal-karburant għandu/għandhom jkun/u magħmul/in minn materjal metalliku li jirreżisti n-nar. Jista'/jistgħu jkun/u magħmul/in minn materjal tal-plastik bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti tal-Anness 5 jkun/mħarsa.
6. IT-TESTIJET TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT LIKWIDU
- 6.1. It-test idrawliku
- It-tank għandu jkun soġġett għal test idrawliku tal-pressjoni interna mwettaq fuq unità iżolata kompleta bl-aċċessorji kollha tagħha. It-tank għandu jimtela kollu b'likwidu mhux f'ammabbli (pereżempju bl-ilma). Wara li tinqatal-komunikazzjoni kollha ma' barra, il-prensa għandha tiżdied bil-mod, permezz tal-pajp li minnu l-karburant jidħol fil-magna, sakemm tilħaq pressa interna relattiva daqs id-doppju tal-prensa għall-ħidma u f'kull każ mhux inqas minn pressa żejda ta' 0,3 bar ((30 kPa), li għandha tinżamm għal minuta waħda. Matul dan il-ħin il-qoxra tat-tank ma għandhiex tinqasam jew tnixxi; iżda tista' tkun deformata b'mod permanenti.
- 6.2. It-test tal-qlib
- 6.2.1. It-tank u l-aċċessorji kollha tiegħu għandhom jintramaw fuq armatura għat-test b'mod li jikkorrispondi mal-mod tal-installazzjoni fil-vettura li għaliha huwa maħsub it-tank; dan japplika wkoll għas-sistemi għall-kompens tal-prensa żejda interna.
- 6.2.2. L-armatura għat-test għandha ddr fuq assi li jkun/paralleli mal-assi lonġitudinali tal-vettura.
- 6.2.3. It-test jitwettaq bit-tank mimli sa 90 fil-mija tal-kapaċità tiegħu u wkoll 30 fil-mija tal-kapaċità tiegħu b'likwidu li ma jaqbadx b'densità u viskożità qrib daww tal-karburant użat normalment (l-ilma jista' jkun aċċettat).

- 6.2.4. It-tank għandu jinqaleb mill-pożizzjoni installata tiegħu b'90° lejn il-lemin. It-tank għandu jibqa' f'din il-pożizzjoni għal mill-inqas ħames minuti. It-tank għandu mbagħad jiddawwar 90° iktar fl-istess direzzjoni. It-tank għandu jinżamm f'din il-pożizzjoni, fejn ikun għal kollox ta' taħt fuq, għal mill-inqas ħames minuti oħra. It-tank għandu jiddawwar lura fil-pożizzjoni normali tiegħu. Il-liwkidu tat-test li ma jkunx mar lura mis-sistema tal-arja għat-tank għandu jitneħħa u jekk hemm bżonn jerġa' jimtela. It-tank għandu jiddawwar 90° fid-direzzjoni opposta u jitħalla f'din il-pożizzjoni għal mill-anqas ħames minuti.

It-tank għandu jiddawwar 90° oħra fl-istess direzzjoni. Din il-pożizzjoni għal kollox ta' taħt fuq għandha tinżamm għal mill-inqas ħames minuti. Wara dan, it-tank għandu jiddawwar lura fil-pożizzjoni normali tiegħu.

Ir-rata ta' rotazzjoni għal kull inkrement suċċessiv ta' 90 għandha sseħħ fi kwalunkwe interval ta' żmien minn minuta sa 3 minuti.

PARTI II – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-PREVENZJONI TAR-RISKJI TAN-NAR FIL-KAŻ TA' KOLLIŻJONI

## 7. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

- 7.1. 'approvazzjoni ta' vettura' tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji tan-nar;
- 7.2. 'tip ta' vettura' tfisser vetturi li mhumiex differenti f'aspetti essenzjali bħal:
- 7.2.1. l-istruttura, il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali (metall/plastik) tat-tank/ijiet;
- 7.2.2. Fil-vetturi tal-kategorija M1 <sup>(1)</sup> il-pożizzjoni tat-tank/ijiet fil-vettura kemm-il darba din ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;
- 7.2.3. il-karatteristiċi u l-pożizzjoni tas-sistema tal-provviżjon tal-karburant (pompa, filtri, eċċ.); u
- 7.2.4. il-karatteristiċi u l-pożizzjoni tal-installazzjoni elettrika kemm-il darba dawn ma jkollhom l-ebda effett fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-kollizzjoni preskritti f'dan ir-Regolament;
- 7.3. 'il-pjan trasversali' tfisser il-pjan trasversali vertikali li huwa perpendikolari għall-pjan lonġitudinali medju tal-vettura;
- 7.4. 'massa mingħajr tagħbija' tfisser il-piż tal-vettura miexja, mhux okkupata u mhux mgħobbija iżda mimlija bil-karburant, bil-likwidu għat-tekstura tal-magna, bil-lubrikanti, bl-għodda u b'rota żejda (jekk provduta bħala tagħmir standard mill-manifattur tal-vettura);
8. IR-REKWIŻITI GĦALL-INSTALLAZZJONI TAT-TANKIJIET TAL-KARBURANT LIKWIDU
- 8.1. L-installazzjoni tal-karburant
- 8.1.1. il-vetturi għandhom ikunu approvati skont il-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament.
- 8.1.2. Il-komponenti għall-installazzjoni tal-karburant għandhom ikunu mħarsa b'mod xieraq minn partijiet tal-qafas jew tal-bodi tal-vettura kontra l-kuntatt mal-ostakli possibbli fl-art. Din il-protezzjoni mhix meħtieġa jekk il-komponenti taħt il-vettura jkunu aktar 'il bogħod mill-art mill-parti tal-qafas jew tal-bodi quddiemhom.
- 8.1.3. Il-pajpijiet u l-partijiet kollha l-oħrajn tal-installazzjoni tal-karburant għandhom ikunu akkomodati fil-vettura f'postijiet protetti bl-aħjar mod possibbli. Il-movimenti ta' tagħwiġ, u vibrazzjonijiet tal-istruttura jew tal-unità tat-tmexxija tal-vettura, ma għandhomx jissoġġettaw il-komponenti tal-installazzjoni tal-karburant għall-frizzjoni, kompressjoni jew forza oħra mhux normali.
- 8.1.4. Il-konnessjonijiet ta' pajpijiet li jitgħawġu jew ta' pajpijiet flessibbli b'partijiet riġidi tal-installazzjoni tal-karburant għandhom ikunu disinjati u mibnija b'tali mod li ma jippermettux ċarċir taħt il-kundizzjonijiet varji tal-użu tal-vettura, minkejja l-movimenti ta' tagħwiġ u minkejja l-vibrazzjonijiet tal-istruttura jew tal-unità tat-tmexxija tal-vettura.
- 8.1.5. Jekk il-fetħa tal-mili tkun tinstab fuq il-ġenb tal-vettura, l-ġhatu tal-mili ma għandux, meta jkun magħluq, jisporġi lil hinn mis-superfċji tal-bodi li huma ħdejh.



- 8.2. L-installazzjoni elettrika
- 8.2.1. Il-wajers elettriċi minbarra l-wajers akkomodati fil-komponenti li huma vojta minn ġewwa għandhom jitwawhlu mal-istruttura tal-vettura jew mal-hitana jew mal-partizzjonijiet qrib fejn iwasslu. Il-punti fejn jgħaddu mill-hitana jew mill-partizzjonijiet għandhom ikunu protetti b'mod sodisfaċenti sabiex jitrażżan il-qtugħ tal-insulazzjoni.
- 8.2.2. L-installazzjoni elettrika għandha tkun disinjata, mibnija u armata b'tali mod li l-komponenti tagħha jkunu jistgħu jirreżistu l-fenomeni tal-korrożjoni li jkunu esposti għalihom.
9. IT-TESTIJET FUQ IL-VETTURA
- Fit-test tal-impatt minn quddiem kontra ostaklu mwettaq bil-proċedura speċifikata fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament, fit-test tal-impatt laterali mwettaq bil-proċedura speċifikata fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 95, is-serje ta' emendi 01, u fit-test tal-impatt minn wara mwettaq bil-proċedura speċifikata fl-Anness 4 ta' dan,
- 9.1. ma għandux ikun hemm aktar minn ċarċira ħafifa ta' likwidu fl-installazzjoni tal-karburant fil-kollizzjoni;
- 9.2. jekk ikun hemm ċarċir kontinwu fl-installazzjoni tal-karburant wara l-kollizzjoni, ir-rata taċ-ċarċir ma għandhiex taqbeż it-30 g/min; jekk il-likwidu mill-installazzjoni tal-karburant jitħallat ma' likwidi mis-sistemi l-oħrajn, u jekk id-diversi likwidi ma jkunux jistgħu jiġu separati u identifikati faċilment, iċ-ċarċir kontinwu għandu jkun evalwat mill-fluwidi kollha miġbura;
- 9.3. ma għandu jseħħ l-ebda nar miżmum mill-karburant.
- 9.4. Matul u wara l-impatti deskritti fil-paragrafu 9 ta' hawn fuq, il-batterija għandha tinżamm f'postha permezz tat-tagħmir li jsakkarha.
- 9.5. Fuq talba tal-manifattur, it-test tal-kollizzjoni minn quddiem stabbilit fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament jista' jiġi sostitwit mill-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 3 tar-Regolament Nru 94, is-serje ta' emendi 01.
- PARTI III – L-APPROVAZZJONI TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT LIKWIDU BĦALA UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI
10. ID-DEFINIZZJONIJET
- Għall-iskopijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:
- 10.1. 'Tank' tfisser it-tank/ijiet disinjat/i biex jikkontjeni/jikkontjenu l-karburant likwidu, kif definit fil-paragrafu 10.3, użat primarjament għat-tmexxija tal-vettura it-tank jista' jkun approvat kemm bl-aċċessorji kif ukoll mingħajrhom (pajp tal-mili, jekk ikun element separat, fetħa tal-mili, tapp, l-istrument tal-kejl, konnessjonijiet biex isir kumpens għall-pressjoni interjuri żejda, eċċ.);
- 10.2. 'Kapaċità tat-tank tal-karburant' tfisser il-kapaċità tat-tank tal-karburant kif speċifikata mill-manifattur;
- 10.3. 'Karburant likwidu' tfisser karburant li huwa likwidu f'kundizzjonijiet normali ta' temperatura u pressa;
- 10.4. 'Approvazzjoni ta' tank' tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' tank tal-karburant likwidu;
- 10.5. 'Tip ta' tank' tfisser tankijiet li mhumiex differenti fl-aspetti essenzjali bħal:
- 10.5.1. L-istruttura, il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali (metall/plastik) tat-tank/ijiet;
- 10.5.2. L-użu maħsub għat-tank: użu ġenerali jew użu speċifiku tal-vettura;
- 10.5.3. Il-preżenza jew in-nuqqas tal-aċċessorji.
11. IR-REKWIŻITI GĦAT-TANKIJET TAL-KARBURANT LIKWIDU
- 11.1. Ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.9, 5.12, 6.1 u 6.2 hawn fuq għandhom jiġu osservati meta t-tankijiet ikunu mgħammra bl-aċċessorji li normalment ikunu mwaħħla magħhom.
- 11.2. F'każ li t-tankijiet għandhom jiġu approvati mingħajr l-aċċessorji tagħhom, id-dokumentazzjoni tal-manifattur għandha tidentifika b'mod ċar l-aċċessorji użati għat-test.

## PARTI IV – L-APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TAT-TANK/IJIET TAL-KARBURANT APPROVAT/I

12. ID-DEFINIZZJONJIET
- Għall-iskopijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:
- 12.1. 'Approvazzjoni ta' vettura' tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' tank/ijiet tal-karburant likwidu approvat/i b'konformità mal-Parti III ta' dan ir-Regolament;
- 12.2. 'Tip ta' vettura' tfisser vetturi li ma jkunux ivarjaw f'karatteristiċi essenzjali bħal:
- 12.2.1. Id-deskrizzjoni tat-tip tal-manifattur;
- 12.2.2. Fil-vetturi tal-kategorija M1 <sup>(1)</sup> il-pożizzjoni tat-tank/ijiet fil-vettura kemm-il darba din ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;
13. IR-REKWIŻITI GĦALL-INSTALLAZZJONI TAT-TANK/IJIET TAL-KARBURANT LIKWIDU
- 13.1. Ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi 5.4, 5.5, 5.6, 5.7, 5.8, 5.10, u 5.11 hawn fuq għandhom jiġu osservati.
- 13.2. F'każ li t-tankijiet ikunu approvati mingħajr l-aċċessorji tagħhom, dawk l-aċċessorji użati matul it-testijiet fuq it-tankijiet u identifikati fid-dokumentazzjoni tal-manifattur skont il-paragrafu 11.2 hawn fuq, għandhom, fuq talba tal-manifattur, ikunu inklużi fl-approvazzjoni b'konformità mal-Parti IV ta' dan ir-Regolament. Għandhom ikunu inklużi aċċessorji addizzjonali sakemm is-Servizz Tekniku jkun sodisfatt li l-vettura tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Partijiet III u IV ta' dan ir-Regolament.
14. IL-MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA JEW TANK
- 14.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura jew tank għandha tkun mġarrfa lid-dipartiment amministrattiv li approva t-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad ikun jista' jew:
- 14.1.1. iqis li l-modifika magħmula x'aktarx li mhux se jkollhom effetti kuntrarji apprezzabbli u li f'kwalunkwe każ il-vettura xorta tissodisfa r-rekwiżiti; jew
- 14.1.2. jitlob rapport ulterjuri dwar it-test mis-servizz tekniku responsabbli mit-tweqqif tat-testijiet.
- 14.2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 14.1 ta' hawn fuq, varjant tal-vettura ttestjata skont il-Parti II ta' dan ir-Regolament li l-massa mhux mġobbija tagħha mhijiex differenti b'aktar minn  $\pm 20$  fil-mija minn dik tal-vettura ttestjata għall-approvazzjoni ma għandux jitqies bħala modifika tat-tip ta' vettura.
- 14.3. L-avviż tal-konferma tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li jspesifika l-modifika għandu jkun komunikat bil-proċedura speċifikata fil-paragrafu 3.1.3, 3.2.3 jew 3.3.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.
15. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- Il-proċeduri tal-Konformità tal-Produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), flimkien ma' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:
- 15.1. Kull vettura jew tank li jkollha marka ta' approvazzjoni kif preskritt skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip ta' vettura approvata u tissodisfa r-rekwiżiti tal-Partijiet rispettivi ta' hawn fuq.
- 15.2. Sabiex il-konformità tkun verifikata kif preskritt fil-paragrafu 15.1 hawn fuq, għadd suffiċjenti ta' vetturi jew tankijiet prodotti serjalment li għandhom il-marka ta' approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal verifika għall-għarrieda.
- 15.3. Bħala regola ġenerali, il-konformità tal-vettura jew tat-tank mat-tip approvat għandha tkun verifikata fuq il-bażi tad-deskrizzjoni mogħtija fil-formola tal-approvazzjoni u fl-annessi tagħha. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, il-vettura jew it-tank għandha/għandu tkun/ikun soġġetta/soġġett għall-verifika preskritta fil-paragrafu 6 ta' hawn fuq.


16. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 16.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tkun irtirata jekk ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 15.1 hawn fuq ma jkunx imħares jew jekk il-vettura tkun naqset milli tgħaddi mill-verifiki preskritti fil-paragrafu 9 ta' hawn fuq.
- 16.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, hija għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħrajn għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' kopja tal-formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Annessi 1 jew 2 ta' dan ir-Regolament.
17. ID-DISPOŻIZZJONJIET TRANŻITORJI
- 17.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tal-ECE skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 02.
- 17.2. Sa minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje 02 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet tal-ECE biss jekk it-tip ta' vettura li se tkun approvata tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 02.
- 17.3. Sa 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta approvazzjoni nazzjonali dwar it-tip għal tip ta' vettura approvata fis-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 17.4. Minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw l-ewwel reġistrazzjoni nazzjonali (l-ewwel dħul fis-servizz) ta' vettura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament.
- 17.5. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tal-ECE skont dan ir-Regolament kif emendat mis-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02.
- 17.6. Anki wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02 ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjonijiet tal-vetturi għas-supplimenti preċedenti tas-serje ta' emendi 02 għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu l-estensjonijiet lill-approvazzjonijiet bħal dawn u għandhom ikomplu jaċċet-tawhom.
18. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI LI JWETTQU T-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'paj-jiżi oħrajn.
-

L-ANNEX I

Appendiċi 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġ minn: L-isem tal-amministrazzjoni

.....  
.....  
.....

- dwar <sup>(2)</sup>: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
- APPROVAZZJONI ESTIŻA
- APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
- APPROVAZZJONI RTIRATA
- PRODUZZJONI DEFINITTIVAMENT IMWAQQFA

ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' <sup>(2)</sup>: it-tank tal-karburant likwidu  
 il-prevenzjoni tar-riskji tan-nar fil-każ ta' ħabta minn quddiem/laterali/minn wara <sup>(2)</sup>

skont ir-Regolament Nru 34.

Approvazzjoni Nru: ..... Estensjoni Nru: .....

1. L-isem jew marka kummerċjali tal-vettura mmexxija bl-enerġija: .....
2. It-tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. It-tip ta' magna: injezzjoni pożittiva/diżil <sup>(2)</sup> .....
6. Il-post tal-magna: quddiem/wara/ċentru <sup>(2)</sup> .....
7. Deskrizzjoni qasira tat-tank tal-karburant u l-karburant jew in-numru/numri tal-approvazzjoni tat-tank tal-karburant approvat <sup>(2)</sup> .....
- 7.1. Il-karatteristiċi u l-post tat-tank tal-karburant: .....
- 7.2. Għat-tankijiet tal-karburant magħmula minn materjal tal-plastik, iddikjara l-materjal u l-isem jew marka kummerċjali: .....
- 7.3. -karatteristiċi tal-installazzjoni tal-karburant (post, konnessjonijiet, eċċ.): .....
8. Deskrizzjoni tal-installazzjoni elettrika (rabta mas-sit, protezzjoni, eċċ.): .....
9. Deskrizzjoni tat-testijiet tal-impatt: .....
- Quddiem (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....
- Ġenb (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....
- Wara (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....
10. Il-vettura mressqa għall-approvazzjoni fil-: .....
11. Is-servizz tekniku responsabbli mit-tweqqif tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
12. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
13. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
14. L-approvazzjoni mogħtija/estiża/miċħuda/irtirata <sup>(2)</sup> .....


<sup>(1)</sup> Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni fir-Regolament).  
<sup>(2)</sup> Ħassar dak li ma jgħoddx.

15. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....
  16. Il-post: .....
  17. Id-data: .....
  18. Il-firma: .....
  19. Id-dokumenti li ġejjin, bin-numru tal-approvazzjoni li jidher hawn fuq, huma annessi ma' din il-komunikazzjoni:  
tpingjiet u disinni tal-pożizzjoni tat-tank tal-karburant, l-installazzjoni tal-karburant, l-installazzjoni elettrika u  
komponenti oħrajn ta' importanza għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.
-

Appendiċi 2

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġ minn: L-isem tal-amministrazzjoni

.....  
.....  
.....

- dwar <sup>(2)</sup>: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
- APPROVAZZJONI ESTIŻA
- APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
- APPROVAZZJONI RTIRATA
- PRODUZZJONI DEFINITTIVAMENT IMWAQQFA

ta' tip ta' tank tal-karburant b'konformità mar-Regolament Nru 34.

Nru tal-Approvazzjoni: ..... Estensjoni Nru: .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tat-tank tal-karburant: .....
2. L-isem tal-manifattur għat-tip ta' tank tal-karburant: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Deskrizzjoni qasira tat-tank tal-karburant u tal-karburant: .....
- 5.1. Il-karatteristiċi tat-tank tal-karburant: .....
- 5.2. Għat-tankijiet tal-karburant magħmula minn materjal tal-plastik, iddikjara l-materjal u l-isem jew marka kummerċjali: .....
6. Imressaq għall-approvazzjoni fi: .....
7. Is-servizz tekniku responsabbli mit-tweqqif tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
8. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
10. Raġuni/jiet għal estensjoni (jekk applikabbli): .....
11. L-approvazzjoni mogħtija/estiża/miċħuda/irtirata <sup>(2)</sup> .....
12. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq it-tank tal-karburant: .....
13. Il-post: .....
14. Id-data: .....
15. Il-firma: .....
16. L-inċiċ mal-pakkett informattiv iddepożitat mal-awtorità għall-approvazzjoni, li jista' jkun miksub fuq talba, huwa meħmuż.


<sup>(1)</sup> Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni fir-Regolament).  
<sup>(2)</sup> Ħassar dak li ma jgħoddx.

## ANNEX 2

## L-ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

## MUDELL A

(ara l-paragrafu 3.1.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwahnha fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) b'konformità mal-Parti I tar-Regolament Nru 34 skont l-approvazzjoni Nru 021234. L-ewwel żewġ ċifri (02) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 02.

## MUDELL B

(Ara l-paragrafu 3.1.5 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwahnha fuq vettura turi li t-tip ikkonċernat kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) b'konformità mar-Regolamenti Nru 34 Partijiet I jew IV u 33 (\*). In-numri tal-approvazzjoni indikaw li, fid-data meta nġhataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 34 kien jinkludi s-serje ta' emendi 02 u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

## MUDELL C

(Ara l-paragrafu 3.2.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwahnha fuq tank ta' karburant li t-tip ikkonċernat kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) b'konformità mal-Parti III tar-Regolament Nru 34, għal użu ġenerali inklużi l-aċċessorji tiegħu, skont l-approvazzjoni Nru 021234. L-ewwel żewġ ċifri (02) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 02.

## MUDELL D

(ara l-paragrafu 3.3.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwahrha fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) b'konformità mal-Parti IV tar-Regolament Nru 34 skont l-approvazzjoni Nru 021234. L-ewwel żewġ ċifri (02) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 02.

## MUDELL E

(Ara l-paragrafu 3.3.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwahrha fuq vettura turi li t-tip ikkonċernat kien approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) b'konformità mar-Regolamenti Nru 34 Partijiet IV u 33 (\*). In-numri tal-approvazzjoni indikaw li, fid-data meta nġhataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 34 kien jinkludi s-serje ta' emendi 02 u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

(\*) It-tieni numru nġhata biss bħala eżempju.



## ANNEX 3

## IT-TEST TAL-KOLLIŻJONI FRONTALI KONTRA OSTAKLU

## 1. L-GĦAN U L-AMBITU

L-għan ta' dan it-test huwa li jimita l-kundizzjonijiet ta' kollizzjoni frontali kontra ostaklu fiss jew minn vettura oħra li riesqa mid-direzzjoni opposta.

## 2. L-INSTALLAZZJONIJET, IL-PROĊEDURI U L-ISTRUMENTI TAL-KEJL

## 2.1. Il-post tat-test

Iż-żona tat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkomoda l-korsa li twassal għall-ostaklu, l-ostaklu u l-installazzjonijiet tekniċi meħtieġa għat-test. L-aħħar parti tal-mogħdija, għal mill-inqas 5 m qabel l-ostaklu, għandha tkun orizzontali, ċatta u lixxa.

## 2.2. L-ostaklu

L-ostaklu riġidu tikkonsisti fi blokk ta' konkret rinforzat mhux anqas minn tliet metri wiesa fil-faċċata u mhux anqas minn 1,5 m għolja. Il-barriera għandha tkun ħoxna biżżejjed li l-massa tagħha tkun tal-inqas 70 tunnellata. Il-wiċċ ta' quddiem għandu jkun vertikali, perpendikolari mal-assi tal-korsa, u mgħotti minn strixxi tal-plajwudd ħoxnin 2 cm f'kundizzjoni tajba. L-ostaklu għandu jkun jew ankrat fl-art jew imqiegħed fl-art, jekk meħtieġ, b'taġħmir addizzjonali li jżommu biex ikun limitat iċ-ċaqliq tiegħu. Jista' wkoll jintuża ostaklu b'karatteristiċi differenti, iżda li jagħti riżultati li jkunu għall-inqas konklużivi bl-istess mod.

## 2.3. Il-propulsjoni tal-vettura

Fil-mument tal-kollizzjoni, il-vettura ma għandhiex tibqa' suġġetta għall-azzjoni ta' kwalunkwe mezz addizzjonali li jiddirigiha jew jimbuttaha. Għandha tilħaq l-ostaklu fi triq perpendikolari għall-ħajt tal-kollizzjoni; l-allinjament ħażin massimu tollerat bejn il-linja medja vertikali ta' quddiem tal-vettura u l-linja medja vertikali tal-ħajt tal-kollizzjoni huwa ta'  $\pm 30$  cm.

## 2.4. L-istat tal-vettura

2.4.1. Il-vettura li tkun qed tiġi ttestjata għandha jew tkun armata bil-komponenti u t-taġħmir kollu normali inkluż fil-massa tagħha wieqfa mhux mgħobbija jew tkun ftali kundizzjoni li tissodisfa dan ir-rekwiżit fejn jikkonċerna l-komponenti u t-taġħmir li jaffettwaw ir-riskji tan-nar.

2.4.2. Jekk il-vettura tkun misjuqa minn mezzi esterni, l-installazzjoni tal-karburant għandha tkun mimlija sa mill-inqas 90 fil-mija tal-kapaċità tagħha jew bil-karburant jew b'likwidu li ma jaqbadx u li jkollu densità u viskożità qrib dawk tal-karburant użat normalment. Is-sistemi l-oħrajn kollha (tankijiet tar-ras tal-likwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ.) jistgħu jkunu vojta.

2.4.3. Jekk il-vettura tkun immexxija mill-magna tagħha stess, it-tank tal-karburant għandu jkun mimli sa mill-inqas 90 fil-mija. It-tankijiet l-oħrajn kollha li jżommu l-likwidu jistgħu jimtlew kollha.

2.4.4. Jekk jitlob il-manifattur, is-servizz tekniku responsabbli mit-tweġġ tat-testijiet jista' jippermetti li l-istess vettura li tintuża għal testijiet preskritti minn Regolamenti oħrajn (inklużi t-testijiet li jistgħu jaffettwaw l-istruttura tagħha) tintuża għat-testijiet preskritti minn dan ir-Regolament.

## 2.5. Il-veloċità meta sseħħ il-kollizzjoni

Il-veloċità meta sseħħ il-kollizzjoni għandha tkun bejn 48,3 km/h u 53,1 km/h. Iżda, jekk it-test ikun twettaq b'veloċità akbar meta sseħħ il-kollizzjoni u l-vettura tkun issodisfat il-kundizzjonijiet preskritti, it-test għandu jitqies sodisfaċenti.

## 2.6. L-istrumenti tal-kejl

L-istrument użat biex tiġi rreġistrata l-veloċità msemmija fil-paragrafu 2.5 ta' hawn fuq għandu jkun preċiż sa inqas minn wieħed fil-mija.

## 3. METODI EKWIVALENTI TAT-TEST

3.1. Huma permessi metodi ekwivalenti tat-test kemm-il darba l-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu osservati għal kollox permezz ta' test sostitut jew permezz ta' kalkolu mir-riżultati tat-test sostitut.

3.2. Jekk jintuża metodu minbarra dak deskritt fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq, l-ekwivalenza tiegħu għandha tiġi evidenzjata.

## ANNEX 4

## IL-PROCĊEDURA GĦAT-TEST TAL-KOLLIŻJONI MINN WARA

1. L-GĦAN U L-AMBITU
  - 1.1. L-għan tat-test huwa li jkun jixbah il-kundizzjonijiet ta' kollizzjoni minn wara minn vettura oħra li tkun miexja.
2. L-INSTALLAZZJONIJIET, IL-PROCĊEDURI U L-ISTRUMENTI TAL-KEJL
  - 2.1. Il-post tat-test
 

Iż-żona tat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkomoda s-sistema ta' propulsjoni tal-apparat tal-impatt (l-oġġett li jwettaq l-impatt) u biex tippermetti ċaqliq wara l-kollizzjoni tal-vettura milquta u l-installazzjoni tat-tagħmir tat-test. Il-parti li fiha jseħħu l-kollizzjoni u ċ-ċaqliq tal-vettura għandha tkun orizzontali, ċatta u lixxa u għandu jkollha koefiċjent ta' frizzjoni ta' mhux inqas minn 0,5.
  - 2.2. L-apparat tal-impatt (l-oġġett li jwettaq l-impatt)
    - 2.2.1. L-apparat tal-impatt għandu jkun tal-azzar u ta' kostruzzjoni riġida.
      - 2.2.2. Il-wiċċ tal-impatt għandu jkun ċatt, wiesgħa mhux inqas minn 2 500 mm, għoli mhux inqas minn 800 mm, u t-truf tiegħu għandhom ikunu ttundjati b'radju tal-kurvatura ta' bejn 40 u 50 mm. Għandu jkun mgħotti b'saff tal-plajwudd ħoxna 20 mm.
      - 2.2.3. Fil-mument tal-kollizzjoni għandhom jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti:
        - 2.2.3.1. is-superfiċje tal-impatt għandha tkun vertikali u perpendikolari għall-pjan medju lonġitudinali tal-vettura milquta;
        - 2.2.3.2. id-direzzjoni tal-moviment tal-apparat tal-impatt għandha tkun sostanzjalment orizzontali u parallela mal-pjan medju lonġitudinali tal-vettura milquta;
        - 2.2.3.3. id-devjazzjoni massima laterali tollerata bejn il-linja medja vertikali tas-superfiċje tal-apparat tal-impatt u l-pjan medju lonġitudinali tal-vettura milquta għandha tkun ta' 300 mm. Barra minn hekk, is-superfiċje tal-impatt għandha testendi tul il-wisa' kollha tal-vettura milquta;
        - 2.2.3.4. l-ispazju fl-art tat-tarf tal-qiegħ tas-superfiċje tal-impatt għandu jkun ta'  $175 \pm 25$  mm.
    - 2.3. Il-propulsjon tal-apparat tal-impatt
 

L-apparat tal-impatt jista' jew ikun imwahaħhal ma' carriage (ostaklu li jiċċaqlaq) jew jifforma parti minn pendlu.
    - 2.4. Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża ostaklu li jiċċaqlaq
      - 2.4.1. Jekk l-apparat tal-impatt ikun imwahaħhal ma' carriage (ostaklu li jiċċaqlaq) minn element li jirrestrinġih, dan tal-aħħar għandu jkun riġidu u ma għandux ikun jista' jiġi deformat mill-kollizzjoni; fil-mument tal-kollizzjoni, il-carriage għandu jkun kapaċi li jiċċaqlaq liberament u ma jkunx għadu soġġett għat-tagħmir li jmexxih.
      - 2.4.2. Il-veloċità tal-kollizzjoni għandha tkun ta' bejn 35 u 38 km/h.
      - 2.4.3. Il-piż totali (massa) tal-carriage u tal-apparat tal-impatt għandu jkun ta'  $1\ 100 \pm 20$  kg
    - 2.5. Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża pendlu.
      - 2.5.1. Id-distanza bejn iċ-ċentru tal-wiċċ tal-impatt u l-assi tar-rotazzjoni tal-pendlu għandha tkun ta' mhux inqas minn 5 m.
      - 2.5.2. L-apparat tal-impatt għandu jkun sospiż liberament minn idejn riġidi marbuta sod miegħu. Il-pendlu mgħammar b'dan il-mod għandu jkun sostanzjalment inkapaċi li jkun deformat mill-kollizzjoni.
      - 2.5.3. Il-ger li jżommu għandu jkun inkorporat fil-pendlu sabiex jipprevjeni kwalunkwe kollizzjoni sekondarja mill-apparat tal-impatt fuq il-vettura tat-test.
      - 2.5.4. Fil-mument tal-kollizzjoni l-veloċità taċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandha tkun ta' bejn 35 u 38 km/h.
      - 2.5.5. Il-massa mnaqqa  $m_r$  fiċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu hija definita bħala funzjoni tal-massa totali "m", tad-distanza "a" <sup>(1)</sup> bejn iċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu u l-assi tar-rotazzjoni, u tad-distanza "l" bejn iċ-ċentru tal-gravità u l-assi tar-rotazzjoni, permezz ta' din l-ekwazzjoni li ġejja:

$$m_r = m (l/a)$$

- 2.5.6. Il-massa mnaqqa  $m_r$  għandha tkun ta'  $1\ 100 \pm 20$  kg.

<sup>(1)</sup> Huwa mfakkar li d-distanza "a" hija daqs it-tul tal-pendlu sinkroniku li qed jiġi kkunsidrat.

- 2.6. Id-dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mall-massa u l-veloċità tal-apparat tal-impatt
- Jekk it-test ikun twestaq b'veloċità tal-kollizzjoni ogħla minn dawk preskritti fil-paragrafi 2.4.2 u 2.5.4 u/jew b'massa akbar minn dawk preskritti fil-paragrafi 2.4.3 u 2.5.6, u l-vettura tkun issodisfat ir-rekwiżiti preskritti, it-test għandu jitqies sodisfaċenti.
- 2.7. L-istat tal-vettura li qed tiġi ttestjata
- 2.7.1. Il-vettura li tkun qed tiġi ttestjata għandha jew tkun armata bil-komponenti u t-tagħmir kollu normali inkluż fil-massa tagħha wieqfa mhux mgħobbija jew tkun f'tali kundizzjoni li tissodisfa dan ir-rekwiżit fejn jikkonċerna l-komponenti u t-tagħmir li jaffettwaw ir-riskji tan-nar.
- 2.7.2. It-tank tal-karburant għandu jkun mimli sa mill-inqas 90 fil-mija tal-kapaċità tiegħu jew bil-karburant jew b'likwidu li ma jaqbadx li għandu densità u viskożità qrib dawk tal-karburant użat normalment. Is-sistemi l-oħrajn kollha (tankijiet tar-ras tal-likwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ.) jistgħu jkunu vojta.
- 2.7.3. Jista' jkun imdaħħal ger u jistgħu jkun applikati l-brejkijiet.
- 2.7.4. Jekk jitlob il-manifattur, tista' tkun permessa din id-deroga li ġejja:
- 2.7.4.1. is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet jista' jippermetti li l-istess vettura li tintuża għal testijiet oħrajn preskritti minn Regolamenti oħrajn (inklużi t-testijiet li jistgħu jaffettwaw l-istruttura tagħha) tintuża wkoll għat-testijiet preskritti minn dan ir-Regolament; u
- 2.7.4.2. il-vettura jista' jkollha piż tali ta' mhux aktar minn 10 fil-mija tal-piż normali mhux mgħobbi tagħha b'piżijiet addizzjonali mwaħħla sod mal-istruttura b'tali mod li dawn ma jaffettwawx l-imġiba tal-istruttura tal-kompartiment tal-passiġġiera matul it-test.
- 2.8. L-istrumenti tal-kejl
- L-istrumenti użati biex tiġi rreġistrata l-veloċità msemmija fil-paragrafi 2.4.2 u 2.5.4 ta' hawn fuq għandhom ikunu preċiżi sa inqas minn wieħed fil-mija.
3. METODI EKWIVALENTI TAT-TEST
- 3.1. Huma permessi metodi ekwivalenti tat-test kemm-il darba l-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu osservati għal kollox permezz ta' test sostitut jew permezz ta' kalkolu mir-riżultati tat-test sostitut.
- 3.2. Jekk jintuża metodu minbarra dak deskritt fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq, l-ekwivalenza tiegħu għandha tiġi evidenzjata.
-

## ANNEX 5

**L-ITTESTJAR TAT-TANKIJET TAL-KARBURANT MAGĦMULA MINN MATERJAL TAL-PLASTIK**

1. IR-REŻISTENZA GĦALL-KOLLIŻJONI
  - 1.1. It-tank għandu jimtela kollu b'taħlita ta' ilma u glikol jew b'likwidu ieħor b'punt tal-iffriżar baxx, li ma jibdilx il-karatteristiċi tal-materjal tat-tank, u mbagħad għandu jkun soġġett għal test ta' perforazzjoni.
  - 1.2. Matul dan it-test it-temperatura tat-tank għandha tkun ta'  $233\text{ K} \pm 2\text{ K}$  ( $-40\text{ °C} \pm 2\text{ °C}$ ).
  - 1.3. Għat-test għandha tintuża armatura tal-ittestjar tal-kollizzjoni bil-pendlu. Il-korp tal-kollizzjoni għandu jkun tal-azzar u jkollu forma ta' piramida b'učuh ta' trijangolu indaq u qiegħ kwadru, il-quċċata u t-truf ikunu joqorbu radjus ta' 3 mm. Iċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandu jaħbat maċ-ċentru ta' gravità tal-piramida; id-distanza tiegħu mill-assi tar-rotazzjoni tal-pendlu għandha tkun ta' 1 m. Il-massa totali tal pendlu għandha tkun ta' 15 kg. L-enerġija tal-pendlu fil-mument tal-impatt ma għandhiex tkun inqas minn 30 Nm u kemm jista' jkun qrib dak il-valur.
  - 1.4. It-testijiet għandhom isiru f'dawk il-punti tat-tank li jitiqesu vulnerabbli għal kollizzjonijiet fuq quddiem u fuq wara. Il-punti meqjusa bħala vulnerabbli huma dawk li l-aktar huma esposti jew li huma l-aktar dgħajfa meta wieħed iqis il-forma tat-tank jew il-mod kif inhuwa armat fuq il-vettura. Il-punti magħżula mil-laboratorji għandhom ikunu indikati fir-rapport tat-test.
  - 1.5. Matul it-test, it-tank għandu jinżamm f'postu mill-armar fuq il-ġenb jew il-ġnub opposti tan-naħa tal-kollizzjoni. Ma għandha tirriżulta l-ebda ċarċira mit-test.
  - 1.6. Bl-għażla tal-manifattur, it-testijiet kollha tal-impatt jistgħu jitwettqu fuq tank wieħed jew kull wieħed jista' jitwettaq fuq tankijiet differenti.
2. IS-SAHHA MEKKANIKA

It-tank għandu jkun ittestjat skont il-kundizzjonijiet preskritti fil-paragrafu 6.1 ta' dan ir-Regolament għaċ-ċarċir u għar-riġidità tal-forma. It-tank u l-aċċessorji kollha tiegħu għandhom ikunu armati fuq armatura tat-test b'mod li jikkorrispondu għall-mod tal-installazzjoni fuq il-vettura li għaliha huwa maħsub it-tank jew immuntat fil-vettura nnfisha jew immuntat f'taġhmir ta' ttestjar magħmul minn taqsima tal-vettura. B'talba tal-manifattur u bi qbil mas-servizz tekniku t-tank jista' jiġi ttestjat mingħajr ma jintuża l-ebda taġhmir tal-ittestjar. Għandu jintuża ilma b'temperatura ta'  $326\text{ K}$  ( $53\text{ °C}$ ) bħala l-likwidu tal-ittestjar u dan għandu jimla t-tank kollu. It-tank għandu jkun soġġett għal pressa interna relattiva daqs id-doppju tal-pressa tal-ħidma u f'kull każ għal mhux inqas minn 30 kPa b'temperatura ta'  $326\text{ K} \pm 2\text{ K}$  ( $53\text{ °C} \pm 2\text{ °C}$ ) għal perjodu ta' ħames sigħat. Matul it-test, it-tank u l-aċċessorji tiegħu ma għandhomx jinqasmu jew iċarċru; iżda tista' tkun deformata b'mod permanenti.
3. IL-PERMEABILITÀ TAL-KARBURANT
  - 3.1. Il-karburant użat għat-test tal-permeabilità għandu jkun jew il-karburant ta' referenza speċifikat fir-Regolament Nru 83, l-Anness 9 jew likwidu kummerċjali tal-ogħla grad. Jekk it-tank ikun maħsub biss għall-installazzjoni fuq vetturi b'magna compression-ignition, it-tank għandu jimtela bil-karburant diżil.
  - 3.2. Qabel it-test, it-tank għandu jimtela sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bil-karburant tat-test u jinħażen, mingħajr ma jkun issiġillat, f'temperatura ambjentali ta'  $313\text{ K} \pm 2\text{ K}$  ( $40\text{ °C} \pm 2\text{ °C}$ ) sakemm it-telf ta' piż għal kull unità tal-ħin isir kostanti, iżda għal mhux aktar minn erba' ġimgħat (żmien preliminari ta' ħażna).
  - 3.3. Imbagħad it-tank għandu jkun żvujtat u jerġa' jimtela sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bil-karburant tat-test, u wara dan għandu jkun issiġillat b'mod ermetiku u jinħażen f'temperatura ta'  $313\text{ K} \pm 2\text{ K}$  ( $40\text{ °C} \pm 2\text{ °C}$ ). Il-pressjoni għandha tiġi aġġustata meta l-kontenut tat-tank ikun laħaq it-temperatura tat-test. Matul il-perjodu ta' tmien ġimgħat ta' wara tat-test, it-telf tal-piż dovut għad-diffużjoni matul il-perjodu tat-test għandu jkun determinat. Il-medja massima permissibbli tal-telf tal-piż hija ta' 20 g għal kull 24 siegħa ta' ħin ta' ittestjar.
  - 3.4. Jekk it-telf dovut għad-diffużjoni jaqbeż il-valur indikat fil-paragrafu 3.3, it-test deskritt hemm għandu jerġa' jsir, fuq l-istess tank, sabiex ikun determinat it-telf bid-diffużjoni ta'  $296\text{ K} \pm 2\text{ K}$  ( $23\text{ °C} \pm 2\text{ °C}$ ) iżda għall-bqija japplikaw l-istess kundizzjonijiet. It-telf imkejjel b'dan il-mod ma għandux jaqbeż l-10 g għal kull 24 siegħa.
4. IR-REŻISTENZA GĦALL-KARBURANT

Wara t-test imsemmi fil-paragrafu 3, it-tank xorta għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

## 5. IR-REŻISTENZA GĦAN-NAR

It-tank għandu jkun soġġett għal dawn it-testijiet li ġejjin:

- 5.1. Għal żewġ minuti, it-tank, imwaħħal bħal fuq il-vettura, għandu jkun espost għall-fjammi. Ma għandu jkun hemm l-ebda ċarċir ta' karburant likwidu mit-tank.
- 5.2. Għandhom isiru tliet testijiet fuq tankijiet differenti mimlija bil-karburant kif ġej:
  - 5.2.1. Jekk it-tank huwa maħsub għal installazzjoni fuq vettura mgħammra b'magna jew b'injezzjoni pożittiva jew magna b'injezzjoni kompressa, għandhom jitwettqu tliet testijiet b'tankijiet mimlija b'gazożolina tal-ogħla grad;
  - 5.2.2. Jekk it-tank ikun disinjat għall-installazzjoni fuq vettura mgħammra b'magna b'injezzjoni kompressa, għandhom isiru tliet testijiet fuq tankijiet mimlija bil-karburant diżil;
  - 5.2.3. Għal kull test it-tank u l-aċċessorji tiegħu għandhom ikunu installati fuq armatura tal-ittestjar li tkun timita kemm jista' jkun possibbli l-kundizzjonijiet attwali tal-immuntar. Il-metodu li bih it-tank jitwaħħal fuq l-armatura għandu jikkorrispondi għall-ispeċifikazzjonijiet rilevanti għall-installazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' tankijiet ddisinjati għal użu speċifiku ta' vettura, il-partijiet tal-vettura li jipproteġu t-tank u l-aċċessorji tiegħu kontra l-espożizzjoni għal fjamma jew li jaffettwaw in-nar bi kwalunkwe mod, kif ukoll komponenti speċifiċi installati fuq it-tank u t-tappijiet, għandhom jiġu kkunsidrati. Il-fetħiet kollha għandhom jingħalqu matul it-test, iżda s-sistemi tal-arja għandhom jibqgħu operattivi. Immedjatament qabel it-test it-tank għandu jimtela bil-karburant speċifikat sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu.
- 5.3. Il-fjamma li għaliha huwa espost it-tank għandha tiġi ottenuta billi jinħaraq karburant kummerċjali għal magni b'injezzjoni pożittiva (minn hawn 'il quddiem imsejħa "karburant") f'reċipjent. Il-kwantità ta' karburant imferra fir-riċipjent għandha tkun biżżejjed sabiex il-fjamma, taħt kundizzjonijiet ta' ħruq liberu (free-burning), tinħaraq matul il-proċedura kollha tat-test.
- 5.4. Id-dimensjonijiet tar-riċipjent għandhom jintagħżlu sabiex jassiguraw li l-ġnub tat-tank tal-karburant jiġu esposti għall-fjamma. Għalhekk ir-riċipjent għandu jeċċedi l-projezzjoni orizzontali tat-tank b'mill-anqas 20 cm, imma b'mhux aktar minn 50 cm. Il-ġnub tar-riċipjent ma għandhomx jisporġu aktar minn 8 cm 'l fuq mil-livell tal-karburant fil-bidu tat-test.
- 5.5. Ir-riċipjent mimli bil-karburant għandu jitqiegħed taħt it-tank b'tali mod li d-distanza bejn il-livell tal-karburant fir-riċipjent u l-qiegħ tat-tank tkun tikkorrispondi għall-għoli tad-disinn fuq il-wiċċ tat-triq tal-massa mhux mgħobbija (ara l-paragrafu 7.4). Ir-riċipjent, jew l-armatura tal-ittestjar, jew it-tnejn, għandhom jiġu spustjati liberament.
- 5.6. Matul il-fażi C tat-test, ir-riċipjent għandu jkun kopert minn skrin imqiegħed 3 cm ± 1 cm 'il fuq mil-livell tal-karburant.
 

L-iskrin għandu jkun ta' materjal refrattarju, kif preskritt fl-Appendiċi 2. Ma għandu jkun hemm ebda vojta bejn il-briks u għandhom jiġu appoġġjati fuq ir-riċipjent tal-karburant b'tali mod li l-vojt fil-briks ma jiġix ostakolat. It-tul u l-wisa' tal-kwadru għandhom ikunu minn 2 cm sa 4 cm iżgħar mid-dimensjonijiet interni tar-riċipjent sabiex ikun jeżisti spazju ta' minn 1 cm sa 2 cm bejn il-qafas u l-ġenb tar-riċipjent sabiex titħalla tidħol l-arja.
- 5.7. Meta t-testijiet jitwettqu barra, għandha tkun ipprovduta protezzjoni biżżejjed mir-riħ u l-veloċità tar-riħ fil-livell tar-riċipjent tal-karburant ma għandhiex tkun ta' aktar minn 2,5 km/h. Qabel it-test l-iskrin għandu jissaħħan sa 308 K ± 5 K (35 °C ± 5 °C). Il-briks li jirreżistu n-nar jistgħu jixxarrbu sabiex ikunu garantiti l-istess kundizzjonijiet tat-test għal kull test suċċessiv.
- 5.8. It-test għandu jinkludi erba' fażijiet (ara l-Appendiċi 1).
  - 5.8.1. Il-Fażi A: Is-sħana minn qabel (il-Figura 1)
 

Il-karburant fir-riċipjent għandu jitqabbd f'distanza ta' mill-inqas 3 m mit-tank li jkun qed jiġi ttestjat. Wara 60 sekonda ta' sħana minn qabel, ir-riċipjent għandu jitqiegħed taħt it-tank.
  - 5.8.2. Il-Fażi B: Espożizzjoni diretta għall-fjamma (il-Figura 2)
 

Għal 60 sekonda t-tank għandu jiġi espost għall-fjamma mill-karburant li jinħaraq liberament.
  - 5.8.3. Il-Fażi C: L-espożizzjoni indiretta għall-fjamma (il-Figura 3)
 

Malli tilesta l-fażi B, l-iskrin għandu jitqiegħed bejn ir-riċipjent li jkun qed jinħaraq u t-tank. It-tank għandu jiġi espost għal din il-fjamma ridotta għal 60 sekonda oħra.
  - 5.8.4. Il-Fażi D: It-tmiem tat-test (il-Figura 4)
 

Ir-riċipjent li jkun qed jinħaraq mgħotti bl-iskrin għandu jiġi mċaqlaq lura għall-pożizzjoni oriġinali tiegħu (il-Fażi A). Jekk, fl-aħħar tat-test, it-tank ikun qed jinħaraq, in-nar għandu jintefa minnufih.

- 5.9. Ir-riżultati tat-test għandhom jitqiesu sodisfaċenti jekk l-ebda karburant likwidu ma jkun qed iċarċar mit-tank.
6. IR-REŻISTENZA GĦAT-TEMPERATURA GĦOLJA
- 6.1. L-armatura użata għat-test għandha taqbel mal-mod tal-installazzjoni tat-tank fuq il-vettura, inkluż il-mod li bih taħdem it-toqba tal-arja tat-tank.
- 6.2. It-tank mimli sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bl-ilma f'temperatura ta' 293 K (20 °C) għandu jkun soġġett għal siegħa f'temperatura ambjentali ta' 368 K ± 2 K (95 °C ± 2 °C).
- 6.3. Ir-riżultati tat-test għandhom jitqiesu sodisfaċenti jekk, wara t-test, it-tank ma jkunx qed iċarċar u ma jkunx deformat b'mod gravi.
7. IL-MARKI FUQ IT-TANK TAL-KARBURANT
- L-isem jew marka kummerċjali għandha titwaħħal mat-tank; għandha tkun indelibbli u ċarament leġġibbli fuq it-tank meta dan tal-aħħar ikun installat fuq il-vettura.
-

Appendiċi 1

IT-TEST TAR-REŻISTENZA GHAN-NAR

Figura 1

Il-Fażi A: Is-sħana minn qabel




Figura 2

Il-Fażi B: L-espożizzjoni diretta għall-fjamma




Figura 3

Il-Fażi C: L-espożizzjoni indiretta għall-fjamma





Figura 4


Il-Fażi D: It-tmiem tat-test





## Appendiċi 2

## ID-DIMENSIJONJET U D-DEJTA TEKNIKA GĦALL-BRIKS LI JIRREŻISTU N-NAR



(Id-dimensjonijiet huma f'mm)

Ir-reżistenza għan-nar	(Segger-Kegel) SK 30
Kontenut ta' Al <sub>2</sub> O <sub>3</sub>	30 - 33
Porożità miftuħa (P <sub>o</sub> )	20 - 22 vol.
Densità	1 900 - 2 000 kg/m <sup>3</sup>
Żona effettiva bit-toqob	44,18





## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

